**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0216/2023**

19.6.2023

*****I**
# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill
(COM(2022)0156 – C9-0144/20222 – 2022/0104(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Radan Kanev

Rapporteurs għall-opinjonijiet tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Tomas Tobé, Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija
Benoît Lutgen, Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali



Magħquda fid-diversità

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........141

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA ......145

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI ...........160

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........202

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....204

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (COM(2022)0156 – C9-0144/2022 – 2022/0104(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0156),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192, il-paragrafu 1 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0144/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Parlament Ċek, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-14 ta' Lulju 2022[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-17 ta' Ottubru 2022[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0216/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-

[1] ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' ...
[2] ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' ...

Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[55] huwa l-istrateġija tal-Ewropa li tiżgura, sal-2050, ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari, l-ottimizzazzjoni ***tal-ġestjoni*** tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa ***għal*** politiki trasformattivi fil-fond. L-Unjoni hija impenjata wkoll ***li ssegwi*** l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[56] u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha[57]. L-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà[58] ta' Ottubru 2020 u l-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero[59] adottati f'Mejju 2021 jindirizzaw speċifikament l-aspetti tat-tniġġis tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. B'mod parallel, l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa[60] tkompli tenfasizza r-rwol potenzjali tat-teknoloġiji trasformattivi. Politiki oħra partikolarment rilevanti għal din l-inizjattiva jinkludu ***l-pakkett*** "lesti għall-mira ta' 55 %"[61], l-Istrateġija tal-Metan[62] u l-wegħda ta' Glasgow b'rabta mal-metan[63], l-Istrateġija tal-Adattament għall-Klima[64], l-Istrateġija tal-Bijodiversità[65], l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt66 u l-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli[67]. Barra minn hekk, bħala parti mir-rispons tal-UE għall-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna tal-2022, ir-REPowerEU[68] tipproponi Azzjoni Ewropea Konġunta biex tappoġġa d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, taċċellera t-tranżizzjoni għall-enerġija rinnovabbli u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika. | (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[55] huwa l-istrateġija tal-Ewropa li tiżgura, sal-2050, ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari, l-ottimizzazzjoni ***tal-użu (mill-ġdid) u l-ġestjoni*** tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa ***ta'*** politiki trasformattivi fil-fond***, tranżizzjoni ġusta u l-ħtieġa li jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent***. L-Unjoni hija impenjata wkoll ***għall-Ftehim ta' Pariġi[55a],*** l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[56] u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha[57] ***u l-involviment tagħha fid-WHO***. L-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà[58] ta' Ottubru 2020 u l-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero[59] adottati f'Mejju 2021 jindirizzaw speċifikament l-aspetti tat-tniġġis tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. B'mod parallel, l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa[60] tkompli tenfasizza r-rwol potenzjali tat-teknoloġiji trasformattivi. Politiki oħra partikolarment rilevanti għal din l-inizjattiva jinkludu ***l-liġi Ewropea dwar il-Klima[60a],il-pakkett*** "lesti għall-mira ta' 55 %"[61], l-Istrateġija tal-Metan[62] u l-wegħda ta' Glasgow b'rabta mal-metan[63], l-Istrateġija tal-Adattament għall-Klima[64], l-Istrateġija tal-Bijodiversità[65], l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt66***, l-Istrateġija dwar il-Ħamrija[66a]*** u l-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli[67]. Barra minn hekk, bħala parti mir-rispons tal-UE għall-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna tal-2022, ir-REPowerEU[68] tipproponi Azzjoni Ewropea Konġunta biex tappoġġa d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, |

| | |
|---|---|
| | taċċellera t-tranżizzjoni għall-enerġija rinnovabbli u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika. |
| [55] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final. | [55] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final. |
| | ***[55a] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4)*** |
| [56] https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E | [56] https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E |
| [57] https://sdgs.un.org/goals | [57] https://sdgs.un.org/goals |
| [58] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità COM(2020) 667 final. | [58] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità COM(2020) 667 final. |
| [59] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final. | [59] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final. |
| [60] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa COM(2020) 102 final. | [60] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa COM(2020) 102 final. |
| | ***60a Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas*** |

| | |
|---|---|
| | ***biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")*** |
| [61] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika COM/2021/550 final. | [61] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika COM/2021/550 final. |
| [62] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan COM(2020) 663 final. | [62] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan COM(2020) 663 final. |
| [63] https://www.globalmethanepledge.org/ | [63] https://www.globalmethanepledge.org/ |
| [64] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM(2021) 82 final. | [64] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM(2021) 82 final. |
| [65] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna COM(2020) 380 final. | [65] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna COM(2020) 380 final. |
| ***66*** Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent COM(2020) 381 final. | 66 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent COM(2020) 381 final. |
| | ***66a Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-*** |

| | |
|---|---|
| | ***nies, l-ikel, in-natura u l-klima; COM(2021)0699.*** |
| [67] 28 COM(2022) 142. | [67] 28 COM(2022) 142. |
| [68] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli; COM(2022) 108 final. | [68] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli; COM(2022) 108 final. |

**Emenda 2**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar reviżjoni tal-miżuri tal-Unjoni biex jiġi indirizzat it-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali kbar, inkluż ir-rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni settorjali tal-leġiżlazzjoni u kif dan isir kompletament konsistenti mal-politiki dwar il-klima, l-enerġija u l-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt jitolbu wkoll li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors, inklużi sorsi li bħalissa mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69]. Għalhekk, l-indirizzar tat-tniġġis minn ċerti attivitajiet agroindustrijali jeħtieġ l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. | (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar reviżjoni tal-miżuri tal-Unjoni biex jiġi indirizzat it-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali kbar, inkluż ir-rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni settorjali tal-leġiżlazzjoni u kif dan isir kompletament konsistenti mal-politiki dwar il-klima, l-enerġija***, l-ilma, il-kwalità tal-arja*** u l-ekonomija ċirkolari ***filwaqt li jiġu protetti s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini, u jiġu protetti l-annimali, minn riskji u impatti relatati mal-ambjent u filwaqt li jitqiesu l-interkonnessjonijiet bejn is-saħħa tal-bniedem u s-saħħa tal-annimali***. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt jitolbu wkoll li ***jitjiebu l-effiċjenza u l-użu mill-ġdid tar-riżorsi filwaqt li*** jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors, inklużi sorsi li bħalissa mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69]. Għalhekk, l-indirizzar tat-tniġġis minn ċerti attivitajiet agroindustrijali ***filwaqt li jiġu promossi prattiki agrikoli sostenibbli li għandhom kobenefiċċji multipli għall-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew*** jeħtieġ l-inklużjoni tagħhom fil- |

| | |
|---|---|
| | kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. |
| [69] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis); ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17-119. | [69] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis); ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17-119. |

**Emenda 3**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-industrija estrattiva tal-Unjoni hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-istrateġija industrijali tal-UE, inkluż l-aġġornament tagħha. Il-materja prima hija ta' importanza strateġika għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, għall-enerġija, għall-materjali u għat-trasformazzjoni tal-ekonomija ċirkolari u għat-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika tal-UE. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-kapaċitajiet domestiċi sostenibbli jeħtieġ li jiġu żviluppati ***ulterjorment.*** Dan jeħtieġ miżuri effettivi, adattati u armonizzati biex jiġi żgurat li jiġu stabbiliti u li jintużaw l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, u b'hekk jiġu applikati proċessi li huma kemm l-aktar effiċjenti kif ukoll li għandhom l-inqas impatti possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Il-mekkaniżmi ta' governanza tad-Direttiva 2010/75/UE li jassoċjaw mill-qrib l-esperti tal-industrija mal-iżvilupp ta' rekwiżiti ambjentali konsenswali u mfassla apposta se jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli ta' dawk l-attivitajiet fl-Unjoni. L-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' standards maqbula b'mod komuni se jwasslu għal kundizzjonijiet ekwi tal-Unjoni filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Għalhekk huwa xieraq li dawk l-attivitajiet jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad- | (3) L-industrija estrattiva tal-Unjoni hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-istrateġija industrijali tal-UE, inkluż l-aġġornament tagħha. Il-materja prima hija ta' importanza strateġika għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika, għall-enerġija, għall-materjali u għat-trasformazzjoni tal-ekonomija ċirkolari u għat-tisħiħ tar-reżiljenza ***u l-awtonomija*** ekonomika tal-UE. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-kapaċitajiet ***u l-provvista*** domestiċi sostenibbli jeħtieġ li jiġu żviluppati ***aktar, speċjalment fid-dawl tad-domanda globali dejjem tikber, il-vulnerabbiltà tal-ktajjen tal-provvista u t-tensjonijiet ġeopolitiċi.*** Dan jeħtieġ miżuri effettivi, adattati u armonizzati ***biss għal attivitajiet li jikkonċernaw ċerti minerali metalliferi u minerali industrijali speċifiċi li għandhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent u/jew il-konsum tal-ilma u l-enerġija bħall-ipproċessar kimiku, ikkonfermati minn valutazzjoni tal-impatt,*** biex jiġi żgurat li jiġu stabbiliti u li jintużaw l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, u b'hekk jiġu applikati proċessi li huma kemm l-aktar effiċjenti kif ukoll li għandhom l-inqas impatti possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. ***Jeħtieġ li l-Kummissjoni, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, tistabbilixxi lista eżawrjenti ta' tali*** |

| | |
|---|---|
| Direttiva 2010/75/UE. | ***attivitajiet li jikkonċernaw ċerti minerali industrijali.*** Il-mekkanizmi ta' governanza tad-Direttiva 2010/75/UE li jassoċjaw mill-qrib l-esperti tal-industrija mal-iżvilupp ta' rekwiżiti ambjentali konsenswali u mfassla apposta se jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli ta' dawk l-attivitajiet fl-Unjoni. L-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' standards maqbula b'mod komuni se jwasslu għal kundizzjonijiet ekwi tal-Unjoni filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Għalhekk huwa xieraq li dawk l-attivitajiet jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE ***kif ukoll li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta att delegat sabiex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE, fil-każ ta' skoperti kbar ġodda ta' minerali fl-Unjoni li jkollhom impatt ambjentali sinifikanti***. |

**Emenda 4**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Problemi persistenti b'irwejjaħ ("tniġġis tax-xamm") kif ukoll problemi bl-iskariku ta' ilma industrijali mormi li jistgħu jiġu aggravati minn fluttwazzjonijiet staġjonali tal-kundizzjonijiet ambjentali, huma kwistjoni ta' tħassib partikolari f'bosta oqsma fl-Unjoni u mhumiex indirizzati b'mod adegwat fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan l-att emendatorju jqis l-impatt tat-tniġġis tax-xamm u tal-iskariku tal-ilma industrijali fuq is-saħħa, il-kwalità tal-ambjent u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-Unjoni.*** |

**Emenda 5**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) It-trobbija tal-majjali, tat-tjur u tal-bhejjem tal-ifrat tikkawża emissjonijiet sinifikanti ta' sustanzi niġġiesa fl-arja u fl-ilma. Sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, inklużi l-ammonijaka, il-metan, in-nitrati u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u b'hekk tittejjeb il-kwalità tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, huwa meħtieġ li jitnaqqas il-limitu li 'l fuq minnu l-installazzjonijiet tal-majjali u tat-tjur huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE u li tiġi inkluża wkoll it-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat f'dak il-kamp ta' applikazzjoni. Ir-rekwiżiti rilevanti tal-BAT iqisu n-natura, id-daqs, id-densità u l-kumplessità ta' dawn l-installazzjonijiet, inkluż l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat ibbażati fuq il-mergħat, fejn l-annimali jkunu mrobbija biss skont l-istaġun f'installazzjonijiet fuq ġewwa, u l-firxa ta' impatti ambjentali li jista' jkollhom. Ir-rekwiżiti tal-proporzjonalità fil-BATs għandhom l-għan li jinċentivaw lill-bdiewa jimplimentaw it-tranżizzjoni neċessarja lejn prattiki agrikoli ***li*** dejjem aktar ekoloġiċi. | (4) It-trobbija tal-majjali, tat-tjur u tal-bhejjem tal-ifrat***, filwaqt li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel,*** tikkawża emissjonijiet sinifikanti ta' sustanzi niġġiesa fl-arja u fl-ilma. Sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, inklużi l-ammonijaka, il-metan, in-nitrati u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u b'hekk tittejjeb il-kwalità tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, huwa meħtieġ li jitnaqqas il-limitu li 'l fuq minnu l-installazzjonijiet ***kbar*** tal-majjali u tat-tjur huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE u li tiġi inkluża wkoll it-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat ***fuq skala kbira*** f'dak il-kamp ta' applikazzjoni. Ir-rekwiżiti rilevanti tal-BAT iqisu n-natura, id-daqs, id-densità u l-kumplessità ta' dawn l-installazzjonijiet, inkluż l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat ibbażati fuq il-mergħat, fejn l-annimali jkunu mrobbija biss skont l-istaġun f'installazzjonijiet fuq ġewwa, u l-firxa ta' impatti ambjentali li jista' jkollhom. Ir-rekwiżiti tal-proporzjonalità fil-BATs għandhom l-għan li jinċentivaw lill-bdiewa jimplimentaw it-tranżizzjoni neċessarja lejn prattiki agrikoli dejjem aktar ekoloġiċi. ***Standards ambjentali għoljin kemm fl-attivitajiet industrijali kif ukoll fit-trobbija intensiva tal-annimali għandhom it-tendenza li jżidu l-valur tal-produzzjoni tal-prodotti, u b'hekk jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni. Għalhekk, sabiex jiġu promossi standards ambjentali ogħla madwar id-dinja, huwa essenzjali li tiġi introdotta reċiproċità mal-produtturi barra mill-Unjoni, u b'hekk tiġi inċentivata l-importazzjoni fis-suq intern ta' prodotti li jikkonformaw ma' obbligi ambjentali simili, l-ewwel nett bil-produzzjoni agrikola skont l-Anness Ia kif previst f'din id-Direttiva u potenzjalment tali reċiproċità tiġi estiża għall-attivitajiet industrijali.*** |

**Emenda 6**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sal-***2040***, fl-Unjoni x'aktarx li sseħħ żieda sinifikanti fl-għadd ta' installazzjonijiet fuq skala kbira għall-produzzjoni ta' batteriji għall-vetturi elettriċi, li żżid is-sehem tal-Unjoni tal-produzzjoni globali tal-batteriji. Filwaqt li bosta mill-attivitajiet tal-katina tal-valur tal-batteriji huma diġà regolati mid-Direttiva 2010/75/UE u ***l-batteriji*** huma regolati bħala prodotti mir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* +., għadu meħtieġ li fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġu inklużi installazzjonijiet kbar li jimmanifatturaw il-batteriji, jiġi żgurat li ***dawn ikunu*** koperti wkoll mir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2010/75/UE u għalhekk jikkontribwixxu għal tkabbir aktar sostenibbli tal-manifattura tal-batteriji. L-inklużjoni ta' installazzjonijiet kbar li jimmanifatturaw il-batteriji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE se ttejjeb b'mod olistiku s-sostenibbiltà tal-batteriji u se timminimizza l-impatt tagħhom fuq l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. | (5) Sal-***2030***, fl-Unjoni x'aktarx li sseħħ żieda sinifikanti fl-għadd ta' installazzjonijiet fuq skala kbira għall-produzzjoni ta' batteriji għall-vetturi elettriċi, li żżid is-sehem tal-Unjoni tal-produzzjoni globali tal-batteriji. Filwaqt li bosta mill-attivitajiet tal-katina tal-valur tal-batteriji huma diġà regolati mid-Direttiva 2010/75/UE***, attivitajiet oħra, bħall-assemblaġġ ta' moduli tal-batteriji*** u ***pakki ta' batteriji jaqgħu b'mod ċar barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, il-batteriji*** huma regolati bħala prodotti mir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* +. ***Madankollu***, għadu meħtieġ li fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġu inklużi installazzjonijiet kbar li jimmanifatturaw il-batteriji, ***minbarra installazzjonijiet li jassemblaw esklużivament moduli ta' batteriji u pakki ta' batteriji, biex b'hekk*** jiġi żgurat li ***tali installazzjonijiet kbar ta' manifattura jkunu*** koperti wkoll mir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2010/75/UE u għalhekk jikkontribwixxu għal tkabbir aktar sostenibbli tal-manifattura tal-batteriji. L-inklużjoni ta' installazzjonijiet kbar li jimmanifatturaw il-batteriji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE se ttejjeb b'mod olistiku s-sostenibbiltà tal-batteriji u se timminimizza l-impatt tagħhom fuq l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. |

**Emenda 7**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-idroġenu rinnovabbli se jkun essenzjali biex jissostitwixxi l-fjuwils*** |

***fossili f'industriji u trasport li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati u li huma intensivi fl-enerġija, id-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija tal-Unjoni u t-tisħiħ tal-progress lejn in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050. Il-produzzjoni tal-idroġenu permezz tal-elettroliżi tal-ilma għandha impatt ambjentali ħafna aktar baxx mill-produzzjoni tiegħu f'impjanti tal-idroġenu konvenzjonali, u l-impronta tal-ilma hija kruċjali, u parametru speċifiku ħafna għall-post jiddependi mid-disponibbiltà, il-konsum, id-degradazzjoni u t-tniġġis tal-ilma lokali. Għalkemm jeħtieġ ilma ta' kwalità għolja għall-produzzjoni tiegħu, l-idroġenu bħala trasportatur tal-enerġija joffri potenzjal kbir għall-awtosuffiċjenza għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.***

**Emenda 8**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Bil-għan li jkompli jissaħħaħ l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-permessi għall-installazzjonijiet mogħtija skont id-Direttiva 2010/75/UE għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma jiġi ristrett l-aċċess għall-utenti rreġistrati. Sommarju uniformi tal-permessi jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll għall-pubbliku taħt l-istess kundizzjonijiet. | (6) Bil-għan li jkompli jissaħħaħ l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-permessi għall-installazzjonijiet mogħtija skont id-Direttiva 2010/75/UE għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma jiġi ristrett l-aċċess għall-utenti rreġistrati ***filwaqt li jiġi żgurat li l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali tiġi salvagwardjata***. Sommarju uniformi tal-permessi jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll għall-pubbliku taħt l-istess kundizzjonijiet. ***Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi linji gwida dwar il-pubblikazzjoni tal-permessi.*** |

**Emenda 9**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw ukoll miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità biex jippromwovu, jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità mal-obbligi mqiegħda fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi skont id-Direttiva 2010/75/UE. Bħala parti mill-miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jissospendu l-operat ta' installazzjoni fejn ksur kontinwu tal-kundizzjonijiet għal permess u n-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sejbiet tar-rapport ta' spezzjoni joħolqu jew jirriskjaw li jikkawżaw periklu għas-saħħa tal-bniedem jew effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, ***sabiex jitwaqqaf dak il-periklu***. | (8) L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw ukoll miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità biex jippromwovu, jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità mal-obbligi mqiegħda fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi skont id-Direttiva 2010/75/UE. Bħala parti mill-miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità, ***sabiex jitwaqqaf dak il-periklu,*** l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jissospendu l-operat ta' installazzjoni fejn ksur kontinwu tal-kundizzjonijiet għal permess u n-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sejbiet tar-rapport ta' spezzjoni joħolqu jew jirriskjaw li jikkawżaw periklu għas-saħħa tal-bniedem jew effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent ***ta' Stat Membru wieħed jew ta' diversi Stati Membri***, ***pereżempju, permezz ta' skariki tal-ilma mormi, u jaffettwaw ħażin is-servizzi tal-ekosistema, bħall-forniment tal-ilma tax-xorb. L-awtorità kompetenti jenħtieġ li ttejjeb il-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati affettwati u tinforma lill-operaturi tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi u lill-awtoritajiet kompetenti transfruntiera affettwati minn ksur.*** |

**Emenda 10**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex titrawwem l-effiċjenza enerġetika tal-installazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE li qed iwettqu attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, huwa xieraq li dawk ***l-installazzjonijiet*** jiġu sottomessi għar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fir-rigward tal-unitajiet ta' kombustjoni jew ta' unitajiet oħra li jarmu d-diossidu tal-karbonju fuq is-sit. | (9) Sabiex titrawwem l-effiċjenza enerġetika tal-installazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE li qed iwettqu attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, huwa xieraq li ***jiġi applikat il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" u li l-installazzjonijiet li jonqsu milli jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija ċċertifikata, jew*** dawk ***li jonqsu milli jimplimentaw ir-riżultati ta' awditu*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-enerġija ċċertifikat,*** jiġu sottomessi għar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fir-rigward tal-unitajiet ta' kombustjoni jew ta' unitajiet oħra li jarmu d-diossidu tal-karbonju fuq is-sit. ***Il-pjan REPowerEU jirrikonoxxi li l-miżuri tal-effiċjenza enerġetika jistgħu jtejbu r-reżiljenza fil-każ ta' tfixkil tal-importazzjonijiet tal-enerġija minn pajjiżi terzi lejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari fil-każ ta' kunflitti ġeopolitiċi.*** |

**Emenda 11**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE kkonkludiet li hemm bżonn li jissaħħu r-rabtiet bejn dik id-Direttiva u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006[71], biex jiġu indirizzati aħjar ir-riskji tal-użu tas-sustanzi kimiċi f'installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE. Sabiex jiġu żviluppati sinerġiji bejn il-ħidma mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) dwar is-sustanzi kimiċi u t-tħejjija tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT skont id-Direttiva 2010/75/UE, l-ECHA jenħtieġ li tingħata rwol formali fit-tali tħejjija tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT. | (10) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE kkonkludiet li hemm bżonn li jissaħħu r-rabtiet bejn dik id-Direttiva u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006[71], biex jiġu indirizzati aħjar ir-riskji tal-użu tas-sustanzi kimiċi f'installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE. Sabiex jiġu żviluppati sinerġiji***, b'mod partikolari dwar il-minimizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' sustanzi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi,*** bejn il-ħidma mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) dwar is-sustanzi kimiċi***,*** u t-tħejjija tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT skont id-Direttiva 2010/75/UE, l-ECHA jenħtieġ li tingħata rwol formali fit-tali tħejjija tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT. ***Barra minn hekk, dan il-proċess jibbenefika mill-għarfien espert tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.*** |
| [71] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) | [71] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) |

(ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

(ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

**Emenda 12**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni li tappoġġa d-determinazzjoni tal-livelli ta' emissjonijiet u tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT), filwaqt li tinżamm l-integrità ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, il-proċeduri għall-immaniġġjar ta' informazzjoni li tikkwalifika bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjali sensittiva, u kif miġbura mill-industrija fil-kuntest tal-iskambju ta' informazzjoni organizzat mill-Kummissjoni għall-fini tal-abbozzar, ir-rieżami jew l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT jenħtieġ li jiġu speċifikati. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-individwi li jipparteċipaw fl-iskambju ta' informazzjoni ma jikkondividux informazzjoni li tikkwalifika bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjali sensittiva ma' kwalunkwe rappreżentant ta' impriżi jew ta' assoċjazzjonijiet kummerċjali li jkollhom interess ekonomiku fl-attivitajiet industrijali kkonċernati u fis-swieq relatati. Tali skambju ta' informazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). | (11) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni li tappoġġa d-determinazzjoni tal-livelli ta' emissjonijiet u tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT), filwaqt li tinżamm l-integrità ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, il-proċeduri għall-immaniġġjar ta' informazzjoni li tikkwalifika bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjali sensittiva, u kif miġbura mill-industrija fil-kuntest tal-iskambju ta' informazzjoni organizzat mill-Kummissjoni għall-fini tal-abbozzar, ir-rieżami jew l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT jenħtieġ li jiġu speċifikati. Jenħtieġ li jiġi żgurat***, inkluż, pereżempju, permezz ta' ftehimiet ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni u l-anonimizzazzjoni tad-data,*** li l-individwi li jipparteċipaw fl-iskambju ta' informazzjoni ma jikkondividux informazzjoni li tikkwalifika bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjali sensittiva ma' kwalunkwe rappreżentant ta' impriżi jew ta' assoċjazzjonijiet kummerċjali li jkollhom interess ekonomiku fl-attivitajiet industrijali kkonċernati u fis-swieq relatati. Tali skambju ta' informazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). |

**Emenda 13**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali, huma meħtieġa sinerġiji u koordinazzjoni ma' leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti oħra tal-Unjoni, fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu kkonsultati kif xieraq qabel l-għoti ta' permess skont id-Direttiva 2010/75/UE. | (12) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali, huma meħtieġa sinerġiji u koordinazzjoni ma' leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti oħra tal-Unjoni, fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni***, b'mod partikolari mad-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016,*** jenħtieġ li jiġu kkonsultati kif xieraq qabel l-għoti ta' permess skont id-Direttiva 2010/75/UE. |

**Emenda 14**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Bil-ħsieb li jittejbu kontinwament il-prestazzjoni ambjentali u s-sikurezza tal-installazzjoni, inkluż billi tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart, jiġi ottimizzat l-użu ***tar-riżorsi*** u l-użu mill-ġdid tal-ilma, u l-prevenzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji assoċjati mal-użu ta' sustanzi perikolużi, jenħtieġ li l-operatur jistabbilixxi u jimplimenta sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, u jenħtieġ li jagħmilha disponibbli għall-pubbliku. L-EMS jenħtieġ li tkopri wkoll il-ġestjoni tar-riskji relatati mal-użu tas-sustanzi perikolużi u analiżi tas-sostituzzjoni possibbli ta' sustanzi perikolużi b'alternattivi aktar sikuri. | (13) Bil-ħsieb li jittejbu kontinwament il-prestazzjoni ambjentali u s-sikurezza tal-installazzjoni, inkluż billi tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart, jiġi ottimizzat l-użu u l-użu mill-ġdid ***tar-riżorsi u*** tal-ilma, u l-prevenzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji assoċjati mal-użu ta' sustanzi perikolużi, jenħtieġ li l-operatur jistabbilixxi u jimplimenta sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, u jenħtieġ li jagħmilha disponibbli għall-pubbliku***. L-EMS jenħtieġ li tiġi żviluppata b'mod li jirrifletti n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjoni, kif ukoll l-impatti ambjentali li jista' jkollha. L-EMS jenħtieġ li tiġi awditjata u tkun disponibbli bla ħlas għall-pubbliku fuq l-internet***. L-EMS jenħtieġ li tkopri wkoll il-ġestjoni tar-riskji relatati mal-użu tas- |

sustanzi perikolużi u analiżi tas-sostituzzjoni possibbli ta' sustanzi perikolużi b'alternattivi aktar sikuri.

**Emenda 15**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati ***ulterjorment*** il-kundizzjonijiet li taħthom l-awtorità kompetenti, meta tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli għar-rilaxxi ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma f'permess mogħti skont id-Direttiva 2010/75/UE, tista' tqis il-proċessi ta' trattament downstream f'impjant tat-trattament tal-ilma mormi, sabiex jiġi żgurat li tali rilaxxi ma jwasslux għal żieda fit-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa fl-ilmijiet riċeventi meta mqabbla ma' sitwazzjoni fejn l-installazzjoni tapplika l-BAT u tissodisfa l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli għar-rilaxxi diretti. | (14) Huwa meħtieġ li jiġu speċifikati ***aktar*** il-kundizzjonijiet li taħthom l-awtorità kompetenti, meta tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet applikabbli għar-rilaxxi ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma f'permess mogħti skont id-Direttiva 2010/75/UE, tista' tqis il-proċessi ta' trattament downstream f'impjant tat-trattament tal-ilma mormi, sabiex jiġi żgurat li tali rilaxxi ma jwasslux għal żieda fit-tagħbija ta' sustanzi niġġiesa fl-ilmijiet riċeventi ***jew jimpedixxu l-kapaċità jew il-potenzjal li jiġu rkuprati riżorsi mill-fluss tat-trattament tal-ilma mormi*** meta mqabbla ma' sitwazzjoni fejn l-installazzjoni tapplika l-BAT u tissodisfa l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli għar-rilaxxi diretti. |

**Emenda 16**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) L-għoti ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali jirrikjedi fost l-oħrajn l-istabbiliment fil-permessi tal-valuri limitu tal-emissjonijiet f'livell li jiżgura l-konformità mal-livelli ta' emissjonijiet applikabbli assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) | (15) L-għoti ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali jirrikjedi fost l-oħrajn l-istabbiliment fil-permessi tal-valuri limitu tal-emissjonijiet f'livell li jiżgura l-konformità mal-livelli ta' emissjonijiet applikabbli assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) |

| | |
|---|---|
| normalment jiġu espressi bħala meded, aktar milli bħala valuri uniċi, biex jirriflettu d-differenzi fi ħdan tip partikolari ta' installazzjonijiet li jirriżultaw f'varjazzjonijiet fil-prestazzjonijiet ambjentali miksuba meta tiġi applikata l-BAT. Pereżempju, BAT partikolari ma tipprovdix l-istess prestazzjoni għal installazzjonijiet differenti, xi BATs jistgħu ma jkunux adattati għall-użu f'ċerti installazzjonijiet, jew taħlita ta' BATs tista' tkun aktar effettiva fuq xi sustanzi niġġiesa jew fuq xi setturi ambjentali minn oħrajn. Il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali ġiet ipperikolata mill-prattika li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet fl-aktar tarf baxx tal-firxa ta' livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, mingħajr ma jitqies il-potenzjal ta' installazzjoni partikolari li tikseb livelli ta' emissjonijiet aktar baxxi permezz tal-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Tali prattika tiskoraġġixxi lil dawk li jinsabu quddiem nett milli jimplimentaw metodi tekniċi aktar effettivi, u xxekkel il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi f'livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li ***l-awtoritajiet*** kompetenti ***jkunu meħtieġa jistabbilixxu fil-permessi*** l-aktar ***valuri limitu baxxi possibbli*** tal-emissjonijiet li ***jirriflettu l-prestazzjoni tal-BAT għall-installazzjonijiet speċifiċi, filwaqt*** li ***jqisu l-firxa sħiħa tal-BAT-AELs*** u ***jimmiraw*** lejn l-aħjar prestazzjoni ambjentali ***possibbli għall-installazzjonijiet;*** sakemm l-operatur ma jurix li l-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT tippermetti biss lill-installazzjoni kkonċernata li tissodisfa valuri limitu tal-emissjonijiet inqas stretti. | normalment jiġu espressi bħala meded, aktar milli bħala valuri uniċi, biex jirriflettu d-differenzi fi ħdan tip partikolari ta' installazzjonijiet li jirriżultaw f'varjazzjonijiet fil-prestazzjonijiet ambjentali miksuba meta tiġi applikata l-BAT. Pereżempju, BAT partikolari ma tipprovdix l-istess prestazzjoni għal installazzjonijiet differenti, xi BATs jistgħu ma jkunux adattati għall-użu f'ċerti installazzjonijiet, jew taħlita ta' BATs tista' tkun aktar effettiva fuq xi sustanzi niġġiesa jew fuq xi setturi ambjentali minn oħrajn. Il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali ġiet ipperikolata mill-prattika li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet fl-aktar tarf baxx tal-firxa ta' livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, mingħajr ma jitqies il-potenzjal ta' installazzjoni partikolari li tikseb livelli ta' emissjonijiet aktar baxxi permezz tal-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Tali prattika tiskoraġġixxi lil dawk li jinsabu quddiem nett milli jimplimentaw metodi tekniċi aktar effettivi, u xxekkel il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi f'livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li ***l-awtorità*** kompetenti ***tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet, filwaqt li tqis il-medda sħiħa tal-BAT AELs, fil-livell*** l-aktar ***strett li jista' jinkiseb għall-installazzjoni speċifika. Il-valuri limitu*** tal-emissjonijiet ***jenħtieġ*** li ***jqisu l-effetti transmedjali, jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni mill-operatur li tanalizza l-fattibbiltà*** li ***jintlaħaq it-tarf l-aktar strett tal-medda tal-BAT-AEL*** u ***li timmira*** lejn l-aħjar prestazzjoni ambjentali ***ġenerali għall-installazzjoni speċifika f'kundizzjonijiet operattivi normali standard, filwaqt li jitqiesu l-fluttwazzjonijiet operattivi standard f'każijiet ta' medji fuq terminu qasir,*** sakemm l-operatur ma jurix li l-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT tippermetti biss lill-installazzjoni |

| | |
|---|---|
| | kkonċernata li tissodisfa valuri limitu tal-emissjonijiet inqas stretti. |

**Emenda 17**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Il-kontribut tad-Direttiva 2010/75/UE għall-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija u għall-ekonomija ċirkolari fl-Unjoni jenħtieġ li jsir aktar effettiv, filwaqt li jitqies il-prinċipju "L-Effiċjenza Enerġetika Tiġi l-Ewwel" bħala prinċipju gwida tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija. Għalhekk, il-permessi jenħtieġ li jistabbilixxu, fejn possibbli, valuri limitu ***obbligatorji*** tal-prestazzjoni ambjentali fuq il-livelli tal-konsum u tal-effiċjenza fir-riżorsi, inkluż dwar l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-materjali riċiklati, abbażi tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT ***AELs***) stabbiliti fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT. | (16) Il-kontribut tad-Direttiva 2010/75/UE għall-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija u għall-ekonomija ċirkolari fl-Unjoni jenħtieġ li jsir aktar effettiv, filwaqt li jitqies il-prinċipju "L-Effiċjenza Enerġetika Tiġi l-Ewwel" bħala prinċipju gwida tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija. Għalhekk, il-permessi jenħtieġ li jistabbilixxu, fejn possibbli, valuri limitu ***indikattivi*** tal-prestazzjoni ambjentali***, dment li jiġi żgurat it-tmiem bi prestazzjoni aktar baxxa tal-medda obbligatorja*** fuq il-livelli tal-konsum u tal-effiċjenza fir-riżorsi, inkluż dwar l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-materjali riċiklati, abbażi tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT ***AEPLs***) stabbiliti fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT***, filwaqt li jitqies il-konsum ogħla tal-enerġija relatat ma' ċerti attivitajiet u proċessi ta' dekarbonizzazzjoni u ta' tindif mit-tniġġis, u ma' tekniki emerġenti u innovattivi u l-ekosistema industrijali kollha. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħtu derogi temporanji biss meta valutazzjoni turi li l-kisba tal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali bl-aqwa tekniki disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT twassal għal kostijiet sproporzjonalment ogħla meta mqabbla mal-benefiċċji ambjentali u l-effetti transmedjali, u meta jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Bil-għan li tiġi evitata jew minimizzata l-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa minn installazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE u biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw derogi mill-valuri limitu tal-emissjonijiet jenħtieġ li jitfasslu aħjar permezz ta' prinċipji ġenerali, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni aktar armonizzata ta' tali derogi ***madwar l-Unjoni***. Barra minn hekk, id-derogi mill-valuri limitu tal-emissjonijiet jenħtieġ li ma jingħatawx meta jkunu jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-istandards ta' kwalità ambjentali. | (17) Bil-għan li tiġi evitata jew minimizzata l-emissjoni ta' sustanzi niġġiesa minn installazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE u biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw derogi mill-valuri limitu tal-emissjonijiet jenħtieġ li jitfasslu aħjar permezz ta' prinċipji ġenerali***. Jeħtieġ li jiġu pprovduti kriterji ċari, inklużi d-durata massima u l-iskeda ta' żmien għar-reviżjoni tad-derogi***, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni aktar armonizzata ta' tali derogi ***fl-Unjoni kollha***. Barra minn hekk, id-derogi mill-valuri limitu tal-emissjonijiet jenħtieġ li ma jingħatawx meta jkunu jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-istandards ta' kwalità ambjentali. |

**Emenda 19**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE kkonkludiet li kien hemm xi diskrepanza fl-approċċi ta' valutazzjoni tal-konformità għall-installazzjonijiet koperti mill-Kapitolu II ta' dik id-Direttiva. Sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu, tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni u kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, filwaqt li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi regoli komuni għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-validazzjoni tal-livelli mkejla kemm għall-emissjonijiet fl-arja kif ukoll għall- | (18) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE kkonkludiet li kien hemm xi diskrepanza fl-approċċi ta' valutazzjoni tal-konformità għall-installazzjonijiet koperti mill-Kapitolu II ta' dik id-Direttiva. Sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu, tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni u kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, filwaqt li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi ***u l-prevenzjoni tar-riskji ta' korruzzjoni***, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi regoli komuni għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-validazzjoni tal-livelli mkejla kemm għall- |

| | |
|---|---|
| emissjonijiet fl-ilma abbażi tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Dawk ir-regoli ta' valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li jieħdu preċedenza fuq ir-regoli stabbiliti fil-Kapitoli III u IV dwar il-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet li jinsabu fl-Annessi V u VI tad-Direttiva 2010/75/UE. | emissjonijiet fl-arja kif ukoll għall-emissjonijiet fl-ilma abbażi tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Dawk ir-regoli ta' valutazzjoni tal-konformità jenħtieġ li jieħdu preċedenza fuq ir-regoli stabbiliti fil-Kapitoli III u IV dwar il-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet li jinsabu fl-Annessi V u VI tad-Direttiva 2010/75/UE. |

**Emenda 20**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jenħtieġ li jiżguraw li jiġu ssimplifikati metodi armonizzati ta' monitoraġġ ambjentali, inklużi tekniki ta' monitoraġġ emerġenti, pereżempju permezz ta' kolonji tan-naħal tal-għasel, għad-detezzjoni ta' sustanzi niġġiesa rilevanti.*** |

**Emenda 21**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-istandards ta' kwalità ambjentali jirreferu għar-rekwiżiti kollha stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-arja u l-ilma; li jridu jiġu ssodisfati fi żmien partikolari minn ambjent partikolari jew minn parti partikolari tiegħu. Għalhekk huwa xieraq li jiġi ċċarat li meta jagħtu permess lil installazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jistabbilixxux biss kundizzjonijiet biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet tal-installazzjoni mal-konklużjonijiet tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, iżda jenħtieġ ukoll, fejn xieraq bil-ħsieb li jitnaqqas il-kontribut speċifiku tal-installazzjoni għat-tniġġis li jseħħ fiż- | (19) L-istandards ta' kwalità ambjentali jirreferu għar-rekwiżiti kollha stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-arja u l-ilma; li jridu jiġu ssodisfati fi żmien partikolari minn ambjent partikolari jew minn parti partikolari tiegħu. Għalhekk huwa xieraq li jiġi ċċarat li meta jagħtu permess lil installazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jistabbilixxux biss kundizzjonijiet biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet tal-installazzjoni mal-konklużjonijiet tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, iżda jenħtieġ ukoll, fejn xieraq bil-ħsieb li jitnaqqas il-kontribut speċifiku tal-installazzjoni għat-tniġġis li jseħħ fiż- |

| | |
|---|---|
| żona rilevanti, li jinkludu kundizzjonijiet addizzjonali speċifiċi fil-permess li jkunu aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-installazzjoni mal-istandards ta' kwalità ambjentali. Tali kundizzjonijiet jistgħu jikkonsistu fl-istabbiliment ta' valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti jew fil-limitazzjoni tat-tħaddim jew tal-kapaċità tal-installazzjoni. | żona rilevanti, ***u filwaqt li jitqies l-effett kumulattiv tal-installazzjonijiet fl-istess żona ġeografika,*** li jinkludu kundizzjonijiet addizzjonali speċifiċi fil-permess li jkunu aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-installazzjoni mal-istandards ta' kwalità ambjentali. Tali kundizzjonijiet jistgħu jikkonsistu fl-istabbiliment ta' valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti jew fil-limitazzjoni tat-tħaddim jew tal-kapaċità tal-installazzjoni. |

**Emenda 22**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Il-kundizzjonijiet għall-permessi jenħtieġ li jiġu ***riveduti*** regolarment u, fejn meħtieġ, aġġornati mill-awtorità kompetenti biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti. ***Tali rieżami jew aġġornament*** jenħtieġ li ***jsir ukoll*** fejn ikun meħtieġ li l-installazzjoni tikkonforma ma' standard ta' kwalità ambjentali, inkluż fil-każ ta' standard ta' kwalità ambjentali ġdid jew rivedut jew fejn l-istatus tal-ambjent riċeventi jeħtieġ reviżjoni tal-permess sabiex tinkiseb konformità mal-pjanijiet u mal-programmi stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħall-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72]. | (20) ***Sabiex jiġi żgurat li l-permessi mogħtija skont id-Direttiva 2010/75/UE jindirizzaw il-ħtieġa li tittejjeb il-prestazzjoni,*** il-kundizzjonijiet għall-permessi jenħtieġ li jiġu ***rieżaminati*** regolarment u, fejn meħtieġ, aġġornati mill-awtorità kompetenti biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti. ***Il-frekwenza ta' dawn ir-rieżamijiet jenħtieġ li tkun ta' 8 snin. Tali rikunsiderazzjonijiet tal-permess*** jenħtieġ li ***jsiru wkoll*** fejn ikun meħtieġ li l-installazzjoni tikkonforma ma' standard ta' kwalità ambjentali, inkluż fil-każ ta' standard ta' kwalità ambjentali ġdid jew rivedut jew fejn l-istatus tal-ambjent riċeventi jeħtieġ reviżjoni tal-permess sabiex tinkiseb konformità mal-pjanijiet u mal-programmi stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħall-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72]. |
| [72] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni | [72] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni |

| | |
|---|---|
| Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000). | Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000). |

**Emenda 23**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Minħabba l-prinċipju ġenerali tal-applikazzjoni mhux retroattiva ta' liġi, rekwiżiti ġodda għall-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali jenħtieġ li japplikaw biss għall-installazzjonijiet meta jkun meħtieġ aġġornament tal-permess bħala riżultat tal-adozzjoni ta' Konklużjoni ġdida tal-BAT wara d-data tat-tmiem għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, jew meta l-istandards ta' kwalità ambjentali jew is-sikurezza operattiva tal-installazzjoni jeħtieġu aġġornament tal-permess u sa mhux aktar tard minn 10 snin wara d-dħul fis-seħħ. Min-naħa l-oħra, għal installazzjonijiet ġodda li bdew il-proċedura ta' applikazzjoni wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva, ir-rekwiżiti l-ġodda għall-valuri limitu tal-emissjonijiet jenħtieġ li jkunu applikabbli.*** |

**Emenda 24**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Il-kooperazzjoni ***transkonfinali*** jenħtieġ li sseħħ qabel l-għoti ta' permessi fejn aktar minn Stat Membru wieħed jista' jiġi affettwat mill-operat ta' installazzjoni, u jenħtieġ li tinkludi informazzjoni u konsultazzjoni minn qabel tal-pubbliku kkonċernat u tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra li jistgħu jiġu affettwati. | (23) Il-kooperazzjoni ***transfruntiera permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni reġjonali xierqa*** jenħtieġ li sseħħ qabel ***ir-rikunsiderazzjoni jew*** l-għoti ta' permessi fejn aktar minn Stat Membru wieħed jista' jiġi affettwat mill-operat ta' installazzjoni, u jenħtieġ li tinkludi informazzjoni u konsultazzjoni minn qabel tal-pubbliku kkonċernat u tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra li jistgħu jiġu |

| | |
|---|---|
| | affettwati. |

**Emenda 25**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE sabet li, anke jekk jenħtieġ li trawwem it-trasformazzjoni tal-industrija Ewropea, din mhijiex dinamika biżżejjed u ma tappoġġax biżżejjed l-użu ta' proċessi u teknoloġiji innovattivi. Għalhekk huwa xieraq li jiġu ffaċilitati l-ittestjar u l-użu ta' metodi tekniċi emerġenti bi prestazzjoni ambjentali mtejba, biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mar-riċerkaturi u l-industriji fi proġetti ta' riċerka ffinanzjati pubblikament soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti fl-istrumenti ta' finanzjament Ewropej u nazzjonali rilevanti, kif ukoll li jiġi stabbilit ċentru ddedikat biex jappoġġa l-innovazzjoni billi jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi, inklużi metodi tekniċi emerġenti, rilevanti għal attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u biex jiġi kkaratterizzat il-livell ta' żvilupp tagħhom mir-riċerka sal-implimentazzjoni (livell ta' tħejjija teknoloġika jew "TRL") u ***l-prestazzjoni*** ambjentali ***tagħhom***. Dan se jinforma wkoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-tfassil, ir-rieżami u l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT. Il-metodi tekniċi innovattivi li għandhom jinġabru u jiġu analizzati miċ-ċentru jenħtieġ li ***tal-anqas*** ikunu fil-livell tat-teknoloġija muri fl-ambjent rilevanti (ambjent industrijalment rilevanti fil-każ ta' teknoloġiji abilitanti ewlenin) jew dimostrazzjoni tal-prototipi tas-sistema fl-ambjent operattiv (TRL 6-7). | (24) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE sabet li, anke jekk jenħtieġ li trawwem it-trasformazzjoni tal-industrija Ewropea, din mhijiex dinamika biżżejjed u ma tappoġġax biżżejjed l-użu ta' proċessi u teknoloġiji innovattivi***, inklużi dawk li huma essenzjali għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u għall-kisba tal-objettivi tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima***. ***Mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta' kwalunkwe teknika jew teknoloġija speċifika,*** għalhekk huwa xieraq li jiġu ffaċilitati l-ittestjar u l-użu ta' metodi tekniċi emerġenti bi prestazzjoni ambjentali mtejba, biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mar-riċerkaturi u l-industriji fi proġetti ta' riċerka ffinanzjati pubblikament soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti fl-istrumenti ta' finanzjament Ewropej u nazzjonali rilevanti, kif ukoll li jiġi stabbilit ċentru ddedikat biex jappoġġa l-innovazzjoni billi jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi, inklużi metodi tekniċi emerġenti, rilevanti għal attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u biex jiġi kkaratterizzat il-livell ta' żvilupp tagħhom mir-riċerka sal-implimentazzjoni (livell ta' tħejjija teknoloġika jew "TRL") u ***jiġi vvalutat il-livell tal-prestazzjoni*** ambjentali ***ta' dawk it-tekniki, filwaqt li titqies kwalunkwe limitazzjoni potenzjali fir-rigward tad-disponibbiltà tad-data***. Dan se jinforma wkoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-tfassil, ir-rieżami u l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT. Il-metodi tekniċi innovattivi li għandhom jinġabru u jiġu analizzati miċ-ċentru jenħtieġ li ***tal-inqas*** ikunu fil-livell tat-teknoloġija muri |

fl-ambjent rilevanti (ambjent industrijalment rilevanti fil-każ ta' teknoloġiji abilitanti ewlenin) jew dimostrazzjoni tal-prototipi tas-sistema fl-ambjent operattiv (TRL 6-7).

**Emenda 26**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) L-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni rigward ekonomija nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050 jitlob trasformazzjoni profonda tal-ekonomija tal-Unjoni. B'mod konsistenti mat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali, l-operaturi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2010/75/UE jenħtieġ li jinkludu pjanijiet ta' trasformazzjoni fis-sistemi ta' ġestjoni ambjentali tagħhom. Tali pjanijiet ta' trasformazzjoni se jikkomplementaw ukoll ir-rekwiżiti ta' Rapportar tas-Sostenibbiltà Korporattiva skont id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[75] ***billi jipprovdu mezz għall-implimentazzjoni konkreta*** ta' ***dawn ir-rekwiżiti fil-livell tal-installazzjoni***. L-ewwel prijorità hija t-trasformazzjoni tal-attivitajiet intensivi fl-enerġija elenkati fl-Anness I. Għalhekk, l-operaturi ta' installazzjonijiet intensivi fl-enerġija jenħtieġ li jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni sat-30 ta' Ġunju ***2030. L-operaturi tal-installazzjonijiet*** li ***jwettqu attivitajiet oħra elenkati fl-Anness I*** jenħtieġ li ***jkunu meħtieġa*** jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni ***bħala parti mir-rikunsiderazzjoni u l-aġġornament tal-permessi wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT ippubblikati wara l-***1 ta' Jannar 2030. Filwaqt li l-pjanijiet ta' trasformazzjoni jenħtieġ li jibqgħu dokumenti indikattivi mħejjija taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi, l-organizzazzjoni tal-awditjar ikkuntrattata mill-operaturi bħala parti mis-sistemi ta' | (25) L-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni rigward ekonomija nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050 jitlob trasformazzjoni profonda tal-ekonomija tal-Unjoni. B'mod konsistenti mat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali, l-operaturi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2010/75/UE jenħtieġ li jinkludu pjanijiet ta' trasformazzjoni ***indikattivi fil-livell ta' grupp, korporattiv jew ta' installazzjoni*** fis-sistemi ta' ġestjoni ambjentali tagħhom. Tali pjanijiet ta' trasformazzjoni se jikkomplementaw ukoll ir-rekwiżiti ta' Rapportar tas-Sostenibbiltà Korporattiva skont id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[75]***, filwaqt li għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni, l-informazzjoni jew id-data li diġà huma rrapportati skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, bħad-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill75a jew id-Direttiva dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva [ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru*** ta' ***referenza għal 2022/0051 (COD)]***[75b] ***jenħtieġ li jkun possibbli li sempliċiment issir referenza jekk ikunu konformi mal-elementi tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni***. L-ewwel prijorità hija t-trasformazzjoni tal-attivitajiet intensivi fl-enerġija elenkati fl-Anness I. Għalhekk, l-operaturi ta' installazzjonijiet intensivi fl-enerġija***, li għalihom tingħata deroga jew li huma fost il-200 installazzjoni li jniġġsu l-aktar ħlief għal installazzjonijiet bi pjan ta' għeluq għall-2035*** jenħtieġ li |

ġestjoni ambjentali tagħhom jenħtieġ li tivverifika li jkun fihom l-informazzjoni minima li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea f'att ***ta' implimentazzjoni***, u l-operaturi jenħtieġ li jagħmlu l-pjanijiet ta' trasformazzjoni pubbliċi.

[75] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE; ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19–76.

jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni sat-30 ta' Ġunju ***2027 fil-livell ta' installazzjoni. It-tieni prijorità hija li l-operaturi l-oħra kollha ta' installazzjonijiet intensivi fl-enerġija jenħtieġ li jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2029 fil-livell ta' grupp jew korporattiv b'referenza għal kull installazzjoni. Bl-istess mod, l-operaturi tal-installazzjonijiet li jwettqu attivitajiet oħra elenkati fl-Anness I jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni sal-***1 ta' Jannar 2030. Filwaqt li l-pjanijiet ta' trasformazzjoni jenħtieġ li jibqgħu dokumenti indikattivi mħejjija taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi, l-organizzazzjoni tal-awditjar ikkuntrattata mill-operaturi bħala parti mis-sistemi ta' ġestjoni ambjentali tagħhom jenħtieġ li tivverifika li jkun fihom l-informazzjoni minima li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea f'att ***delegat***, u l-operaturi jenħtieġ li jagħmlu l-pjanijiet ta' trasformazzjoni pubbliċi***, filwaqt li jirrispettaw il-kunfidenzjalità u ma jiżvelawx informazzjoni kummerċjali sensittiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-att delegat tal-pjan ta' trasformazzjoni fl-2035, u wara dan jenħtieġ li tirrevedi l-pjanijiet ta' trasformazzjoni.***

[75] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE; ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19–76.

***75a Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-***

***Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15).***

***75b Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937.***

**Emenda 27**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(25a) Meta jitqiesu r-riskji relatati mal-ilma għall-attivitajiet industrijali u r-riskji għall-ilma minnhom, speċjalment meta titqies is-sitwazzjoni attwali rigward in-nixfiet u l-għargħar fl-Ewropa jew il-livelli tal-baħar li qed jogħlew, l-għodod diġitali bħas-sistemi ta' ġestjoni diġitalizzati jistgħu jgħinu biex jivvalutaw u jimmaniġġjaw ir-riskji relatati mal-ilma b'mod kwantitattiv u kwalitattiv u jgħinu lill-operaturi fit-trasformazzjoni tal-installazzjonijiet tagħhom.*** |

**Emenda 28**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva 2010/75/UE tkompli tilħaq l-objettivi tagħha li tipprevjeni jew tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u tikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dik id-Direttiva sabiex tistabbilixxi regoli operattivi li jkun fihom | (29) Sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva 2010/75/UE tkompli tilħaq l-objettivi tagħha li tipprevjeni jew tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u tikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dik id-Direttiva sabiex tistabbilixxi regoli operattivi li jkun fihom |

| | |
|---|---|
| rekwiżiti għal attivitajiet relatati ***mat-trobbija ta' tjur***, ***majjali u bhejjem tal-ifrat, u li jiġu emendati l-Annessi I u Ia*** ta' ***dik id-Direttiva billi tiżdied attività agroindustrijali biex jiġi żgurat li tissodisfa l-objettivi tagħha li tipprevjeni*** jew ***tnaqqas l-emissjonijiet*** ta' ***sustanzi niġġiesa u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji ***stipulati*** fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[77]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.<br><br>[77] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14. | rekwiżiti għal attivitajiet relatati, ***irrispettivament mill-proċeduri*** ta' ***permess*** jew ta' ***reġistrazzjoni tagħhom, mat-trobbija fuq skala kbira tal-annimali skont l-Anness Ia ta' din id-Direttiva***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji ***stabbiliti*** fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[77]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.<br><br>[77] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14. |

**Emenda 29**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' (i) il-format li għandu jintuża għas-sommarju tal-permess; (ii) metodoloġija standardizzata għall- | (30) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' (i) il-format li għandu jintuża għas-sommarju tal-permess; (ii) metodoloġija standardizzata għall- |

valutazzjoni tad-disproporzjonalità bejn il-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT u l-benefiċċji ambjentali potenzjali, (iii) il-metodu ta' kejl għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-permess fir-rigward tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma, (iv) l-arranġamenti dettaljati meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament taċ-ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali, u (v) il-format li għandu jintuża għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[78].

valutazzjoni tad-disproporzjonalità bejn il-kostijiet tal-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT u l-benefiċċji ambjentali potenzjali ***filwaqt li jitqies il-metodu "Valur tal-Ħajja Statistika" (VSL), jekk xieraq***, (iii) il-metodu ta' kejl għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-permess fir-rigward tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma, (iv) l-arranġamenti dettaljati meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament taċ-ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali, u (v) il-format li għandu jintuża għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[78].

[78] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[78] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

**Emenda 30**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2010/75/UE, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat il-kontenut minimu ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi. Id-disparitajiet fir-reġimi tal-penali, il-fatt li l-penali imposti jitqiesu f'ħafna każijiet baxxi wisq biex verament ikollhom effett ta' deterrent fuq l-imġiba illegali, u n-nuqqas ta' implimentazzjoni uniformi madwar l-Istati Membri, jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi dwar l- | (31) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva 2010/75/UE, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat il-kontenut minimu ta' penali effettivi, proporzjonati u dissważivi. Id-disparitajiet fir-reġimi tal-penali, il-fatt li l-penali imposti jitqiesu f'ħafna każijiet baxxi wisq biex verament ikollhom effett ta' deterrent fuq l-imġiba illegali, u n-nuqqas ta' implimentazzjoni uniformi madwar l-Istati Membri, jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi dwar l- |

| | |
|---|---|
| emissjonijiet industrijali madwar l-Unjoni. Jenħtieġ li titqies id-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali fejn ksur identifikat skont din id-Direttiva jikkostitwixxi reat fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE. | emissjonijiet industrijali madwar l-Unjoni. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni uniformi billi tadotta linji gwida. Tali linji gwida jenħtieġ li jinkludu l-prinċipju ta' kumpens, bħala prijorità, tal-komunitajiet lokali li fihom tkun ġiet ikkawżata l-ħsara. Jenħtieġ li l-Istati Membri jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-prinċipju ta' ne bis in idem u l-prinċipju tal-proporzjonalità.*** Jenħtieġ li titqies id-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali fejn ksur identifikat skont din id-Direttiva jikkostitwixxi reat fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE. |

**Emenda 31**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Fejn ikun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-individwi affettwati jkunu jistgħu jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti u, fejn xieraq, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti responsabbli għall-ksur. Tali regoli dwar il-kumpens jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE. Huma jirfdu wkoll id-dritt għall-ħajja, l-integrità tal-persuna u l-kura tas-saħħa stabbiliti fl-Artikoli 2, 3 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-dritt għal rimedju effettiv kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Barra minn hekk, id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ma tagħtix lill- | (32) Fejn ikun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2010/75/UE, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-individwi affettwati jkunu jistgħu jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti u, fejn xieraq, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti responsabbli għall-ksur ***meta deċiżjoni, att jew ommissjoni tal-awtorità tkun ikkawżat id-dannu u kkontribwiet għalih***. Tali regoli dwar il-kumpens jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 191 tat-TFUE. Huma jirfdu wkoll id-dritt għall-ħajja, l-integrità tal-persuna u l-kura tas-saħħa stabbiliti fl-Artikoli 2, 3 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-dritt għal rimedju effettiv kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal- |

| | |
|---|---|
| partijiet privati dritt ta' kumpens bħala konsegwenza ta' dannu ambjentali jew ta' theddida imminenti ta' tali dannu. | Karta. Barra minn hekk, id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ma tagħtix lill-partijiet privati dritt ta' kumpens bħala konsegwenza ta' dannu ambjentali jew ta' theddida imminenti ta' tali dannu. |

**Emenda 32**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32a) F'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali bħall-pandemija tal-COVID-19 jew il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, meta installazzjoni tiffaċċja interruzzjoni persistenti fil-provvista ta' materja prima jew fjuwils jew tfixkil tal-elementi ta' teknika ta' tnaqqis minħabba force majeure, jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod temporanju valuri limitu inqas stretti tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet jew ambjentali, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni ġenerali tal-ambjent.*** |

**Emenda 33**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva 2010/75/UE tindirizza d-dritt għal kumpens għad-danni mġarrba minn individwi. Sabiex jiġi żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom kontra d-danni għas-saħħa kkawżati minn ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u b'hekk jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti ta' dik id-Direttiva, organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent, bl-inklużjoni ta' dawk li jippromwovu l-protezzjoni tal-konsumaturi u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali, bħala | (33) Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva 2010/75/UE tindirizza d-dritt għal kumpens għad-danni mġarrba minn individwi. Sabiex jiġi żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom kontra d-danni għas-saħħa kkawżati minn ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u b'hekk jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti ta' dik id-Direttiva, organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent, bl-inklużjoni ta' dawk li jippromwovu l-protezzjoni tal-konsumaturi u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali, bħala |

membri tal-pubbliku kkonċernat, jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom fi proċedimenti, kif jiddeterminaw l-Istati Membri, jew f'isem jew b'appoġġ għal kwalunkwe vittma, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' proċedura dwar ir-rappreżentanza u d-difiża quddiem il-qrati. L-Istati Membri ***normalment igawdu*** minn awtonomija proċedurali biex jiżguraw rimedju effettiv kontra l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, soġġett għar-rispett tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività. ***Madankollu,*** l-esperjenza turi li filwaqt li hemm evidenza epidemjoloġika qawwija fuq l-impatti negattivi tat-tniġġis fuq is-saħħa tal-popolazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-arja, huwa diffiċli għall-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE skont ir-regoli proċedurali ***dwar l-oneru tal-prova ġeneralment applikabbli fl-Istati Membri,*** li juru rabta ta' kawżalità bejn il-ħsara mġarrba u l-ksur. B'riżultat ta' dan, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE ma għandhomx mod effettiv biex jiksbu kumpens għall-ħsara kkawżata minn tali ksur. Sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-individwi li jiksbu kumpens għal ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u li jikkontribwixxu għal infurzar aktar effiċjenti tar-rekwiżiti tagħha madwar l-Unjoni, huwa meħtieġ li ***jiġi adattat l-oneru tal-prova*** applikabbli għal sitwazzjonijiet bħal dawn. ***Għalhekk***, ***meta individwu jkun jista' jipprovdi*** evidenza ***robusta*** biżżejjed ***biex iwassal*** għal preżunzjoni li l-ksur ***tad-Direttiva 2010/75/UE jkun l-oriġini tad-dannu kkawżat lis-saħħa*** ta' ***individwu***, ***jew ikkontribwixxa b'mod sinifikanti għalih***, jenħtieġ li jkun ***il-konvenut*** li ***jirribatti dik il-preżunzjoni sabiex jaħrab mir-responsabbiltà tiegħu***.

membri tal-pubbliku kkonċernat, jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom fi proċedimenti, kif jiddeterminaw l-Istati Membri, jew f'isem jew b'appoġġ għal kwalunkwe vittma, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' proċedura dwar ir-rappreżentanza u d-difiża quddiem il-qrati. L-Istati Membri ***jgawdu*** minn awtonomija proċedurali biex jiżguraw rimedju effettiv kontra l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, soġġett għar-rispett tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività. L-esperjenza turi li filwaqt li hemm evidenza epidemjoloġika qawwija fuq l-impatti negattivi tat-tniġġis fuq is-saħħa tal-popolazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-arja, huwa diffiċli għall-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE skont ir-regoli proċedurali li juru rabta ta' kawżalità bejn il-ħsara mġarrba u l-ksur. B'riżultat ta' dan, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE ma għandhomx mod effettiv biex jiksbu kumpens għall-ħsara kkawżata minn tali ksur. Sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-individwi li jiksbu kumpens għal ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u li jikkontribwixxu għal infurzar aktar effiċjenti tar-rekwiżiti tagħha madwar l-Unjoni, huwa meħtieġ li ***tiġi adattata leġiżlazzjoni nazzjonali dwar preżunzjonijiet konfutabbli*** applikabbli għal sitwazzjonijiet bħal dawn. ***Preżunzjonijiet konfutabbli huma mekkaniżmu komuni biex jittaffew id-diffikultajiet evidenzjali tar-rikorrent, filwaqt li jiġu ppreservati d-drittijiet tal-konvenut. Preżunzjonijiet konfutabbli huma applikabbli biss dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Sabiex jinżamm tqassim ġust tar-riskju***, ***u sabiex jiġi evitat treġġigħ lura tal-oneru tal-provi, jenħtieġ li rikorrent ikun meħtieġ juri*** evidenza ***rilevanti*** biżżejjed***, inkluża data xjentifika, li twassal*** għal preżunzjoni li l-ksur ***ikkawża jew ikkontribwixxa għad-dannu. Fid-dawl tal-isfidi evidenzjarji li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni midruba, speċjalment f'każijiet kumplessi, il-mekkaniżmu*** ta' ***preżunzjoni***

| | |
|---|---|
| | ***konfutabbli jikseb bilanċ ġust għall-individwu li jġarrab dannu għas-saħħa**, **għall-industrija u, fejn xieraq, għall-awtoritajiet tiegħu. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tintuża data xjentifika rilevanti, irrispettivament minn jekk tiġix ippubblikata fuq il-Portal, bħala evidenza f'konformità mad-dritt nazzjonali. Fejn tali data xjentifika rilevanti ma tkunx disponibbli***, jenħtieġ li jkun ***possibbli*** li ***tintuża evidenza oħra biex tappoġġa t-talba f'konformità mad-dritt nazzjonali***. |

**Emenda 34**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE wriet applikazzjonijiet diverġenti madwar l-Istati Membri dwar il-kopertura ta' installazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika permezz tal-ħami, minħabba li l-formulazzjoni tad-definizzjoni ta' din l-attività ppermettiet lill-Istati Membri jiddeċiedu jekk japplikawx iż-żewġ kriterji jew wieħed minnhom biss dwar il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-forn. Bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni aktar konsistenti ta' dik id-Direttiva u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, ***tali installazzjonijiet*** jenħtieġ li jiġu ***inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni*** ta' ***dik id-Direttiva kull meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda minn dawk iż-żewġ*** kriterji. | (35) L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE wriet applikazzjonijiet diverġenti madwar l-Istati Membri dwar il-kopertura ta' installazzjonijiet għall-manifattura ta' prodotti taċ-ċeramika permezz tal-ħami, minħabba li l-formulazzjoni tad-definizzjoni ta' din l-attività ppermettiet lill-Istati Membri jiddeċiedu jekk japplikawx iż-żewġ kriterji jew wieħed minnhom biss dwar il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-forn. Bil-ħsieb li tiġi żgurata implimentazzjoni aktar konsistenti ta' dik id-Direttiva***, kif ukoll konformità mad-Direttiva 2003/87/KE*** u li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jiġu ***stabbiliti kriterji ċari u mhux ambigwi għall-inklużjoni*** ta' ***manifattura fuq skala industrijali ta' prodotti taċ-ċeramika permezz tan-nar fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE. Tali*** kriterji ***jenħtieġ li jikkorrispondu mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE***. |

**Emenda 35**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (36) Meta tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi niġġiesa, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkunsidra s-sustanzi kollha, inklużi s-sustanzi ta' tħassib emerġenti, li jistgħu jiġu rilaxxati mill-installazzjoni kkonċernata u li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem. B'dan il-mod, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi tal-periklu, il-kwantità u n-natura tas-sustanzi emessi u l-potenzjal tagħhom li jniġġsu kwalunkwe settur ambjentali. Il-konklużjonijiet tal-BAT, fejn rilevanti, huma l-punt ta' referenza għall-għażla tas-sustanzi li għalihom iridu jiġu stabbiliti l-valuri limitu tal-emissjonijiet, għalkemm l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tagħżel sustanzi addizzjonali. Bħalissa, is-sustanzi niġġiesa individwali huma elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II tad-Direttiva 2010/75/UE; li mhuwiex kompatibbli mal-approċċ olistiku ta' dik id-Direttiva u ma jirriflettix il-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jqisu s-sustanzi niġġiesa rilevanti kollha, inklużi dawk ta' tħassib emerġenti. Għalhekk, jenħtieġ li titħassar il-lista mhux eżawrjenti ta' sustanzi niġġiesa. Minflok, jenħtieġ li ssir referenza għal-lista ta' sustanzi li jniġġsu fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006[79]. | (36) Meta tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi niġġiesa, l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tikkunsidra s-sustanzi kollha, inklużi s-sustanzi ta' tħassib emerġenti ***u t-tniġġis tax-xamm***, li jistgħu jiġu rilaxxati mill-installazzjoni kkonċernata ***fl-arja, fil-ħamrija, fl-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art*** u li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa tal-bniedem. B'dan il-mod, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi tal-periklu, il-kwantità u n-natura tas-sustanzi emessi u l-potenzjal tagħhom li jniġġsu kwalunkwe settur ambjentali ***kif ukoll fluttwazzjonijiet ambjentali staġjonali, li jenħtieġ li jitqiesu wkoll***. Il-konklużjonijiet tal-BAT, fejn rilevanti, huma l-punt ta' referenza għall-għażla tas-sustanzi li għalihom iridu jiġu stabbiliti l-valuri limitu tal-emissjonijiet, għalkemm l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tagħżel sustanzi addizzjonali. Bħalissa, is-sustanzi niġġiesa individwali huma elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II tad-Direttiva 2010/75/UE; li mhuwiex kompatibbli mal-approċċ olistiku ta' dik id-Direttiva u ma jirriflettix il-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jqisu s-sustanzi niġġiesa rilevanti kollha, inklużi dawk ta' tħassib emerġenti. Għalhekk, jenħtieġ li titħassar il-lista mhux eżawrjenti ta' sustanzi niġġiesa. Minflok, jenħtieġ li ssir referenza għal-lista ta' sustanzi li jniġġsu fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006[79]. |
| [79] Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1). | [79] Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1). |

**Emenda 36**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Għalkemm il-landfills huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, ma teżisti l-ebda konklużjoni tal-BAT għal-landfills peress li dik l-attività taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE[80] u r-rekwiżiti ta' din l-aħħar Direttiva jitqiesu li jikkostitwixxu l-BAT. Minħabba l-iżviluppi tekniċi u l-innovazzjoni li seħħew mill-adozzjoni tad-Direttiva 1999/31/KE, issa hemm disponibbli metodi tekniċi aktar effettivi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. L-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT skont id-Direttiva 2010/75/UE tippermetti li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ambjentali ewlenin relatati mal-operat tal-landfills tal-iskart, inklużi l-emissjonijiet sinifikanti tal-metan. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 1999/31/KE tippermetti l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT dwar il-landfills skont id-Direttiva 2010/75/UE. | (37) Għalkemm il-landfills huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, ma teżisti l-ebda konklużjoni tal-BAT għal-landfills peress li dik l-attività taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE[80] u r-rekwiżiti ta' din l-aħħar Direttiva jitqiesu li jikkostitwixxu l-BAT. Minħabba l-iżviluppi tekniċi u l-innovazzjoni li seħħew mill-adozzjoni tad-Direttiva 1999/31/KE, issa hemm disponibbli metodi tekniċi aktar effettivi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. L-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT skont id-Direttiva 2010/75/UE tippermetti li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet ambjentali ewlenin relatati mal-operat tal-landfills tal-iskart, inklużi l-emissjonijiet sinifikanti tal-metan. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 1999/31/KE tippermetti l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT dwar il-landfills skont id-Direttiva 2010/75/UE. ***Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2010/75/UE u 1999/31/KE jiġu emendati skont dan.*** |
| [80] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1). | [80] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1). |

**Emenda 37**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(38) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2010/75/UE u 1999/31/KE jiġu emendati skont dan.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 38**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 38a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(38a) Il-proċeduri skont id-Direttiva 2010/75/UE, inkluż il-preparazzjoni tal-BAT u l-proċeduri tal-permessi nazzjonali, huma kkunsidrati mill-industriji kkonċernati bħala twal wisq u jikkawżaw inċertezza għall-pubbliku kkonċernat, li hija, fil-biċċa l-kbira, minħabba kapaċità amministrattiva insuffiċjenti. F'dan ir-rigward, l-estensjoni konsiderevoli tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE tirrappreżenta sfida oħra għall-Kummissjoni, il-Forum taħt l-Artikolu 13 u, speċjalment, għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-kapaċità amministrattiva fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali, u b'hekk tippermetti l-aċċelerazzjoni tal-proċeduri previsti skont id-Direttiva, b'mod partikolari għat-teknoloġiji abilitanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri biex tikkonforma mal-proċeduri leġiżlattivi u tekniċi l-ġodda, bħal permezz ta' għodda diġitali uniformi għall-applikazzjoni għall-permessi.*** |

**Emenda 39**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 38b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(38b) Mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-att ta' emenda, l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkunu kapaċi jimmaniġġjaw l-ammont ta' xogħol miżjud relatat mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE kif emendata b'din id-Direttiva u jiżguraw proċess ta' ħruġ ta' permessi effiċjenti u bla xkiel, b'mod partikolari, fil-każ ta' permessi malajr għall-installazzjonijiet li japplikaw tekniki emerġenti, u b'hekk inaqqsu l-inċertezza*** |

| | |
|---|---|
| | ***għan-negozji għal minimu u jappoġġaw it-trasformazzjoni lejn industrija nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima, filwaqt li jissalvagwardjaw is-saħħa u d-drittijiet tal-pubbliku kkonċernat.*** |

**Emenda 40**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 1 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Tippreskrivi wkoll regoli maħsuba għall-prevenzjoni jew, meta dan ma jkunx prattiku, għat-tnaqqis ta' emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fl-art u għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kollu kemm hu. | Tippreskrivi wkoll regoli maħsuba għall-prevenzjoni jew, meta dan ma jkunx prattiku, għat-tnaqqis ***b'mod kontinwu*** ta' emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fl-art u għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kollu kemm hu. |

**Emenda 41**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Barra minn hekk, din tistabbilixxi regoli mfassla biex itejbu l-effiċjenza fir-riżorsi sabiex jitnaqqas l-użu tal-ilma, tal-enerġija u tal-materja prima.*** |

**Emenda 42**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt -a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) il-punt 2 huwa sostitwit kif ġej:*** |

| | |
|---|---|
| (2) “tniġġis” tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta’ ***attivita*** umana, ta’ sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana jew ***ħsejjes*** fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta’ ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tirriżulta ***fi ħsara*** għal proprjetà materjali, jew tgħarraq jew tfixkel il-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent; | ***“(2)*** “tniġġis” tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta’ ***attività*** umana, ta’ sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana***, ħsejjes*** jew ***irwejjaħ (“tniġġis tax-xamm”)*** fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta’ ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tirriżulta ***f’dannu*** għal proprjetà materjali, jew tgħarraq jew tfixkel il-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent; |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/FR/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 43**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-aa) jiddaħħal il-punt li ġej:*** |
| | ***(2a) “tniġġis tax-xamm” tfisser tniġġis prodott minn emissjonijiet gassużi fl-atmosfera li jista’ jikkawża korrimenti jew kundizzjoni ta’ mard jew stat ta’ telqa sinifikanti ġenerali għal persuni li jgħixu qrib l-installazzjoni.*** |

**Emenda 44**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ab (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) jiddaħħal il-punt li ġej:*** |
| | ***(5a) “valur limitu tal-prestazzjoni ambjentali” tfisser il-valur indikattiv tal-prestazzjoni ambjentali fil-firxa vinkolanti tal-livelli tal-prestazzjoni ambjentali, inklużi l-livelli tal-konsum, il-livelli tal-effiċjenza fir-riżorsi li jkopru l-materjali, l-ilma u r-riżorsi tal-enerġija, l-iskart, u*** |

| | |
|---|---|
| | ***livelli oħra miksuba skont kundizzjonijiet ta' referenza speċifikati, meta l-firxa ma tistax tinqabeż matul perjodu wieħed jew aktar ta' żmien.*** |

**Emenda 45**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ac (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ac) il-punt 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (9) "bidla sostanzjali" tfisser bidla fin-natura jew it-tħaddim, jew estensjoni, ta' installazzjoni jew impjant ta' kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart li jista' jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent; | "(9) "bidla sostanzjali" tfisser bidla fin-natura jew it-tħaddim, ***estensjoni*** jew estensjoni ***ta' durata ta' permess*** ta' installazzjoni jew impjant ta' kombustjoni, impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart li jista' jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent; |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 46**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ad (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10 – punti b u c

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ad) il-punti (b) u (c) tal-punt 10 jinbidlu b'dan li ġej:*** |
| ***(b)*** "metodi tekniċi disponibbli" tfisser dawk żviluppati fuq skala li tkun tippermetti l-implimentazzjoni fis-settur rilevanti industrijali, taħt kondizzjonijiet ekonomiċi u teknikament vijabbli, waqt li jitqiesu l-ispejjeż u l-vantaġġi, sew jekk il-metodi tekniċi jkunu użati u prodotti ġewwa ***l-Istat Membru inkwistjoni*** sew jekk le, sakemm dawn ikunu | "***(b)***"metodi tekniċi disponibbli" tfisser dawk żviluppati fuq skala li tkun tippermetti l-implimentazzjoni fis-settur rilevanti industrijali, taħt kondizzjonijiet ekonomiċi u teknikament vijabbli, waqt li jitqiesu l-ispejjeż u l-vantaġġi, sew jekk il-metodi tekniċi jkunu użati u prodotti ġewwa ***l-Unjoni*** sew jekk le, sakemm dawn ikunu raġonevolment aċċessibbli |

| | |
|---|---|
| raġonevolment aċċessibbli għall-operatur; | għall-operatur; |
| (c) "l-aħjar" tfisser l-aktar waħda effettiva biex jinkiseb livell ġenerali għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu; | (c) "l-aħjar" tfisser l-aktar waħda effettiva biex jinkiseb livell ġenerali għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu***, inklużi s-saħħa tal-bniedem u l-protezzjoni tal-klima***; |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 47**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 12

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) "il-konklużjonijiet tal-BAT" tfisser dokument li jinkludi l-partijiet ta' dokument ta' referenza tal-BAT li jistabbilixxi l-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, id-deskrizzjoni tagħhom, l-informazzjoni biex tiġi vvalutata l-applikabbiltà tagħhom, il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, il-monitoraġġ assoċjat, il-livelli ta' konsum assoċjati u, fejn adatt, il-miżuri rilevanti ta' rimedjazzjoni tas-sit; | (12) "il-konklużjonijiet tal-BAT" tfisser dokument li jinkludi l-partijiet ta' dokument ta' referenza tal-BAT li jistabbilixxi l-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, id-deskrizzjoni tagħhom, l-informazzjoni biex tiġi vvalutata l-applikabbiltà tagħhom, il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, ***il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati ma' metodi tekniċi emerġenti, il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati ma' metodi tekniċi emerġenti,*** il-monitoraġġ assoċjat, il-livelli ta' konsum assoċjati u, fejn adatt, il-miżuri rilevanti ta' rimedjazzjoni tas-sit; |

**Emenda 48**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13a) "livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli" tfisser il-firxa ta' livelli ta' prestazzjoni ambjentali, ħlief il-livelli ta' | (13a) "livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli" tfisser il-firxa ***vinkolanti*** ta' livelli ta' prestazzjoni ambjentali ***għal*** |

| | |
|---|---|
| emissjonijiet, miksuba f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim bl-użu ta' BAT jew taħlita ta' BATs; | ***installazzjonijiet fl-istess attivitajiet settorjali u li għandhom karatteristiċi simili, bħal trasportaturi tal-enerġija, materja prima, unitajiet ta' produzzjoni u prodotti finali, meta d-data magħmula disponibbli fl-iskambju ta' informazzjoni li tappoġġa d-determinazzjoni tal-BAT tkun robusta biżżejjed madwar l-Unjoni, li għandha tinkludi livelli ta' konsum u effiċjenza fir-riżorsi, għall-Konklużjonijiet tal-BAT wara l-ewwel konklużjoni wara [daħħal id-data tat-tmiem għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva emendatorja], il-livelli ta' użu mill-ġdid għall-ilma, l-enerġija, u l-materja prima,*** ħlief il-livelli ta' emissjonijiet, miksuba f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim bl-użu ta' BAT jew taħlita ta' BATs ***kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT, espressi bħala medja fuq perjodu ta' żmien partikolari, taħt kundizzjonijiet ta' referenza speċifikati***; |

**Emenda 49**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ca (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jiddaħħal il-punt li ġej:*** |
| | ***(13aa) "Impjant Industrijali għat-Trattament tal-Ilma Mormi" tfisser impjant għat-trattament tal-ilma mormi kopert mid-Direttiva 2010/75/UE;*** |

**Emenda 50**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt cb (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13ab (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) jiddaħħal il-punt li ġej:*** |

| | |
|---|---|
| | ***(13ab) "Impjant għat-Trattament tal-Ilma Mormi Urban" tfisser impjant għat-trattament tal-ilma mormi kopert mid-Direttiva 91/271/KEE;*** |

**Emenda 51**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt cc (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cc) il-punt 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (14) "teknika emerġenti" tfisser teknika ġdida għal attività industrijali li, jekk żviluppata kummerċjalment, tista' tipprovdi jew livell ġenerali ogħla ta' protezzjoni tal-ambjent jew mill-anqas l-istess livell ta' protezzjoni tal-ambjent u ffrankar akbar mill-aħjar metodi tekniċi disponibbli eżistenti; | "(14) "teknika emerġenti" tfisser teknika ġdida għal attività industrijali li, jekk żviluppata kummerċjalment, tista' tipprovdi jew livell ġenerali ogħla ta' protezzjoni tal-ambjent ***u tas-saħħa tal-bniedem*** jew mill-anqas l-istess livell ta' protezzjoni ***tas-saħħa tal-bniedem u*** tal-ambjent u ffrankar akbar mill-aħjar metodi tekniċi disponibbli eżistenti; |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt da (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) il-punt (23) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (23) "tjur" tfisser it-tjur kif definit ***fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/539/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi, u l-importazzjonijiet ta' tjur u bajd tat-tfaqqis minn pajjiżi terzi**** | "(23) "tjur" tfisser it-tjur kif definit ***fl-Artikolu 4, il-punt 9, tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali*;";*** |

** ĠU L 303, 31.10.1990, p. 6.*

** ĠU L 084, 31.3.2016, p. 1.*

**Emenda 53**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23ca) "regoli operattivi" tfisser ir-regoli għar-reġistrazzjonijiet jew inklużi fil-permessi jew fir-regoli ġenerali vinkolanti għar-reġistrazzjoni jew il-permess għall-operat tal-attivitajiet imsemmija fl-Anness Ia, li jkun fihom il-valuri limitu tal-emissjonijiet, il-valuri limitu ta' prestazzjoni ambjentali, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ assoċjati, u fejn rilevanti l-prattiki ta' tifrix fir-raba', il-prattiki ta' prevenzjoni u mitigazzjoni tat-tniġġis, il-ġestjoni nutrizzjonali, il-preparazzjoni tal-għalf, l-akkomodazzjoni, il-ġestjoni tad-demel (il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, it-tifrix fir-raba') u l-ħżin ta' annimali mejtin, li jkunu konsistenti mal-użu tal-aħjar tekniki disponibbli u miżuri rilevanti oħra konsistenti mal-Anness III.*** |

**Emenda 54**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23cb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23cb) "biedja estensiva" tirreferi għal tip ta' trobbija tal-annimali kkaratterizzat minn livelli baxxi ta' input għal kull unità ta' erja ta' art, abbażi ta' prattiki estensivi, b'densità ta' unitajiet ta' bhejjem ugwali għal jew inqas minn 2,0 LSU għal kull ettaru (LSU/ha densità) użat għar-ragħa, jew abbażi ta' prattiki*** |

| | |
|---|---|
| | ***tal-biedja ċċertifikati skont id-Direttiva 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, b'densità ta' unitajiet ta' bhejjem ugwali għal jew inqas minn 2,0 LSU għal kull ettaru (densità LSU/ha) użati għar-ragħa jew għall-foraġġ, jew prattiki ta' trobbija fejn il-bhejjem ikunu soġġetti għal prattiki ta' transumanza mill-inqas 180 jum fis-sena jew sakemm il-kundizzjonijiet klimatiċi jippermettu, b'mod partikolari fir-reġjuni alpin.*** |

**Emenda 55**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 48

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(48) "minerali industrijali" tfisser minerali użati fl-industrija għall-produzzjoni ta' prodotti nofshom lesti jew lesti, bl-eċċezzjoni ta' minerali li fihom il-metalli, minerali tal-enerġija, minerali tal-kostruzzjoni u ħaġar prezzjuż;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 56**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 49

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(49) "minerali metalliferi" tfisser minerali li jipproduċu metalli jew sustanzi metalliċi;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 57**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 50

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (50) "livelli ta' emissjonijiet assoċjati ma' metodi tekniċi emerġenti" tfisser il-firxa ta' livelli ta' emissjonijiet miksuba f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim bl-użu ta' metodu tekniku emerġenti jew b'taħlita ta' metodi tekniċi emerġenti, espressi bħala medja fuq perjodu ta' żmien partikolari, f'kundizzjonijiet ta' referenza speċifikati; | (50) "livelli ta' emissjonijiet assoċjati ma' metodi tekniċi emerġenti" tfisser il-firxa ta' livelli ta' emissjonijiet miksuba f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim bl-użu ta' metodu tekniku emerġenti jew b'taħlita ta' metodi tekniċi emerġenti, ***kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT,*** espressi bħala medja fuq perjodu ta' żmien partikolari, f'kundizzjonijiet ta' referenza speċifikati; |

**Emenda 58**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 51

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (51) "livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati ma' metodi tekniċi emerġenti" tfisser il-firxa ta' livelli ta' prestazzjoni ambjentali, ħlief il-livelli ta' emissjonijiet, miksuba f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim bl-użu ta' metodu tekniku emerġenti jew b'kombinazzjoni ta' metodi tekniċi emerġenti; | (51) "livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati ma' metodi tekniċi emerġenti" tfisser il-firxa ***indikattiva*** ta' livelli ta' prestazzjoni ambjentali, ħlief il-livelli ta' emissjonijiet, ***inklużi l-livelli ta' konsum ta' materjal, ilma u enerġija,*** miksuba f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim bl-użu ta' metodu tekniku emerġenti jew b'kombinazzjoni ta' metodi tekniċi emerġenti***, għal installazzjonijiet fi ħdan l-istess attivitajiet tas-settur u li għandhom karatteristiċi simili, bħal vetturi tal-enerġija, materja prima, unitajiet tal-produzzjoni u prodotti finali, espressi bħala medja fuq perijodu ta' żmien partikolari, taħt kundizzjonijiet ta' referenza speċifiċi***; |

**Emenda 59**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 53 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-livelli tal-konsum; | (a) il-livelli tal-konsum ***tal-ilma u tal-enerġija***; |

**Emenda 60**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 53 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-livelli tal-effiċjenza ***fir-riżorsi u*** l-livelli ta' użu mill-ġdid ***li jkopru r-riżorsi ta' materjali, ilma u enerġija***; | (b) il-livelli tal-effiċjenza ***tal-ilma, l-enerġija, u l-materja prima***; il-livelli ta' użu mill-ġdid ***tal-ilma, l-enerġija u l-materja prima***; |

**Emenda 61**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 53 – punt f

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) skart u livelli oħra miksuba f'kundizzjonijiet ta' referenza speċifikati | (e) skart u livelli oħra miksuba f'kundizzjonijiet ta' referenza speċifikati ***kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT, espressi bħala medja fuq perjodu ta' żmien partikolari***. |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 62**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 53a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(53a) "sistema tal-użu mill-ġdid tal-ilma" tfisser l-infrastruttura u elementi*** |

***tekniċi oħra meħtieġa għall-produzzjoni, il-provvista u l-użu tal-ilma reklamat; din tinkludi l-elementi kollha mill-punt tat-tluq tal-proċess tal-produzzjoni sal-punt li fih jintuża l-ilma reklamat, inkluża l-infrastruttura tad-distribuzzjoni u tal-ħżin, meta rilevanti;***

**Emenda 63**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 53b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(53b) "ilma reklamat" tfisser ilma li jkun ġie reklamat minn użi preċedenti u jerġa' jintuża għal skop ta' benefiċċju differenti;*** |

**Emenda 64**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt f**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 53c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(53c) "użu mill-ġdid tal-ilma" tfisser il-proċess li permezz tiegħu l-ilma jiġi rkuprat minn użu preċedenti u kkonvertit permezz ta' sistema ta' użu mill-ġdid tal-ilma f'ilma li jista' jerġa' jintuża għal varjetà ta' skopijiet;*** |

**Emenda 65**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:*** |

*Artikolu 3a*

***Informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali***

***1. F'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill90/313/KEE u d-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-informazzjoni mhux kunfidenzjali biss għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku skont id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.***

***2. Irrispettivament minn min jippubblika l-informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi jingħataw opportunità qabel il-pubblikazzjoni biex jitolbu b'mod proporzjonat it-trattament kunfidenzjali tal-elementi rilevanti u f'perjodu ta' żmien raġonevoli u definit b'mod ċar mill-awtorità kompetenti. L-informazzjoni tista' tiġi redatta, jew jekk dan ma jkunx possibbli, tista' tiġi eskluża fil-każ ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.***

***3. Sa mhux aktar tard minn xahar wara talba magħmula skont il-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta t-talba u tinnotifika lill-operatur bid-deċiżjoni tagħha. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim, l-operatur jista' jikkontesta d-deċiżjoni fl-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti tal-Istat Membru sa mhux aktar tard minn xahar wara d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti.***

***4. Jekk l-operatur jitlob trattament kunfidenzjali, l-awtorità kompetenti għandha tissospendi biss il-pubblikazzjoni tal-elementi kkontestati sakemm jintlaħaq ftehim mal-awtoritajiet kompetenti jew tittieħed deċiżjoni finali mill-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti tal-Istat Membru.***

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 5 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta', u l-proċeduri għall-ħruġ ta' permess jiġu koordinati kollha kemm huma meta aktar minn awtorità kompetenti waħda jew aktar minn operatur wieħed ikunu involuti jew meta jingħata aktar minn permess wieħed, sabiex jiġi garantit approċċ integrat effettiv mill-awtoritajiet kompetenti kollha għal din il-proċedura. | "2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta', u l-proċeduri għall-ħruġ ta' permess jiġu koordinati kollha kemm huma meta aktar minn awtorità kompetenti waħda jew aktar minn operatur wieħed ikunu involuti jew meta jingħata aktar minn permess wieħed. Sabiex jiġi garantit approċċ integrat effettiv mill-awtoritajiet kompetenti kollha għal din il-proċedura, ***għandha tiġi stabbilita sistema elettronika għall-permessi u għall-konformità***." |

*(32010L0075)*

**Emenda 67**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ħarsa ġenerali tal-kundizzjonijiet prinċipali għal permess; | (a) ħarsa ġenerali tal-kundizzjonijiet prinċipali ***li jinkludu r-rekwiżiti tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet***; |

**Emenda 68**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l- | ***Sal-31 ta' Diċembru 2024,*** il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni |

| | |
|---|---|
| format li għandu jintuża għas-sommarju msemmi fit-tieni subparagrafu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2). | biex tistabbilixxi l-format li għandu jintuża għas-sommarju msemmi fit-tieni subparagrafu ***u linji gwida dwar il-pubblikazzjoni ta' permessi msemmija fl-ewwel subparagrafu***. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2). |

**Emenda 69**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Sal-31 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni valutazzjoni dwar il-miżuri meħtieġa minħabba l-bidliet ta' din id-Direttiva, inkluż pronjożi u stimi tal-ammont ta' xogħol akkumulat tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġi żgurat li jkollhom kapaċità amministrattiva xierqa biex jipprovdu proċess ta' għoti ta' permessi f'waqtu, effiċjenti u bla xkiel.*** |

**Emenda 70**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 5 – paragrafu 4b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Mingħajr preġudizzju għal liġi rilevanti oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċess għall-għoti ta' permessi rapidi għal installazzjonijiet li japplikaw teknika emerġenti relatata mal-attività ewlenija tal-installazzjoni skont l-Artikolu 27c, ma jaqbiżx it-18-il xahar, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali.*** |
| | ***Jekk tkun meħtieġa estensjoni sa sitt*** |

| | |
|---|---|
| | ***xhur, l-Istat Membru għandu jinforma lill-operatur dwar iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-estensjoni.*** |
| | ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom ilestu l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal permess sa mhux aktar tard minn 90 jum wara li jirċevuhom.*** |
| | ***Fi żmien 90 jum minn meta l-applikant jissottometti talba rispettiva, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ opinjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' dettall li għandhom jiġu inklużi fil-valutazzjoni tal-impatt ambjentali. Jekk leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni tkun teħtieġ ukoll valutazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha tipprovdi proċeduri koordinati u konġunti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.*** |
| | ***Fi żmien 12-il xahar minn meta l-operatur jissottometti talba għal permess, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ilestu l-parti tal-konsultazzjoni pubblika tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali tal-proġett.*** |

**Emenda 71**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 5 – paragrafu 4c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 4a għandhom japplikaw ukoll fejn operatur japplika għal permess li jkopri aktar minn installazzjoni waħda taħt l-Artikolu 4(2).*** |

**Emenda 72**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 6 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Meta jiġu adottati reġoli ġenerali vinkolanti, il-permess jista' ***sempliċement*** jinkludi referenza għal dawn ir-regoli. | "Meta jiġu adottati reġoli ġenerali vinkolanti, il-permess jista' jinkludi referenza għal dawn ir-regoli. ***Meta jiġu adottati regoli ġenerali vinkolanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw approċċ integrat u livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb b'kondizzjonijiet għal permess individwali."*** |

*(32010L0075)*

**Emenda 73**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fil-każ ta' tniġġis li jaffettwa r-riżorsi tal-ilma tax-xorb, inkluż ir-riżorsi transkonfinali, jew li jaffettwa l-infrastruttura tal-ilma mormi fil-każ ta' rimi indirett, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-operaturi tal-ilma tax-xorb u l-ilma mormi affettwati, inklużi operaturi tal-ilma mormi transkonfinali, bil-miżuri meħuda biex jipprevjenu jew jirrimedjaw il-ħsara kkawżata minn dak it-tniġġis għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.*** |

**Emenda 74**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 7 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| Fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa b'mod sinifikanti s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident għandu jiżgura li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor tiġi infurmata minnufih. Il-kooperazzjoni transkonfinali u multidixxiplinari bejn l-Istati Membri affettwati għandu jkollha l-għan li tillimita l-konsegwenzi fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u li tipprevjeni aktar inċidenti jew aċċidenti possibbli. | Fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa b'mod sinifikanti s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident għandu jiżgura li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor tiġi infurmata minnufih ***permezz ta' mezzi tal-komunikazzjoni stabbiliti kif imsemmi fl-Artikolu 26(5)***. Il-kooperazzjoni transkonfinali u multidixxiplinari bejn l-Istati Membri affettwati għandu jkollha l-għan li tillimita l-konsegwenzi fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u li tipprevjeni aktar inċidenti jew aċċidenti possibbli. |

**Emenda 75**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Nuqqas ta' konformità*** | ***Konformità*** |

**Emenda 76**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Huma għandhom jadottaw ukoll miżuri ta' assigurazzjoni tal-konformità biex jippromwovu, jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità mal-obbligi mqiegħda fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi skont din id-Direttiva. | *(Ma taffettwax il-verżjoni bil-Malti).* |

**Emenda 77**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fil-każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet għal permess, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li: | Fil-każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ***li jirriżultaw minn din id-Direttiva***, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li: |

**Emenda 78**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm ma jerġax ikun hemm konformità skont il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien. | Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta' periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem***, għat-teħid tal-ilma tax-xorb*** jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u sakemm ma jerġax ikun hemm konformità skont il-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, it-tħaddim tal-installazzjoni, l-impjant ta' kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien. |

**Emenda 79**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fil-każ ta' ksur ta' konformità li jaffettwa r-riżorsi tal-ilma tax-xorb, inkluż ir-riżorsi transkonfinali, jew li jaffettwa l-infrastruttura tal-ilma mormi fil-każ ta' rimi indirett, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-operaturi tal-ilma tax-xorb u l-ilma mormi, u lill-awtoritajiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***rilevanti affettwati kollha li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali, inklużi l-awtoritajiet transkonfinali, bil-ksur u l-miżuri meħuda biex jipprevjenu jew jirrimedjaw il-ħsara kkawżata għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.*** |

**Emenda 80**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta l-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikompli jikkawża periklu għas-saħħa tal-bniedem jew effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa' jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6), it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu ***jista'*** jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għal permess. | Meta l-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikompli jikkawża periklu għas-saħħa tal-bniedem jew effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa' jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 23(6), it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu ***għandu*** jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa' tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet għal permess. |

**Emenda 81**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Is-sospensjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi infurzata b'mod effettiv u ma għandha tiġi posposta jew imwaqqfa bl-ebda mod, inkluż jekk l-operatur jikkontesta d-deċiżjoni ta' sospensjoni permezz ta' kwalunkwe mezz amministrattiv jew ġudizzjarju, sakemm*** |

| | |
|---|---|
| | ***ma jkunx hemm deċiżjoni ġudizzjarja definittiva li tikkonkludi li l-operazzjoni tista' titkompla.*** |

**Emenda 82**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 8 – paragrafu 3b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Fil-każ ta' kwalunkwe ksur tal-kundizzjonijiet għal permess li jaffettwa s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess għandu jiżgura li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor tiġi infurmata minnufih permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni stabbiliti kif imsemmi fl-Artikolu 26(5).*** |

**Emenda 83**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 9 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu ***(2) jitħassar.*** | (7) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 ***huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***Għall-attivitajiet elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma jimponux rekwiżiti relatati mal-effiċjenza tal-enerġija fir-rigward tal-unitajiet tal-kombustjoni jew unitajiet oħra li jemettu d-diossidu tal-karbonju fuq is-sit, biss fejn dawk l-installazzjonijiet huma koperti mill-obbligu li jwettqu awditu tal-enerġija jew li jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2012/27/UE (EED) u jekk ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***awditu jkunu ġew implimentati u/jew is-sistema ta' ġestjoni tal-enerġija tkun ġiet implimentata. Skont l-awditu msemmi fl-Artikolu 14a, il-verifikatur ambjentali għandu jinforma lill-awtorità kompetenti f'każ li r-rakkomandazzjoni kif imsemmija f'dan l-Artikolu ma tiġix implimentata.*** |

**Emenda 84**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Fl-Artikolu (11), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (c) ma jiġi kkawżat ebda tniġġis sinifikanti; | "(c) ma jiġi kkawżat ebda tniġġis sinifikanti***, inkluż it-tniġġis olfattiv***;" |

*(32010L0075)*

**Emenda 85**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt f

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Fl-Artikolu 11, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (f) l-enerġija tintuża b'mod effiċjenti; | "(f) l-enerġija tintuża b'mod effiċjenti ***u l-użu u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jiġu promossi***;" |

*(32010L0075)*

**Emenda 86**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt fa

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (fa) ir-riżorsi materjali u l-ilma jintużaw b'mod effiċjenti , inkluż permezz tal-użu mill-ġdid; | (fa) ir-riżorsi materjali u l-ilma jintużaw b'mod effiċjenti , inkluż permezz tal-użu mill-ġdid ***u tar-riċiklaġġ***; |

**Emenda 87**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt fb

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(fb) il-prestazzjoni ambjentali ġenerali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-katina tal-provvista titqies kif xieraq;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 88**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Fl-Artikolu 11(1), il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (g) għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġu evitati aċċidenti u jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom; | "(g) għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa ***biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem,*** jiġu evitati aċċidenti u jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom; |

*(32010L0075)*

**Emenda 89**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 12 – paragrafu 1– punt b

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) Fl-Artikolu 12(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (b) il-materja prima u dik awżiljari, sustanzi oħra ***u*** l-enerġija ***użata*** fi jew ***ġenerata*** mill-installazzjoni; | "(b) il-materja prima u dik awżiljari, sustanzi oħra***,*** l-enerġija ***u l-ilma użati*** fi jew ***iġġenerati*** mill-installazzjoni;" |

*(32010L0075)*

**Emenda 90**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8c (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 12 – paragrafu 1– punt c

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8c) Fl-Artikolu 12(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (c) is-sorsi tal-emissjonijiet mill-installazzjoni; | "(c) is-sorsi tal-emissjonijiet mill-installazzjoni***, inklużi l-emissjonijiet olfattivi***;" |

*(32010L0075)*

**Emenda 91**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8d (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 12 – paragrafu 1– punt f

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8d) Fl-Artikolu 12(1), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet imbassra mill-installazzjoni f'kull element ambjentali kif ukoll l-identifikazzjoni tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent; | "(f) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet imbassra***, inklużi l-emissjonijiet olfattivi bħala konċentrazzjonijiet u, fejn possibbli, tal-anqas fl-ilma, f'tagħbijiet,*** mill-installazzjoni f'kull element ambjentali kif ukoll l-identifikazzjoni tal-effetti sinifikanti tal-emissjonijiet fuq l-ambjent;" |

*(32010L0075)*

**Emenda 92**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt a**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Kummissjoni." | 1. Sabiex tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu ***s-saħħa tal-bniedem u*** l-protezzjoni tal-ambjent, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi***, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent*** u l-Kummissjoni. |

**Emenda 93**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***aa. jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha, sa tmiem it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (2012/119/UE) u tipprovdi kemm lill-grupp ta' ħidma tekniku ta' Sevilla kif ukoll lill-Forum skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva r-riżorsi meħtieġa u tadatta l-istruttura, il-kompetenzi u l-finanzjament tagħhom f'konformità mal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, l-informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjalment sensittiva għandha tiġi kondiviża biss mal-Kummissjoni ***u*** mal-individwi li ġejjin li jkunu ffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni: ħaddiema taċ-ċivil u impjegati pubbliċi oħra li jirrappreżentaw lill-Istati Membri jew lill-aġenziji tal-Unjoni, ***u*** rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent. L-iskambju ta' informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjali sensittiva għandu jibqa' limitat għal dak li huwa meħtieġ biex jitfasslu, jiġu rieżaminati u, fejn meħtieġ, jiġu aġġornati d-dokumenti ta' referenza tal-BAT u tali informazzjoni kummerċjali riżervata jew informazzjoni kummerċjali sensittiva ma għandhiex tintuża għal skopijiet oħra. | ***B'deroga mill-Artikolu 3a, u*** mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, l-informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjalment sensittiva għandha tiġi kondiviża biss mal-Kummissjoni. ***Din l-informazzjoni għandha tiġi anonimizzata, mingħajr referenza għall-operatur jew l-installazzjoni partikolari, qabel ma tiġi kondiviża*** mal-individwi li ġejjin li jkunu ffirmaw ftehim ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni: ħaddiema taċ-ċivil u impjegati pubbliċi oħra li jirrappreżentaw lill-Istati Membri jew lill-aġenziji tal-Unjoni, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent ***u rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw is-setturi industrijali rilevanti***. L-iskambju ta' informazzjoni meqjusa bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew informazzjoni kummerċjali sensittiva għandu jibqa' limitat għal dak li huwa ***teknikament*** meħtieġ biex jitfasslu, jiġu rieżaminati u, fejn meħtieġ, jiġu aġġornati d-dokumenti ta' referenza tal-BAT u tali informazzjoni kummerċjali riżervata jew informazzjoni kummerċjali sensittiva ma għandhiex tintuża għal skopijiet oħra. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jipprovdi mudell għal ftehim ta' kunfidenzjalità u ta' nuqqas ta' divulgazzjoni li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni f'konformità ma' dan il-paragrafu.*** |

**Emenda 95**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt ba (ġdid)**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tlaqqa' regolarment forum magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent. | "Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tlaqqa' regolarment forum ***ibbilanċjat*** magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, l-industriji kkonċernati u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni ***tas-saħħa tal-bniedem jew*** tal-ambjent." |

*(32010L0075)*

**Emenda 96**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt bb (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt d

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) il-paragrafu (3), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (d) gwida dwar it-tfassil ta' dokumenti ta' referenza tal-BAT u dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom inkluża l-adegwatezza tal-kontenut u l-format tagħhom. | "(d) gwida dwar it-tfassil ta' dokumenti ta' referenza tal-BAT***, inklużi l-effetti minn mezz għal ieħor, filwaqt li titqies l-ambizzjoni leġiżlattiva li dejjem qed tikber dwar id-dekarbonizzazzjoni u l-indipendenza tal-enerġija,*** u dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom inkluża l-adegwatezza tal-kontenut u l-format tagħhom***, kif ukoll indikazzjoni ċara tal-istrument xieraq, bħal punti ta' riferiment jew livelli ta' prestazzjoni ambjentali, b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' ħidma tekniku***." |

*(32010L0075)*

**Emenda 97**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt bc (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bc) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 5. Deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 75(2). | "5. ***L-iskambju ta' informazzjoni għat-tħejjija, ir-rieżami u, jekk meħtieġ, l-aġġornament, ta' dokument BREF ma għandux jaqbeż perjodu ta' erba' snin. L-opinjoni tal-forum imsemmi fil-paragrafu 3 dwar il-kontenut propost ta' BREF għandha tiġi ppreżentata fi żmien sitt xhur mil-laqgħa finali tal-grupp ta' esperti responsabbli għar-rieżami tal-BREF.*** |
| | Deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 75(2). ***Id-dokumenti ta' referenza tal-BAT għandhom jiġu rieżaminati u, meta meħtieġ, aġġornati tal-inqas kull tmien snin.***" |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 98**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt bd (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 6

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bd) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 6. Wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha, ***mingħajr dewmien***, tagħmel disponibbli pubblikament id-dokument ta' referenza tal-BAT ***u tiżgura li*** l-konklużjonijiet tal-BAT ***ikunu*** disponibbli | "6. Wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha, ***fi żmien xahar***, tagħmel disponibbli pubblikament id-dokument ta' referenza tal-BAT u l-konklużjonijiet tal-BAT disponibbli ***għall-pubbliku fuq paġna web li tkun faċli biex tinstab***. ***Il-*** |

| | |
|---|---|
| fil-lingwi uffiċjali kollha ***tal-Istati Membri***. | ***konklużjoni tal-BAT għandha tiġi ppubblikata*** fil-lingwi uffiċjali kollha ***tal-Unjoni u għandha tkun disponibbli online fuq il-Portal tal-Emissjonijiet Industrijali***." |

*(32010L0075)*

**Emenda 99**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt ia (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:*** |
| | ***Meta installazzjoni industrijali tirrilaxxa l-ilma mormi direttament jew indirettament fl-ilma tal-wiċċ, l-operaturi tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi għandhom jiġu kkonsultati qabel ma jinħareġ il-permess dwar il-konsegwenzi potenzjali tal-emissjonijiet fuq l-infrastrutturi tagħhom u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. L-awtoritajiet għandhom iqisu din l-informazzjoni meta jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għal permess. Tali proċedura ma għandhiex iddewwem l-għoti tal-permess bla bżonn.*** |

**Emenda 100**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt ii**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006*, u għal sustanzi oħra li jniġġsu, li x'aktarx | (a) il-valuri limitu tal-emissjonijiet għal sustanzi li jniġġsu elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 166/2006*, u għal sustanzi niġġiesa oħra***, b'mod*** |

| | |
|---|---|
| joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor; | ***partikolari l-emissjonijiet tal-irwejjaħ u s-sustanzi ta' tħassib serju ħafna fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, indikati bħala sustanzi prijoritarji skont id-Direttivi 2000/60/KE jew 2008/105/KE, dwar il-listi ta' sorveljanza stabbiliti fil-qafas tad-Direttivi 2006/118/KE jew 2008/105/KE, jew sustanzi oħra li huma soġġetti għal valuri ta' limitu jew restrizzjonijiet oħra skont id-Direttivi 2008/50/KE, 2004/107/KE jew 2006/118/KE, sal-adozzjoni tal-att delegat li jespandi l-Anness II tar-Regolament dwar il-Portal tal-Emissjonijiet Industrijali,*** li x'aktarx joħorġu mill-installazzjoni kkonċernata fi kwantitajiet sinifikanti, wara li jiġu kkunsidrati n-natura u l-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor***, iqisu l-varjazzjonijiet ambjentali staġjonali***; |
| ___________ | ___________ |
| * Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1)."; | * Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1)."; |

**Emenda 101**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt iii**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt aa

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (aa) valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali; | (aa) valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali***, kif imsemmi fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 15(3a)***; |

**Emenda 102**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt iv**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ, u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni; | (b) rekwiżiti adattati li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ, u miżuri li jikkonċernaw il-monitoraġġ u l-immaniġġar tal-iskart iġġenerat mill-installazzjoni***, b'attenzjoni speċifika mogħtija lill-produzzjoni tal-ilma tax-xorb***; |

**Emenda 103**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt v**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ba) rekwiżiti adattati għal sistema ta' ġestjoni ambjentali ***kif stabbilit fl-Artikolu*** 14a; | (ba) rekwiżiti adattati ***li jistabbilixxu l-karatteristiċi ġenerali*** għal sistema ta' ġestjoni ambjentali ***f'konformità mal-Artikolu*** 14a; |

**Emenda 104**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt via (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt c – subpunt iia (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(via) fil-punt (c), jiżdied is-subpunt (iia) (ġdid) li ġej:*** |
| | ***(ii a) rekwiżiti għall-kontroll tal-kwalità tal-laboratorji li jwettqu l-monitoraġġ, abbażi ta' standards internazzjonali bħal ISO 17025.*** |

**Emenda 105**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt a – punt viia (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE

Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt e

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(vii a) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (e) rekwiżiti adatti għaż-żamma fl-ordni u s-sorveljanza regolari ta' miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art skont il-punt (b) u rekwiżiti adatti li jikkonċernaw il-monitoraġġ perijodiku ta' ħamrija u ilma ta' taħt l-art fir-rigward ta' sustanzi perikolużi rilevanti li x'aktarx jinstabu fuq is-sit u b'konsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni; | "(e) rekwiżiti adatti għaż-żamma fl-ordni u s-sorveljanza regolari ta' miżuri meħudin għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ***tal-wiċċ u*** ta' taħt l-art skont il-punt (b) u rekwiżiti adatti li jikkonċernaw il-monitoraġġ perijodiku ta' ħamrija u ilma ***tal-wiċċ u*** ta' taħt l-art fir-rigward ta' sustanzi perikolużi rilevanti li x'aktarx jinstabu fuq is-sit u b'konsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ***tal-wiċċ u*** ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni; |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 106**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***2a. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi mill-miżura msemmija fil-paragrafu 1, is-subparagrafu 2, il-punt (bb) sa tnax-il xahar. Tali deroga tista' tapplika biss wara l-għoti tal-permess, dment li jkunu diġà saru sforzi suffiċjenti biex l-EMS tiġi ffinalizzata f'dak il-perjodu ta' żmien.*** |

**Emenda 107**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur iħejji u jimplimenta, għal kull installazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS"). L-EMS għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet inklużi fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS. | L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur iħejji u jimplimenta, għal kull installazzjoni***, inkluż, skont l-Artikolu 4(2), għal installazzjonijiet koperti b'mod konġunt mill-permess,*** li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, sistema ta' ġestjoni ambjentali ("EMS"). ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li għandhom jissemmew fil-kundizzjonijiet tal-permess li jikkonċernaw il-karatteristiċi tal-EMS ikunu ta' natura ġenerali biss.***<br><br>L-EMS għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet inklużi fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS***, fil-forma ta' test standardizzat kif ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fi BREFs, abbażi ta' opinjoni mill-forum msemmi fl-Artikolu 13***. |

**Emenda 108**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-EMS għandha tiġi ***riveduta perjodikament biex jiġi żgurat li tkompli tkun xierqa, adegwata u effettiva***. | L-EMS għandha tiġi ***awditjata mill-inqas kull tliet snin minn verifikatur ambjentali, kif definit fl-Artikolu 2(20) tar-Regolament 1221/2009, li jivverifika l-konformità tal-EMS, u tal-implimentazzjoni tagħha, ma' dan l-Artikolu. Il-liċenzja jew l-akkreditazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(20) tar-Regolament 1221/2009 għandha tinkludi r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 109**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-EMS għandha tinkludi mill-inqas ***dan li ġej***: | 2. L-EMS għandha tinkludi mill-inqas ***l-informazzjoni li ġejja***: |

**Emenda 110**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta’ aspetti ambjentali sinifikanti, li għandhom iqisu l-parametri referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT ***u l-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-katina tal-provvista***; | (b) objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward ta’ aspetti ambjentali sinifikanti, li għandhom iqisu l-parametri referenzjarji stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT; |

**Emenda 111**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 2 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) inventarju tas-sustanzi kimiċi tas-sustanzi perikolużi preżenti fl-installazzjoni bħala tali, bħala kostitwenti ta’ sustanzi oħra jew bħala parti mit-taħlitiet, valutazzjoni tar-riskju tal-impatt ta’ sustanzi bħal dawn fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u analiżi tal-possibbiltajiet li jiġu sostitwiti b’alternattivi aktar sikuri; | (d) inventarju tas-sustanzi kimiċi tas-sustanzi perikolużi preżenti ***rilevanti*** fl-installazzjoni bħala tali, bħala kostitwenti ta’ sustanzi oħra jew bħala parti mit-taħlitiet, valutazzjoni tar-riskju tal-impatt ta’ sustanzi bħal dawn fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u analiżi tal-possibbiltajiet li jiġu sostitwiti b’alternattivi aktar sikuri; |

**Emenda 112**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 2010/75/UE

Artikolu 14a – paragrafu 2 – subparagrafi 2, 3 u 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-livell ta' dettall tal-EMS għandu jkun konsistenti man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-installazzjoni, u l-firxa tal-impatti ambjentali li jista' jkollha.*** |
| | ***F'każijiet fejn l-EMS hija inkluża f'konklużjoni tal-BAT iżda l-EMS ma tkoprix elementi stabbiliti fl-Artikolu 14a(2), il-punti (a) sa (e), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur iħejji u jimplimenta l-EMS sa 12-il xahar wara d-data ta' tmiem tat-transpożizzjoni ta' din id-Direttiva.*** |
| | ***Meta l-elementi tal-EMS, jew l-indikaturi tal-prestazzjoni, l-objettivi u l-miżuri relatati jkunu diġà ġew żviluppati f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u jikkonformaw ma' dan il-paragrafu, referenza fl-EMS għad-dokumenti rilevanti għandha tkun biżżejjed.*** |

**Emenda 113**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-EMS ta' installazzjoni għandha tkun disponibbli fuq l-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati. | 3. L-EMS ta' installazzjoni għandha tkun disponibbli fuq l-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati ***f'konformità mal-Artikolu 4a ta' din id-Direttiva***. |

**Emenda 114**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| Fir-rigward tar-rilaxxi indiretti ta’ sustanzi niġġiesa fl-ilma, l-effett ta’ impjant tat-trattament tal-ilma mormi barra mill-installazzjoni jista’ jitqies meta jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-installazzjoni kkonċernata, dment li l-operatur jiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin: | Fir-rigward tar-rilaxxi indiretti ta’ sustanzi niġġiesa fl-ilma, ***fl-ewwel stadju, għandu jitqies l-effett fuq impjant tat-trattament tal-ilma mormi urban jew industrijali, kif applikabbli, barra mill-installazzjoni, meta jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-installazzjoni kkonċernata f'konformità mal-Artikolu 14 tad-Direttiva [id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (riformulazzjoni)]. Bħala t-tieni pass,*** l-effett ta’ impjant tat-trattament tal-ilma mormi barra ***urban jew industrijali*** mill-installazzjoni jista’ jitqies meta jiġu ddeterminati l-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-installazzjoni kkonċernata***. Il-passi, kif imsemmija f'dan il-paragrafu, għandhom jittieħdu*** dment li ***jiġi garantit livell ekwivalenti ta’ protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu, li tali passi ma jwasslux għal livelli ogħla ta’ tniġġis fl-ambjent u sakemm*** l-operatur jiżgura li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin: |

**Emenda 115**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) is-sustanzi niġġiesa rilaxxati ma jfixklux it-tħaddim tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi; | (a) is-sustanzi niġġiesa rilaxxati ma jfixklux it-tħaddim tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi ***u lanqas il-kapaċità li jiġu rkuprati r-riżorsi mill-fluss tat-trattament tal-ilma mormi***; |

**Emenda 116**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità kompetenti għandha | ***Soġġett għall-pubblikazzjoni ta’*** |

tistabbilixxi l-aktar valuri limitu tal-emissjonijiet stretti ***possibbli*** li huma konsistenti mal-aktar emissjonijiet baxxi li jistgħu jinkisbu bl-applikazzjoni tal-BAT fl-installazzjoni, ***u li*** jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5). Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni mill-operatur li tanalizza l-fattibbiltà li jiġi ssodisfat it-tarf l-aktar strett tal-medda tal-BAT-AEL u li tintwera l-aħjar prestazzjoni li tista' tikseb l-installazzjoni billi tiġi applikata l-BAT kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

***konklużjonijiet ġodda jew emendati tal-BAT, wara t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 21(3), jew meta l-permess jingħata jew jiġi aġġornat skont l-Artikolu 21(5), jew [id-data tal-ewwel jum tax-xahar 10 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], skont liema tiġi l-ewwel u għall-operaturi li jkunu ppreżentaw għall-applikazzjoni ta' permess wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva u filwaqt li titqies id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/119/UE ("Il-Gwida BREF")*** l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-aktar valuri limitu tal-emissjonijiet stretti ***li jistgħu jinkisbu għall-installazzjoni speċifika*** li huma konsistenti mal-aktar emissjonijiet baxxi li jistgħu jinkisbu bl-applikazzjoni tal-BAT fl-installazzjoni***. Dawk il-valuri limitu għandhom iqisu l-effetti minn mezz għal ieħor u*** jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5). Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni mill-operatur ***tal-firxa sħiħa BAT-AEL,*** li tanalizza l-fattibbiltà li jiġi ssodisfat it-tarf l-aktar strett tal-medda tal-BAT-AEL u li tintwera l-aħjar prestazzjoni ***ġenerali*** li tista' tikseb l-installazzjoni ***speċifika taħt kundizzjonijiet normali ta' operat, filwaqt li jitqiesu l-varjazzjonijiet fl-operat standard f'każijiet ta' medji għal perijodu qasir,*** billi tiġi applikata l-BAT kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

**Emenda 117**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE

Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Jekk jiġu adottati regoli ġenerali vinkolanti li jikkonċernaw l-Artikolu 15(3), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli ġenerali vinkolanti dwar l-aktar valuri limitu tal-emissjonijiet stretti li jistgħu jinkisbu billi japplikaw il-BAT biss għal kategoriji ta' installazzjonijiet fl-istess attivitajiet settorjali li għandhom karatteristiċi simili, u bbażati fuq valutazzjoni mill-Istati Membri li tanalizza l-fattibbiltà li jintlaħaq l-aktar tarf strett tal-medda li jista' jinkiseb.*** |

**Emenda 118**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 3a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3a. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali li jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, tali valuri limitu tal-prestazzjoni ma jaqbżux il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BATs kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5). | 3a. ***Soġġett għall-pubblikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT ġodda jew emendati taħt din id-Direttiva, u wara t-traspożizzjoni tagħha, filwaqt li titqies id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/119/UE ("Il-Gwida BREF"),*** l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali li jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, tali valuri limitu tal-prestazzjoni ma jaqbżux il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BATs kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5) ***filwaqt li jitqiesu l-effetti minn mezz għall-ieħor fl-installazzjonijiet, inklużi b'emissjonijiet eteroġenji u industrijali***. |

**Emenda 119**
**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-karatteristiċi tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata. | (b) il-karatteristiċi tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata***, inkluż f'każ ta' pjan ta' għeluq tal-installazzjoni li jkun intlaħaq qbil dwaru fi żmien erba' snin mid-data tal-pubblikazzjoni tal-konklużjoni BAT***. |

**Emenda 120**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-derogi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fl-Anness II. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis sinifikanti u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu. Id-derogi ma għandhomx jingħataw meta jkunu jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-istandards ta' kwalità ambjentali msemmija fl-Artikolu 18. | Id-derogi ***mogħtija wara t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva*** msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ***jingħataw għal massimu ta' ħames snin u*** jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fl-Anness II. Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha ***timmira li tipprevjeni t-tniġġis u***tiżgura li ma jiġi kkawżat l-ebda tniġġis sinifikanti u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu. Id-derogi ma għandhomx jingħataw meta jkunu jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-istandards ta' kwalità ambjentali msemmija fl-Artikolu 18. |

**Emenda 121**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta mill-ġdid jekk id-deroga mogħtija skont dan il-paragrafu hijiex ġustifikata kull | L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta mill-ġdid jekk id-deroga mogħtija skont dan il-paragrafu hijiex ġustifikata kull |

| | |
|---|---|
| ***erba'*** snin jew bħala parti minn kull rikunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet għal permess skont l-Artikolu 21, fejn tali rikunsiderazzjoni ssir aktar kmieni minn ***erba'*** snin wara li tkun ingħatat id-deroga. | ***ħames*** snin jew bħala parti minn kull rikunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet għal permess skont l-Artikolu 21, fejn tali rikunsiderazzjoni ssir aktar kmieni minn ***ħames*** snin wara li tkun ingħatat id-deroga. |

**Emenda 122**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid) – subparagrafi 1 u 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. B'deroga mill-paragrafu 3a, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, l-awtorità kompetenti tista', f'każijiet speċifiċi, tistabbilixxi valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali inqas stretti mit-tarf ta' fuq tal-medda obligatorja. Deroga ta' dan it-tip tista' tapplika biss fejn hemm valutazzjoni li turi li l-ilħuq ta' valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritti fil-konklużjonijiet tal-BAT twassal għal kostijiet sproporzjonalment ogħla meta mqabbla mal-benefiċċji ambjentali u l-effetti minn mezz għall-ieħor minħabba:*** |
| | ***(a) l-pożizzjoni ġeografika jew il-kundizzjonijiet klimatiċi lokali tal-installazzjoni kkonċernata; jew*** |
| | ***(b) il-karatteristiċi tekniċi tal-installazzjoni kkonċernata, inkluż f'każ ta' pjan ta' għeluq tal-installazzjoni li jkun intlaħaq qbil dwaru fi żmien erba' snin mill-pubblikazzjoni tal-konklużjonijiet BAT.*** |
| | ***Id-deroga mill-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali relatati mal-ilma, imsemmija fl-ewwel subparagrafu, għandha tkun kondizzjonali fuq valutazzjoni robusta ta' riskju tal-ilma preżenti u futur għall-installazzjoni.*** |

**Emenda 123**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid) – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-awtorità kompetenti għandha tiddokumenta f'anness tal-kundizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu inkluż ir-riżultat tal-valutazzjoni u l-ġustifikazzjoni għall-kundizzjonijiet imposti.*** |

**Emenda 124**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid) – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fi kwalunkwe każ, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ma jiġi kkawżat l-ebda impatt ambjentali sinifikanti u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent kollu kemm hu. Id-derogi ma għandhomx jingħataw meta jkunu jistgħu jqiegħdu f'riskju l-konformità mal-istandards ta' kwalità ambjentali msemmija fl-Artikolu 18.*** |

**Emenda 125**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid) – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta mill-ġdid jekk id-deroga mogħtija f'konformità ma' dan il-paragrafu hijiex ġustifikata kull ħames snin jew bħala parti minn kull rikunsiderazzjoni tal-*** |

*kundizzjonijiet għal permess skont l-Artikolu 21, fejn tali rikunsiderazzjoni ssir aktar kmieni minn ħames snin wara li tkun ingħatat id-deroga.*

**Emenda 126**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid) – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodoloġija standardizzata għall-valutazzjoni tal-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2).*** |

**Emenda 127**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, b'deroga mill-paragrafi 3 u 3a, l-awtorità kompetenti tista', f'każijiet meta installazzjoni tiffaċċja interruzzjoni f'daqqa fil-provvista ta' materja prima jew fjuwils jew tfixkil tal-elementi tat-teknika tat-tnaqqis minħabba force majeure, tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet u livelli tal-prestazzjoni ambjentali inqas stretti, għal massimu ta' tliet xhur, li jistgħu jiġu estiżi bi tliet xhur meta jippersistu ċ-ċirkostanzi straordinarji msemmija f'dan il-paragrafu, soġġett għal valutazzjoni simplifikata li tiġġustifika r-raġunijiet u l-perjodu għal dan l-aġġustament temporanju. Hekk kif jerġgħu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***provvista jew tat-tnaqqis, l-Istat Membru għandu jiżgura li din id-deroga tieqaf milli jkollha effett.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'kull deroga mogħtija taħt iċ-ċirkostanzi staordinarji msemmija fl-ewwel suparagrafu.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-użu tal-klawżola tad-deroga huwiex ġustifikat filwaqt li tqis kif xieraq il-kriterji stabbiliti f'dan is-subparagrafu. Jekk il-Kummissjoni tqajjem oġġezzjonijiet, l-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jirrevedu d-deroga pprovduta skont dan. Hekk kif il-kundizzjonijiet tal-provvista jiġu rrestawrati, id-deroga għandha tieqaf milli tapplika.*** |

**Emenda 128**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 14(1), il-punt (h), il-korrezzjoni magħmula għall-kejl biex jiġu ddeterminati l-valuri medji vvalidati tal-emissjonijiet ma għandhiex taqbeż l-inċertezza tal-kejl ***tal-metodu ta' kejl***. | 1. Għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 14(1), il-punt (h), il-korrezzjoni magħmula għall-kejl biex jiġu ddeterminati l-valuri medji vvalidati tal-emissjonijiet ma għandhiex taqbeż l-inċertezza tal-kejl ***stabbilita fir-Rapport ta' Referenza tal-EIPPCB dwar il-Monitoraġġ***. |
| | ***Ir-Rapport ta' Referenza tal-EIPPCB dwar il-Monitoraġġ għandu jiġi aġġornat sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].*** |

**Emenda 129**
**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodu ***ta' kejl*** għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-permess fir-rigward tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2). | Il-Kummissjoni għandha sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodu għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet stabbiliti fil-permess fir-rigward tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2). |

**Emenda 130**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-metodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jindirizza, bħala minimu, id-determinazzjoni tal-valuri medji vvalidati tal-emissjonijiet u għandu jistabbilixxi kif għandhom jitqiesu l-inċertezza tal-kejl u l-frekwenza tal-qbiż tal-valuri limitu tal-emissjonijiet fil-valutazzjoni tal-konformità. | Il-metodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jindirizza, bħala minimu, id-determinazzjoni tal-valuri medji vvalidati tal-emissjonijiet u għandu jistabbilixxi kif għandhom jitqiesu l-inċertezza tal-kejl***, kif stabbilita mir-Rapport ta' Referenza tal-EIPPCB dwar il-Monitoraġġ,*** u l-frekwenza tal-qbiż tal-valuri limitu tal-emissjonijiet fil-valutazzjoni tal-konformità. |

**Emenda 131**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(13a) Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. Il-frekwenza tal-monitoraġġ perijodiku kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 14(1) għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti f'permess għal kull installazzjoni individwali jew f'regoli ġenerali vinkolanti. | "2. Il-frekwenza tal-monitoraġġ perijodiku kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 14(1) għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti f'permess għal kull installazzjoni individwali jew f'regoli ġenerali vinkolanti. |
| Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-monitoraġġ perijodiku għandu jitwettaq mill-inqas darba kull ***ħames*** snin għall-ilma ta' taħt l-art u kull ***għaxar*** snin għall-ħamrija, sakemm tali monitoraġġ ma jkunx ibbażat fuq valutazzjoni sistematika tar-riskju ta' kontaminazzjoni. | Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-monitoraġġ perijodiku għandu jitwettaq ***kif stabbilit fil-Konklużjonijiet BAT, fejn applikabbli, u*** mill-inqas darba kull ***tliet*** snin għall-ilma ta' taħt l-art u kull ***seba'*** snin għall-ħamrija, sakemm tali monitoraġġ ma jkunx ibbażat fuq valutazzjoni sistematika tar-riskju ta' kontaminazzjoni. |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 132**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13b (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) Fl-Artikolu 16, jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***2a. Il-kontroll tal-kwalità tal-laboratorji li jwettqu l-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq standards internazzjonali, bħall-ISO 17025.*** |

**Emenda 133**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 17 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Fl-Artikolu 17, il-paragrafu 1*** |

| | |
|---|---|
| | ***huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. Meta jiġu adottati regoli ġenerali vinkolanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw approċċ integrat u livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent kollu kemm hu ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb b'kondizzjonijiet għal permess individwali. | "1. Meta jiġu adottati regoli ġenerali vinkolanti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw approċċ integrat ***f'konformità mal-Artikolu 15(3), is-subparagrafu 2a (ġdid),*** u livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent kollu kemm hu ekwivalenti għal dak li jista' jinkiseb b'kondizzjonijiet għal permess individwali." |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 134**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 18 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta standard tal-kwalità ambjentali jkun jeħtieġ kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, għandhom jiġu inklużi miżuri addizzjonali fil-permess bil-għan li titnaqqas il-kontribuzzjoni speċifika tal-installazzjoni għat-tniġġis li jseħħ fiż-żona rilevanti. | Meta standard tal-kwalità ambjentali jkun jeħtieġ kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jistgħu jinkisbu bl-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, għandhom jiġu inklużi miżuri addizzjonali ***bħall-istabbiliment ta' limiti ta' tagħbijiet supplementari għas-sustanzi niġġiesa rilevanti*** fil-permess***,*** bil-għan li titnaqqas il-kontribuzzjoni speċifika tal-installazzjoni għat-tniġġis li jseħħ fiż-żona rilevanti ***mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra li jistgħu jittieħdu biex ikun hemm konformità mal-istandards tal-kwalità ambjentali***. |

**Emenda 135**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 18 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fejn ikunu ġew inklużi kundizzjonijiet aktar stretti fil-permess skont l-ewwel | Fejn ikunu ġew inklużi kundizzjonijiet aktar stretti fil-permess skont l-ewwel |

| | |
|---|---|
| paragrafu, għandu jkun meħtieġ monitoraġġ regolari tal-konċentrazzjoni ta' sustanzi niġġiesa rilevanti fl-ambjent riċeventi li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-installazzjonijiet ikkonċernati mill-operatur, u r-riżultati ta' tali monitoraġġ għandhom jiġu trażmessi lill-awtorità kompetenti. Meta l-metodi ta' monitoraġġ u ta' kejl għas-sustanzi niġġiesa kkonċernati jkunu stabbiliti f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, dawn il-metodi għandhom jintużaw għall-fini tal-monitoraġġ imsemmi f'dan il-paragrafu. | paragrafu, għandu jkun meħtieġ monitoraġġ regolari tal-konċentrazzjoni ***u tat-tagħbijiet*** ta' sustanzi niġġiesa rilevanti fl-ambjent riċeventi li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-installazzjonijiet ikkonċernati mill-operatur, u r-riżultati ta' tali monitoraġġ għandhom jiġu trażmessi lill-awtorità kompetenti ***u lill-operaturi tal-ilma tax-xorb downstream u/jew tal-impjanti tat-trattament tal-ilma mormi, kif rilevanti, fl-inqas żmien possibbli wara li l-informazzjoni tkun ġiet iġġenerata, u mhux aktar tard minn xahar wara li l-informazzjoni tkun ġiet iġġenerata***. Meta l-metodi ta' monitoraġġ u ta' kejl għas-sustanzi niġġiesa kkonċernati***, inklużi l-hekk imsejħa effetti cocktail,*** jkunu stabbiliti f'leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni, dawn il-metodi għandhom jintużaw għall-fini tal-monitoraġġ imsemmi f'dan il-paragrafu.". |

**Emenda 136**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 19

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Artikolu 19 | "Artikolu 19 |
| Żviluppi fl-aħjar metodi tekniċi disponibbli | Żviluppi fl-aħjar metodi tekniċi disponibbli |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti ssegwi jew tkun infurmata bl-aħjar metodi tekniċi disponibbli u bil-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe konklużjonijiet ġodda jew aġġornati tal-BAT u għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku kkonċernat. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti ssegwi jew tkun infurmata bl-aħjar metodi tekniċi disponibbli u bil-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe konklużjonijiet ***jew regoli operattivi*** ġodda jew aġġornati tal-BAT u għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku kkonċernat." |

*(32010L0075)*

**Emenda 137**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15b (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 20 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15b) Fl-Artikolu 20, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti b'kull bidla ppjanata fin-natura jew il-funzjonament, jew estensjoni tal-installazzjoni li jista' jkollha konsegwenzi għall-ambjent. Meta xieraq, l-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess. | "1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti b'kull bidla ppjanata fin-natura jew il-funzjonament, jew estensjoni tal-installazzjoni li jista' jkollha konsegwenzi għall-ambjent ***mill-inqas sitt xhur qabel l-implimentazzjoni ta' tali bidla jew estensjoni.*** Meta jkun il-każ, l- awtorità kompetenti għandha taġġorna l-permess, ***inklużi l-proċessi rilevanti għall-estensjoni***." |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 138**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15c (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 21 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15c) Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtorità kompetenti perijodikament tirrikunsidra, f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5, il-kondizzjonijiet kollha għal permess u, fejn meħtieġ biex tiżgura konformità ma' din id-Direttiva, taġġorna dawk il-kondizzjonijiet. | "1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtorità kompetenti perijodikament tirrikunsidra, f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5, il-kondizzjonijiet kollha għal permess u, fejn meħtieġ biex tiżgura konformità ma' din id-Direttiva, taġġorna dawk il-kondizzjonijiet. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw mill-ġdid il-permess mill-inqas kull tmien snin."*** |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 139**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15d (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15d) Fl-Artikolu 21, il-paragrafu 3, is-subparagrafu 1, il-punt (a) jiġi sostwit b'dan li ġej:*** |
| (a) il-kondizzjonijiet kollha għal permess għall-installazzjoni kkonċernata jiġu rrikunsidrati u, fejn meħtieġ, aġġornati biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva u, b'mod partikolari, mal-Artikolu 15(3) u (4), fejn applikabbli; | "(a) il-kondizzjonijiet kollha għal permess għall-installazzjoni kkonċernata jiġu rrikunsidrati u, fejn meħtieġ, aġġornati biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva u, b'mod partikolari, mal-Artikolu 15(3)***, (3a)*** u (4), fejn applikabbli;" |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 140**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafi 1 u 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 2, l-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom jinbidlu b'dan li ġej:*** |
| 2. Meta l-attività tinvolvi l-użu, il-produzzjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi rilevanti, u fir-rigward tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni, l-operatur għandu jħejji u jippreżenta lill-awtorità kompetenti rapport ta' bażi qabel ma jibda jħaddem installazzjoni jew qabel ma permess għal installazzjoni jiġi aġġornat għall-ewwel | "2. Meta l-attività tinvolvi l-użu, il-produzzjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi rilevanti, u fir-rigward tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ***tal-wiċċ*** u ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni, l-operatur għandu jħejji u jippreżenta lill-awtorità kompetenti rapport ta' bażi qabel ma jibda jħaddem installazzjoni jew qabel ma permess għal installazzjoni jiġi aġġornat għall-ewwel |

| | |
|---|---|
| darba wara s-7 ta' Jannar 2013. | darba wara s-7 ta' Jannar 2013. |
| Ir- rapport ta' bażi għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi determinat l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art sabiex isir tqabbil kwantitattiv mal-istat mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet previsti taħt il-paragrafu 3. | Ir-rapport ta' bażi għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi determinat l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ***tal-wiċċ*** u ta' taħt l-art sabiex isir tqabbil kwantitattiv mal-istat mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet previsti taħt il-paragrafu 3." |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 141**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16b (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 22 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16b) Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 3, is-subparagrafu 1, huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet, l-operatur għandu jivvaluta l-istat tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija ***u*** tal-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti użati, prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni. Meta l-installazzjoni tkun ikkawżat tniġġis sinifikattiv tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art permezz ta' sustanzi perikolużi rilevanti meta mqabbel mal-qagħda stabbilita fir-rapport ta' bażi msemmi fil-paragrafu 2, l-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex dak it-tniġġis jiġi indirizzat biex b'hekk is-sit imur lura għal dak l-istat. Għal dak il-għan, tista' titqies il-fattibbiltà teknika ta' miżuri bħal dawn. | "Mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet, l-operatur għandu jivvaluta l-istat tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti użati, prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni. Meta l-installazzjoni tkun ikkawżat tniġġis sinifikattiv tal-ħamrija***,*** tal-ilma ***tal-wiċċ jew*** ta' taħt l-art permezz ta' sustanzi perikolużi rilevanti meta mqabbel mal-qagħda stabbilita fir-rapport ta' bażi msemmi fil-paragrafu 2, l-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex dak it-tniġġis jiġi indirizzat biex b'hekk is-sit imur lura għal dak l-istat. Għal dak il-għan, tista' titqies il-fattibbiltà teknika ta' miżuri bħal dawn." |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 142**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16c) Fl-Artikolu 23, il-paragrafu 4, is-subparagrafu 2, huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Il-perijodu bejn żewġ żjarat fuq is-siti għandu jkun ibbażat fuq stima sistematika tar-riskji ambjentali tal-installazzjonijiet ikkonċernati u m'għandux jaqbeż is-sena għall-installazzjonijiet tal-ogħla riskju u tliet snin għall-installazzjonijiet tal-anqas riskju. | "Il-perjodu bejn żewġ żjarat fuq is-siti għandu jkun ibbażat fuq stima sistematika tar-riskji ambjentali tal-installazzjonijiet ikkonċernati u m'għandux jaqbeż is-sena għall-installazzjonijiet tal-ogħla riskju u tliet snin għall-installazzjonijiet tal-anqas riskju. ***Il-pubbliku għandu jiġi infurmat dwar l-istima tar-riskji ambjentali tal-installazzjonijiet.***" |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 143**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16d (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16d) Fl-Artikolu 23(4), is-subparagrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta gwida dwar il-kriterji għall-valutazzjoni tar-riskji ambjentali. | "***Sa mhux aktar tard minn sentejn wara t-tranżposizzjoni ta' din id-Direttiva***, il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta ***u, fejn xieraq, taġġorna b'mod regolari,*** gwida dwar il-kriterji għall-valutazzjoni tar-riskji ambjentali." |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 144**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt a – punt -i (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt b

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-i) Fl-Artikolu 24(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (b) il-ħruġ ta' permess għal kwalunkwe bidla sostanzjali; | "(b) il-ħruġ ***jew ir-rikunsiderazzjoni*** ta' permess għal kwalunkwe bidla sostanzjali;" |

***(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)***

**Emenda 145**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt b – punt i**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 24 – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-ħruġ, il-konsiderazzjoni mill-ġdid jew l-aġġornament ta' permess, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati, fir-rigward tal-punti (a), (b) u (f), l-informazzjoni li ġejja: | 2. Meta tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-ħruġ, il-konsiderazzjoni mill-ġdid jew l-aġġornament ta' permess, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli lill-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-Internet, ***fuq is-sit web tagħha, fuq paġna web li tinstab faċilment,*** mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati, fir-rigward tal-punti (a), (b) u (f), l-informazzjoni li ġejja:"; |

**Emenda 146**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt b – punt ia (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) Fl-Artikolu 24(2), jiddaħħal il-punt aa (ġdid):*** |
| | ***(aa) is-sommarju tal-permess imsemmi fl-Artikolu 5(4);*** |

**Emenda 147**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt b – punt iia (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt e

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iia) Fl-Artikolu 24(2), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (e) kif il-kondizzjonijiet għal permess imsemmija fl-Artikolu 14, inklużi l-valuri limitu tal-emissjonijiet ikunu ġew determinati f'relazzjoni mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli u l-livelli tal-emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli; | "(e) kif il-kondizzjonijiet għal permess imsemmija fl-Artikolu 14, inklużi l-valuri limitu tal-emissjonijiet ***u l-livelli tal-prestazzjoni ambjentali*** ikunu ġew determinati f'relazzjoni mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli u l-livelli tal-emissjonijiet ***u l-livelli tal-prestazzjoni ambjentali*** assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli; |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 148**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 24 – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tagħmel disponibbli għall-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati, dan li ġej: | 3. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tagħmel disponibbli għall-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-Internet, ***fuq is-sit web tagħha, fuq paġna web li tinstab faċilment,*** mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati, dan li ġej: |

**Emenda 149**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17 – punt c**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (b) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet kif meħtieġ skont il-kundizzjonijiet għal permess u miżmumin mill-awtorità kompetenti; | (b) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet kif meħtieġ skont il-kundizzjonijiet għal permess u miżmumin mill-awtorità kompetenti ***f'bażi tad-data, f'format li jippermetti li jitniżżlu settijiet ta' data fuq il-bażi ta' mistoqsijiet***; |

**Emenda 150**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 25 – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Fl-Artikolu 25, il-paragrafu 1, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:*** |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja, jew quddiem korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet soġġetti għal Aritkolu 24 meta titwettaq waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mas-sistema legali nazzjonali rilevanti, il-membri tal-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja, jew quddiem korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet soġġetti ***għall-Artikolu 14, għall-Artikoli 17(1) sa (3), għall-Aritkolu 22 u*** għall-Artikolu 24 meta titwettaq waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 151**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-proċedura ta' rieżami ***tista'*** ma ***tkunx*** kondizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi | Il-proċedura ta' rieżami ma ***għandhiex tkun***kondizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi |

| | |
|---|---|
| parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva. | parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva. |

**Emenda 152**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 25 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) Fl-Artikolu 25, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u tnaqqir ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. | "3. Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u tnaqqir ta' dritt għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-għan li jingħata aċċess għall-ġustizzja lill-pubbliku interessat. |
| Għal dan il-fini, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-il-ħarsien ambjentali u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali ***għandu jitqies*** biżżejjed għall-għan tal-punt (a) tal-paragrafu 1. | Għal dan il-fini, l-interess ta' kull organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-il-ħarsien ambjentali u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali ***u l-interess ta' kwalunkwe awtorità pubblika subnazzjonali li t-territorju jew il-popolazzjoni tagħha jistgħu jiġu affettwati ħażin minn nuqqas ta' konformità ma' din id-Direttiva għandhom jitqiesu*** biżżejjed għall-għan tal-punt (a) tal-paragrafu 1. |
| Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġu mnaqqra għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1. | Dawn l-organizzazzjonijiet ***u l-awtoritajiet*** għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li huma kapaċi li jiġu mnaqqra għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1." |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 153**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 26 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta Stat Membru jkun konxju li t- | 1. Meta Stat Membru jkun konxju li t- |

| | |
|---|---|
| tħaddim ta' installazzjoni jista' jkollu effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent ta' Stat Membru ieħor, jew meta Stat Membru li x'aktarx li jiġi affettwat b'mod sinifikanti jitlob dan, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 20(2) għandu jibgħat lill-Istat Membru l-ieħor kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li trid tingħata jew li trid tkun magħmula disponibbli skont l-Anness IV fl-istess waqt li jagħmilha disponibbli lill-pubbliku. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, għandhom jitwettqu konsultazzjonijiet bejn iż-żewġ Stati Membri, filwaqt li jiġi żgurat li l-kummenti mill-Istat Membru li jista' jiġi affettwat b'mod sinifikanti jiġu pprovduti qabel ma l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess, tasal għad-deċiżjoni tagħha. Jekk ma jingħata l-ebda kumment mill-Istat Membru li jista' jiġi affettwat b'mod sinifikanti fil-perjodu għall-konsultazzjoni tal-pubbliku kkonċernat, l-awtorità kompetenti għandha tipproċedi bil-proċedura tal-għoti tal-permessi. | tħaddim ta' installazzjoni jista' jkollu effetti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent ta' Stat Membru ieħor, jew meta Stat Membru li x'aktarx li jiġi affettwat b'mod sinifikanti jitlob dan, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess skont l-Artikolu 4 jew l-Artikolu 20(2) ***jew li fit-territorju tiegħu jkun ġie rikunsidrat permess skont l-Artikolu 21*** għandu jibgħat lill-Istat Membru l-ieħor kwalunkwe informazzjoni meħtieġa li trid tingħata jew li trid tkun magħmula disponibbli skont l-Anness IV fl-istess waqt li jagħmilha disponibbli lill-pubbliku ***u sa mhux aktar minn tliet xhur wara***. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, għandhom jitwettqu konsultazzjonijiet bejn iż-żewġ Stati Membri, filwaqt li jiġi żgurat li l-kummenti mill-Istat Membru li jista' jiġi affettwat b'mod sinifikanti jiġu pprovduti qabel ma l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni għal permess, tasal għad-deċiżjoni tagħha. Jekk ma jingħata l-ebda kumment mill-Istat Membru li jista' jiġi affettwat b'mod sinifikanti fil-perjodu għall-konsultazzjoni tal-pubbliku kkonċernat, l-awtorità kompetenti għandha tipproċedi bil-proċedura tal-għoti tal-permessi. |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 154**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 26 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Fl-Artikolu 26, jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti*** |

***jistabbilixxu kanali ta' komunikazzjoni transkonfinali reġjonali xierqa.***

**Emenda 155**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20**
Direttiva 2010/75/UE
Kapitolu IIa – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***PROMOZZJONI*** TAL-INNOVAZZJONI*"* | ***L-IFFAĊILITAR U L-PROMOZZJONI*** TAL-INNOVAZZJONI |

**Emenda 156**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi tekniċi emerġenti, b'mod partikolari fejn tali metodi tekniċi jkunu ġew identifikati fil-konklużjonijiet tal-BAT, fid-dokumenti ta' referenza tal-BAT jew fis-sejbiet taċ-ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali msemmija fl-Artikolu 27a.*".* | ***Mingħajr ma jeħtieġu l-użu ta' metodu tekniku jew teknoloġija speċifika,*** l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' metodi tekniċi emerġenti, b'mod partikolari fejn tali metodi tekniċi jkunu ġew identifikati fil-konklużjonijiet tal-BAT, fid-dokumenti ta' referenza tal-BAT jew fis-sejbiet taċ-ċentru tal-innovazzjoni għat-trasformazzjoni u l-emissjonijiet industrijali msemmija fl-Artikolu 27a. |

**Emenda 157**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iċ-ċentru għandu jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi, inklużi metodi tekniċi emerġenti rilevanti għall-attivitajiet fil- | 2. Iċ-ċentru għandu jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi, inklużi metodi tekniċi emerġenti rilevanti għall-attivitajiet fil- |

| | |
|---|---|
| kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, u jikkaratterizza l-livell ta’ żvilupp tagħhom u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tqis is-sejbiet taċ-ċentru meta tħejji l-programm ta’ ħidma għall-iskambju ta’ informazzjoni msemmi fl-Artikolu 13(3), il-punt (b), u meta tfassal, tirrevedi u taġġorna ***d-dokumenti*** ta’ referenza tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(1). | kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, u jikkaratterizza l-livell ta’ żvilupp tagħhom u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tqis is-sejbiet taċ-ċentru meta tħejji l-programm ta’ ħidma għall-iskambju ta’ informazzjoni msemmi fl-Artikolu 13(3), il-punt (b), u meta tfassal, tirrevedi u taġġorna***, wara valutazzjoni mill-grupp ta’ ħidma tekniku rilevanti f’Sevilla, id-dokumenti*** ta’ referenza tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(1). |

**Emenda 158**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27a – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) rappreżentanti tal-bdiewa kkonċernati;*** |

**Emenda 159**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27a – paragrafu 3 – punt g

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni ***ambjentali***; | (g) organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni ***tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent***; |

**Emenda 160**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, l- | Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 ***u*** |

| | |
|---|---|
| awtorità kompetenti tista' tagħti derogi temporanji mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2) u (3) u mill-prinċipji stabbiliti ***fil-punti*** (a) u (b) ***tal-Artikolu 11***, għall-ittestjar ta' metodi tekniċi ***emerġenti*** għal perjodu totali ta' żmien li ma jaqbiżx ***l-24*** xahar. | ***l-Artikolu 2(2)***, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi temporanji mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2) u (3) u mill-prinċipji stabbiliti ***fl-Artikolu 11, il-punti*** (a) u (b), għall-ittestjar ta' metodi tekniċi għal perjodu totali ta' żmien li ma jaqbiżx ***is-36*** xahar***, dment li wara l-perjodu speċifikat, jew il-metodu tekniku jitwaqqaf jew l-attività tikseb mill-inqas il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli***. |

**Emenda 161**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mill-Artikolu 21(3), l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet li jiżguraw li, fi żmien sitt snin mill-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-konklużjonijiet tal-BAT f'konformità mal-Artikolu 13(5) relatata mal-attività ewlenija ta' installazzjoni, l-emissjonijiet ma għandhomx, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, jaqbżu l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-metodi tekniċi emerġenti kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT. | B'deroga mill-Artikolu 21(3), ***fuq talba mill-operatur,*** l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet li jiżguraw li, fi żmien sitt snin mill-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-konklużjonijiet tal-BAT f'konformità mal-Artikolu 13(5) relatata mal-attività ewlenija ta' installazzjoni, l-emissjonijiet ma għandhomx, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, jaqbżu l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-metodi tekniċi emerġenti kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT. ***L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-INCITE dwar il-metodi tekniki emerġenti li għalihom ikun ingħata permess.*** |

**Emenda 162**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d - paragrafu 1 - subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li sat- | Meta deroga tkun ingħatat skont l-Artikolu |

30 ta’ Ġunju 2030 l-operatur jinkludi fis-sistema ta’ ġestjoni ambjentali tiegħu li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 14a, pjan ta’ trasformazzjoni għal kull installazzjoni li twettaq kwalunkwe attività elenkata fil-punti 1, 2, 3, 4, 6.1a, u 6.1b tal-Anness I. Il-pjan ta’ trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif l-installazzjoni se tittrasforma ruħha matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4.

15(4), l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li sat-30 ta’ Ġunju 2027 l-operatur jinkludi fis-sistema ta’ ġestjoni ambjentali tiegħu pjan ta’ trasformazzjoni indikattiv għal kull installazzjoni li twettaq kwalunkwe attività elenkata fil-punti 1, 2, 3, 4, 6.1a, u 6.1b tal-Anness I.

***L-operaturi tal-200 installazzjoni li jniġġsu l-aktar fl-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 76 (2), għandhom jinkludu wkoll fis-sistema ta’ ġestjoni ambjentali tagħhom pjan indikattiv ta’ trasformazzjoni għal kull waħda minn dawk l-installazzjonijiet, sakemm l-installazzjoni ma jkollhiex pjan ta’ għeluq għall-2035.***

Il-pjan ta’ trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif se ssir it-trasformazzjoni matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4. ***Il-pjan ta’ trasformazzjoni għandu jinkludi perkors għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u pjan direzzjonali dwar kif huwa previst li l-installazzjonijiet isiru aktar effiċjenti fir-riżorsi, b’mod partikolari fir-rigward tal-enerġija u l-ilma, pereżempju permezz ta’ sistemi tal-użu mill-ġdid tal-ilma, billi jiġu stabbiliti l-miżuri li l-operatur se jimplimenta.***

***L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li sat-30 ta’ Ġunju 2030 l-operatur jinkludi fis-sistema ta’ ġestjoni ambjentali tiegħu pjan ta’ trasformazzjoni indikattiv għal kull installazzjoni li twettaq kwalunkwe attività elenkata fil-punti 1, 2, 3, 4, 6.1a, u 6.1b tal-Anness I, pjan ta’ trasformazzjoni kkonsolidat fil-livell korporattiv għal żewġ***

| | |
|---|---|
| | ***installazzjonijiet jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 4(2), jew pjan ta' trasformazzjoni kkonsolidat għall-impriżi kollha fil-grupp li jkopru l-elementi msemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi, u inkluża referenza għal kull installazzjoni.*** |

**Emenda 163**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***sal-31 ta' Diċembru 2031,*** l-organizzazzjoni tal-awditu kkuntrattata mill-operatur bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu, ***tivvaluta l-konformità*** tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ***tal-paragrafu 1*** mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att ***ta' implimentazzjoni msemmi*** fil-paragrafu 4. | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-organizzazzjoni tal-awditu kkuntrattata mill-operatur bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu ***tivvaluta***, ***mhux aktar tard minn sena wara l-iskadenzi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-konformità*** tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att ***delegat imsemmi*** fil-paragrafu 4***, sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050***. |

**Emenda 164**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta elementi tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni jkunu diġà ġew żviluppati x'imkien ieħor u jkunu konformi ma' din id-dispożizzjoni, fil-pjan ta' trasformazzjoni jista' jsir riferiment għad-dokumenti rilevanti.*** |

**Emenda 165**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d - paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-pjanijiet ta' trasformazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jiġu rieżaminati b'mod regolari u, jekk neċessarju, riveduti.*** |

**Emenda 166**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li***, bħala parti mir-rieżami tal-kundizzjonijiet għal permess skont l-Artikolu 21(3) wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT wara l-1*** ta' Jannar 2030***,*** l-operatur jinkludi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu msemmija fl-Artikolu 14a, pjan ta' trasformazzjoni ***għal kull installazzjoni li twettaq kwalunkwe attività elenkata fl-Anness I li mhijiex imsemmija fil-paragrafu 1***. Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif l-installazzjoni se tittrasforma ruħha matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4. | L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ***sal-1*** ta' Jannar 2030***, l-operatur li qed iwettaq kwalunkwe attività elenkata fl-Anness I li mhijiex imsemmija fil-paragrafu*** 1 jinkludi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu msemmija fl-Artikolu 14a, pjan ta' trasformazzjoni ***kif stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***. Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif l-installazzjoni se tittrasforma ruħha matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4. |

**Emenda 167**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-organizzazzjoni tal-awditu kkuntrattata mill-operatur bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tivvaluta l-konformità tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni msemmija ***fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2*** mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att ***ta' implimentazzjoni msemmi*** fil-paragrafu 4. | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-organizzazzjoni tal-awditu kkuntrattata mill-operatur bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tivvaluta l-konformità tal-pjanijiet ta' trasformazzjoni msemmija ***fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu*** mar-rekwiżiti stabbiliti fl-att ***delegat imsemmi*** fil-paragrafu 4. |

**Emenda 168**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d – paragrafu 4

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha sat-30 ta' Ġunju ***2028***, tadotta att ***ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 75(2)..*** | 4. Il-Kummissjoni għandha sat-30 ta' Ġunju ***2026***, tadotta att ***delegat, f'konformità mal-Artikolu 76 biex jissupplimenta din id-Direttiva billi jistabbilixxi l-format għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni u l-lista tal-installazzjonijiet li jniġġsu l-aktar***. |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina sal-2035 il-kontenut u l-format tal-pjan ta' trasformazzjoni, u fejn meħtieġ iżżid, permezz ta' atti delegati, elementi, bħal objettivi intermedji settorjali, kif ukoll deskrizzjoni tal-format għar-rappurtar tagħhom, fejn meħtieġ, mal-pjanijiet ta' trasformazzjoni u, sal-2040, il-lista tal-200 installazzjoni li jniġġsu l-aktar hekk kif jiġu kkunsidrati, wara s-sustanzi niġġiesa fl-arja, ukoll is-sustanzi niġġiesa tal-ilma.*** |

**Emenda 169**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d - paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom, meta jkun rilevanti, jirrikjedu li l-operaturi ta' installazzjonijiet jivvalutaw l-benefiċċji tal-użu ta' għodod diġitali biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tal-installazzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 170**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 30 – paragrafu 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22a) Fl-Artikolu 30, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 5. L-awtorità kompetenti tista' tagħti deroga għal massimu ta' sitt xhur mill-obbligu ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet previsti fil-paragrafi 2 u 3 għad-diossidu tal-kubrit fir-rigward ta' impjant ta' kombustjoni li għal dan l-iskop normalment juża karburant ta' kubrit baxx, f'każijiet fejn l-operatur ma jistax jikkonforma ma' dawk il-valuri limitu minħabba interruzzjoni fil-forniment ta' karburant ta' kubrit baxx kawżat minn nuqqas serju. | ***"5.*** L-awtorità kompetenti tista' tagħti deroga għal massimu ta' sitt xhur mill-obbligu ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet previsti fil-paragrafi 2 u 3 għad-diossidu tal-kubrit fir-rigward ta' impjant ta' kombustjoni li għal dan l-iskop normalment juża karburant ta' kubrit baxx, f'każijiet fejn l-operatur ma jistax jikkonforma ma' dawk il-valuri limitu minħabba interruzzjoni fil-forniment ta' karburant ta' kubrit baxx kawżat minn nuqqas serju. |
| L-Istati Membri għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull deroga mogħtija taħt l-ewwel ***suparagrafu***. | L-Istati Membri għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull deroga mogħtija taħt l-ewwel ***subparagrafu u jipprovdu lill-Kummissjoni prova tan-nuqqas u ġustifikazzjoni dettaljata tar-raġunijiet li għalihom id-deroga hija meħtieġa***.***"*** |

*(32010L0075)*

**Emenda 171**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22b (ġdid)**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 30 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22b) Fl-Artikolu 30(6), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***L-Istati*** Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni immedjatament b'kull deroga mogħtija taħt l-ewwel subparagrafu. | ***"L-Istati*** Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni immedjatament b'kull deroga mogħtija taħt l-ewwel subparagrafu ***u jipprovdu lill-Kummissjoni prova tal-interruzzjoni fil-provvista u ġustifikazzjoni dettaljata tar-raġunijiet li għalihom id-deroga hija meħtieġa.****"* |

*(32010L0075)*

**Emenda 172**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22c (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 30 – paragrafu 9 – subparagrafu 1 – punt c

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(22c) Fl-Artikolu 30(9), is-subparagrafu 1, il-punt c huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (c) l-impjanti ta' kombustjoni alimentati minn gassijiet li mhumiex ***gass naturali***; | ***"(c)*** l-impjanti ta' kombustjoni alimentati minn gassijiet li mhumiex ***gassijiet fossili jew bijoġeniċi***;***"*** |

*(32010L0075)*

**Emenda 173**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 42 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-inċinerazzjoni ***ma tikkawżax*** emissjonijiet ***ogħla*** mill-kombustjoni tal-fjuwils li jniġġsu l-anqas disponibbli fis- | (a) l-inċinerazzjoni ***tikkawża*** emissjonijiet ***aktar baxxi*** mill-kombustjoni tal-fjuwils li jniġġsu l-anqas disponibbli |

| | |
|---|---|
| suq li jistgħu jiġu maħruqa fl-installazzjoni; | fis-suq li jistgħu jiġu maħruqa fl-installazzjoni; |

**Emenda 174**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 42 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Fl-Artikolu 42, jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***2a. L-impjanti msemmija fil-paragrafu 2, il-punt b għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti d-data dwar l-iskart totali inċinerat, inklużi l-kwantitajiet u l-karatteristiċi tal-iskart perikoluż imsemmi fil-Artikolu 45(2), il-punt (b) l-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma, il-pH, it-temperatura u l-fluss tal-iskariki tal-ilma mormi.*** |

**Emenda 175**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23b (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 50 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23b) Fl-Artikolu 50, jiddaħħal il-paragrafu 2a (ġdid):*** |
| | ***2a. L-emissjonijiet fl-arja mill-impjanti tal-inċinerazzjoni u tal-koinċinerazzjoni tal-iskart għandhom jiġu mmonitorjati wkoll waqt kundizzjonijiet mhux normali ta' tħaddim (OTNOC), b'mod partikolari l-emissjonijiet ta' PCDD/F u PCBs simili għad-diossina matul l-operazzjonijiet tal-bidu u tat-tmiem tat-tħaddim. L-impjanti tal-inċinerazzjoni u tal-koinċinerazzjoni għandhom jipprevjenu l-emissjonijiet ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***PCDD/F u PCBs simili għad-diossina matul il-ħinijiet kollha ta' tħaddim, inkluż l-OTNOC, inter alia billi jiżguraw li s-sistema tat-tindif tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija tkun kompletament operattiva qabel ma jiddaħħal l-iskart.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ġie osservat, inkluż fil-WI BREF, li l-operazzjonijiet tal-bidu u ta' OTNOC oħrajn huma marbuta ma' emissjonijiet għoljin ta' diossini li f'xi każijiet saħansitra jkunu ugwali għall-emissjonijiet minn diversi xhur ta' tħaddim normali.*

**Emenda 176**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23c (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 55 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23c) Fl-Artikolu 55, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. Għall-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew l-impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart b'kapaċità nominali ta' żewġ tunnellati metriċi jew aktar fis-siegħa, ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 72 għandu jinkludi informazzjoni dwar il-ħidma u l-monitoraġġ tal-impjant u jagħti kont tal-ġestjoni tal-proċess tal-inċinerazzjoni jew tal-koinċinerazzjoni u l-livell tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma bi tqabbil mal-valuri limitu tal-emissjonijiet. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. | 2. Għall-impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart jew l-impjanti tal-koinċinerazzjoni tal-iskart b'kapaċità nominali ta' żewġ tunnellati metriċi jew aktar fis-siegħa, ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 72 għandu jinkludi informazzjoni dwar il-ħidma u l-monitoraġġ tal-impjant u jagħti kont tal-ġestjoni tal-proċess tal-inċinerazzjoni jew tal-koinċinerazzjoni u l-livell tal-emissjonijiet fl-arja u fl-ilma bi tqabbil mal-valuri limitu tal-emissjonijiet. ***Dan għandu jinkludi data dwar l-emissjonijiet mogħtija f'valuri grossi u rapporti ta' analiżi tal-laboratorju oriġinali.*** Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. |

*Ġustifikazzjoni*

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A02010L0075-20110106&qid=1670312326229)*

**Emenda 177**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23d (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 58 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23d) Fl-Artikolu 58, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Is-sustanzi jew taħlitiet li, minħabba l-kontenut tagħhom ta' komposti organiċi volatili ***kklassifikati bħala*** karċinoġeni, mutaġeni, jew tossiċi għar-riproduzzjoni taħt ir-Regolament 1272/2008, huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet ta' periklu H340, H350, H350i, H360D jew H360F, għandhom jinbidlu, safejn hu possibbli b'sustanzi jew taħlitiet inqas dannużi fl-iqsar żmien possibbli. | Is-sustanzi jew taħlitiet li, minħabba l-kontenut tagħhom ta' komposti organiċi volatili***,*** karċinoġeni, mutaġeni, jew tossiċi għar-riproduzzjoni taħt ir-Regolament 1272/2008, huma assenjati jew jeħtieġ li jkollhom fuqhom id-dikjarazzjonijiet ta' periklu H340, H350, H350i, H360D jew H360F***, jew li huma kklassifikati bħala persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi jew li jfixklu s-sistema endokrinali fis-sens tar-Regolament 1272/2008***, għandhom jinbidlu, safejn hu possibbli b'sustanzi jew taħlitiet inqas dannużi fl-iqsar żmien possibbli. |

*(32010L0075)*

**Emenda 178**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23e (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 63 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23e) Fl-Artikolu 63, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. Fejn installazzjoni eżistenti tgħaddi minn tibdil sostanzjali, jew taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba wara t-tibdil sostanzjali, dik il-parti tal-installazzjoni li tgħaddi minn tibdil sostanzjali għandha tiġi trattata ***jew bħala installazzjoni ġdida jew bħala installazzjoni eżistenti, bil-kondizzjoni li l-*** | ***"2.*** Fejn installazzjoni eżistenti tgħaddi minn tibdil sostanzjali, jew taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-ewwel darba wara t-tibdil sostanzjali, dik il-parti tal-installazzjoni li tgħaddi minn tibdil sostanzjali għandha tiġi trattata bħala installazzjoni ġdida.***"*** |

***emissjonijiet totali tal-installazzjoni kollha ma jaqbżux dawk li jirriżultaw li kellhom il-parti mibdula sostanzjalment u li jiġu trattati*** bħala installazzjoni ġdida.

*(32010L0075)*

**Emenda 179**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23f (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 64 - paragrafu 2 - punt da (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23f) Fl-Artikolu 64, il-paragrafu 2, il-punt li ġej huwa miżjud:*** |
| | ***(da) l-ostakli għar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' solventi organiċi u modi kif jitneħħew dawn l-ostakli.*** |

**Emenda 180**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23g (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23g) Fl-Artikolu 70, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. Il-monitoraġġ għandu jitwettaq skont l-istandards CEN jew, jekk l-istandards CEN mhumiex disponibbli, l-istandards ISO, l-istandards nazzjonali jew standards internazzjonali oħra li jiżguraw il-forniment ta' data ta' kwalità xjentifika ekwivalenti. | "3. Il-monitoraġġ għandu jitwettaq skont l-istandards CEN jew, jekk l-istandards CEN mhumiex disponibbli, l-istandards ISO, l-istandards nazzjonali jew standards internazzjonali oħra li jiżguraw il-forniment ta' data ta' kwalità xjentifika ekwivalenti. ***Dan japplika wkoll għas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-laboratorju li jwettaq il-monitoraġġ. "*** |

*(32010L0075)*

**Emenda 181**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70a – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sa [l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat kif imsemmi fil-paragrafu 3] il-prodotti li joriġinaw minn attivitajiet ta' trobbija koperti mill-Kapitolu VIa jistgħu jitqiegħdu fis-suq tal-UE dment li l-installazzjoni fejn isseħħ l-attività ta' trobbija tikkonforma mal-kundizzjonijiet uniformi tar-regoli operattivi msemmija f'dan l-Artikolu, jew jekk l-importaturi jipprovdu garanziji tal-oriġini minn pajjiżi terzi meqjusa bħala komparabbli fl-effettività. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn iseħħu l-importazzjonijiet għandhom jivverifikaw il-konformità tal-prodotti importati. Il-Kummissjoni għandha sa [l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] tressaq att delegat biex tistabbilixxi metodoloġija konsistenti mad-WTO li tistabbilixxi l-proċedura għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq tal-Unjoni u l-proċedura ta' verifika għall-awtorità kompetenti, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.*** |

**Emenda 182**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jekk żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu jinsabu qrib xulxin u jekk l-operatur tagħhom ikun l-istess jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi li jkunu involuti f'relazzjoni ekonomika jew legali, l-installazzjonijiet | ***L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jiżguraw li*** jekk żewġ installazzjonijiet jew aktar***, involuti f'attivitajiet ta' trobbija,*** ikunu jinsabu qrib xulxin u jekk l-operatur tagħhom ikun l-istess jew jekk l-installazzjonijiet ikunu |

ikkonċernati għandhom jitqiesu bħala unità waħda għall-fini tal-kalkolu tal-limitu tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 70a.

taħt il-kontroll ta' operaturi li jkunu involuti f'relazzjoni ekonomika jew legali, l-installazzjonijiet ikkonċernati għandhom jitqiesu bħala unità waħda għall-fini tal-kalkolu tal-limitu tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 70a. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din ir-regola ma tintużax biex jiġu evitati l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva. Sa ... [l-ewwel jum tal-24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida, wara li tikkonsulta l-Istati Membri, dwar il-kriterji biex l-installazzjonijiet differenti jitqiesu bħala unità waħda fis-sens tal-paragrafu 1.***

**Emenda 183**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Permessi | Permessi ***u reġistrazzjonijiet*** |

**Emenda 184**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ebda installazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu ma titħaddem mingħajr permess u li l-operat ***tagħha*** jikkonforma mar-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i. | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ebda installazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu ma titħaddem mingħajr permess ***jew mingħajr ma tkun irreġistrata*** u li l-operat ***tal-installazzjonijiet kollha kif imsemmija fl-Anness Ia*** jikkonforma mar-regoli operattivi ***f'kundizzjonijiet uniformi*** msemmija fl-Artikolu 70i. |
| | ***L-Istati Membri għandhom jużaw*** |

| | |
|---|---|
| | ***kwalunkwe proċedura preeżistenti simili għar-reġistrazzjoni sabiex jevitaw li joħolqu piż amministrattiv. F'kull każ, l-Istati Membri għandhom japplikaw proċedura ta' permessi għat-trobbija intensiva tat-tjur u tal-majjali:*** |
| | ***(a) b'aktar minn 40 000 post għat-tjur,*** |
| | ***(b) b'aktar minn 2 000 post għal majjali ta' produzzjoni (aktar minn 30 kg), jew*** |
| | ***(c) b'aktar minn 750 post għal ħnieżer nisa.*** |

**Emenda 185**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikazzjonijiet għall-permessi għandhom jinkludu mill-inqas deskrizzjoni tal-elementi li ġejjin: | 2. ***Ir-reġistrazzjonijiet jew*** l-applikazzjonijiet għall-permessi għandhom jinkludu mill-inqas deskrizzjoni tal-elementi li ġejjin: |

**Emenda 186**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tip ta' annimal | (b) it-tip ta' annimal ***u d-densità tal-bhejjem tiegħu;*** |

**Emenda 187**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli mill-installazzjoni f'kull mezz. | (e) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli mill-installazzjoni f'kull mezz ***f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim*** . |

**Emenda 188**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) l-għadd approssimattiv ta' jiem li l-annimali qattgħu barra mill-istalla*** |

**Emenda 189**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe bidla sostanzjali ppjanata għall-installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, li jista' jkollha konsegwenzi għall-ambjent. ***Meta*** xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra mill-ġdid u taġġorna l-permess. | 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe bidla sostanzjali ppjanata għall-installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, li jista' jkollha konsegwenzi għall-ambjent. ***Fejn*** xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra mill-ġdid u taġġorna l-permess ***jew titlob lill-operatur biex japplika għal permess jew jagħmel reġistrazzjoni ġdida***. |

**Emenda 190**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c - paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sentejn wara l-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli operattivi, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew li jivvaluta l-impatt tas-sistema fuq il-vijabbiltà ekonomika tal-installazzjonijiet agrikoli li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-kostijiet attribwiti għas-sistemi ta' permessi u ta' reġistrazzjoni u t-tnaqqis fl-emissjonijiet miksuba permezz tal-miżuri implimentati, filwaqt li tqis il-kostijiet u l-benefiċċji kollha relatati mal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti, sabiex ċerti dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni mid-direttiva jiġu adattati skont dan.*** |

**Emenda 191**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70d – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur iwettaq monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati f'konformità mar-regoli operattivi ***msemmija*** fl-Artikolu 70i. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur iwettaq monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati ***f'kundizzjonijiet uniformi u*** f'konformità mar-regoli operattivi ***stabbilit fl-att delegat imsemmi*** fl-Artikolu 70i. |

**Emenda 192**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70d – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-operatur għandu jżomm rekord ta', u jipproċessa, ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ, għal perjodu ta' mill-inqas sitt snin, b'tali mod li tkun tista' ssir il-verifika | ***Id-data ta' monitoraġġ għandha tinkiseb permezz ta' metodi ta' kejl jew, fejn dan mhuwiex possibbli, permezz ta' metodi ta' kalkolu bħall-użu ta' fatturi ta' emissjoni.*** |

| | |
|---|---|
| tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i. | ***Kemm il-metodi ta' kejl kif ukoll il-metodi ta' kalkolu jekk applikabbli, għandhom jiġu deskritti fir-regoli operattivi.*** |
| | L-operatur għandu jżomm rekord ta', u jipproċessa, ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ, għal perjodu ta' mill-inqas sitt snin, b'tali mod li tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fir-regoli operattivi. |
| | Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum ta' 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida, wara l-kriterji għall-metodi ta' kejl u kalkolu, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet u l-eteroġeneità tal-prattiki ta' trobbija fl-Unjoni kollha. |

**Emenda 193**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70d – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fir-regoli operattivi ***msemmija*** fl-Artikolu 70i, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jerġa' jkun hemm il-konformità fl-iqsar żmien possibbli. | 2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali ***f'kundizzjonijiet uniformi*** stabbiliti fir-regoli operattivi ***stabbiliti fl-att delegat imsemmi*** fl-Artikolu 70i, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jerġa' jkun hemm il-konformità fl-iqsar żmien possibbli. |

**Emenda 194**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70d – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-operatur għandu jiżgura li kwalunkwe ***tixrid*** fuq l-art ta' skart, prodotti sekondarji tal-annimali jew residwi oħra ġġenerati mill-installazzjoni jitwettaq f'konformità mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, kif speċifikat fir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i, u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u li ma tikkawżax tniġġis sinifikanti tal-ambjent. | 3. L-operatur għandu jiżgura li kwalunkwe ***ġestjoni tad-demel, inkluż it-tixrid*** fuq l-art ta' skart, prodotti sekondarji tal-annimali jew residwi oħra ġġenerati mill-installazzjoni jitwettaq f'konformità mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, kif speċifikat fir-regoli operattivi, u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u li ma tikkawżax tniġġis sinifikanti tal-ambjent. |

**Emenda 195**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70e – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir monitoraġġ xieraq f'konformità mar-regoli operattivi ***msemmija*** fl-Artikolu 70i. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir monitoraġġ xieraq ***f'kundizzjonijiet uniformi u*** f'konformità mar-regoli operattivi ***stabbiliti fl-att delegat imsemmi*** fl-Artikolu 70i. |

**Emenda 196**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70e – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-operatur għandu, mingħajr dewmien, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, id-data u l-informazzjoni elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel talba bħal din sabiex tivverifika l-konformità mar-regoli operattivi ***msemmija fl-Artikolu 70i***. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel talba bħal din, jekk membru tal-pubbliku jitlob aċċess għad-data jew għall-informazzjoni | 3. L-operatur għandu, mingħajr dewmien, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, id-data u l-informazzjoni elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel talba bħal din sabiex tivverifika l-konformità mar-regoli operattivi. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel talba bħal din, jekk membru tal-pubbliku jitlob aċċess għad-data jew għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2 ta' |

| | |
|---|---|
| elenkata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.. | dan l-Artikolu. |

**Emenda 197**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70f – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valuri għall-emissjonijiet u l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali mmonitorjati skont ir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i ma jaqbżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fihom. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valuri għall-emissjonijiet u l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali mmonitorjati skont ir-regoli operattivi ***f'kundizzjonijiet uniformi stabbiliti fl-att delegat imsemmi*** fl-Artikolu 70i ma jaqbżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fihom. |

**Emenda 198**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70g – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) fil-proċedura għar-reġistrazzjoni, f'każ li ma jiġux adottati regoli ġenerali vinkolanti, u l-Istati Membri jippermettu li l-installazzjoni tiġi rreġistrata biss.*** |

**Emenda 199**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70g – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-permess; | (a) il-permess ***jew ir-reġistrazzjoni***; |

**Emenda 200**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70h – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-proċedura ta' rieżami ***tista'*** ma tkunx kondizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva. | Il-proċedura ta' rieżami ***ma għandhiex*** ma tkunx kondizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva. |

**Emenda 201**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i - paragrafu 1 - subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli operattivi li jkun fihom rekwiżiti konsistenti mal-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli għall-attivitajiet elenkati fl-Anness Ia, li għandhom jinkludu dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) valuri limitu tal-emissjonijiet;*** | |
| ***(b) rekwiżiti tal-monitoraġġ;*** | |
| ***(c) prattiki ta' tifrix fir-raba';*** | |
| ***(d) prattiki ta' prevenzjoni u mitigazzjoni tat-tniġġis;*** | |
| ***(e) valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali;*** | |
| ***(f) miżuri oħra konsistenti mal-Anness III.*** | |

**Emenda 202**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i - paragrafu 1a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, is-setturi kkonċernati, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent u l-Kummissjoni qabel ma tistabbilixxi regoli operattivi dwar il-kundizzjonijiet uniformi f'konformità mal-paragrafu 2.*** <br><br> ***L-iskambju ta' informazzjoni għandu b'mod partikolari jindirizza dan li ġej:*** <br><br> ***(a) il-livelli ta' emissjonijiet u ta' prestazzjoni ambjentali ta' installazzjonijiet u l-metodi tekniċi f'termini ta' emissjonijiet, konsum u n-natura tal-materja prima, il-konsum tal-ilma, l-użu tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-iskart, u miżuri oħra konsistenti mal-Anness III;*** <br><br> ***(b) il-metodi tekniċi użati, il-monitoraġġ assoċjat, l-effetti transmedjali, il-vijabbiltà ekonomika u teknika u l-iżviluppi f'dak ir-rigward;*** <br><br> ***(c) l-aqwa metodi tekniċi identifikati wara li jiġu kkunsidrati l-kwistjonijiet imsemmijin fil-punti (a) u (b).*** |

**Emenda 203**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 76 biex ***jissupplimenta din id-Direttiva billi jistabbilixxi r-regoli operattivi*** msemmija ***fil-paragrafu 1.".*** | 2. Il-Kummissjoni għandha sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 76 biex ***jistabbilixxi regoli operattivi dwar il-kundizzjonijiet uniformi għal kull attività*** msemmija ***fl-Anness Ia insegwitu tal-iskambju ta' informazzjoni kif imsemmi*** |

| | |
|---|---|
| | *f'dan l-Artikolu.*<br>***Tali regoli operattivi f'kundizzjonijiet uniformi għandhom ikunu konsistenti mal-użu tal-aqwa tekniki disponibbli għall-attivitajiet elenkati fl-Anness Ia u għandhom iqisu n-natura, it-tip, id-daqs u d-densità ta' dawn l-installazzjonijiet, id-daqs tal-merħliet ta' tipi ta' annimali uniċi f'azjendi agrikoli mħallta, u l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem ibbażati fuq il-mergħat, fejn l-annimali jitrabbew staġjonalment biss f'installazzjonijiet fuq ġewwa.***<br>***Ir-regoli operattivi għandhom jinkorporaw l-eżistenza ta' metodi tekniċi emerġenti fit-trobbija tal-annimali u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li fihom l-awtorità kompetenti tista' tagħti permess lil installazzjoni agrikola li tuża tali metodi tekniċi.*** |

**Emenda 204**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha għall-permessi għall-installazzjonijiet ikkonċernati jkunu konformi mar-regoli operattivi msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 42 xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat li jistabbilixxi dawk ir-regoli. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha għall-permessi għall-installazzjonijiet ikkonċernati ***u l-installazzjonijiet li qed jiġu rreġistrati*** jkunu konformi mar-regoli operattivi msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 42 xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat li jistabbilixxi dawk ir-regoli. |

**Emenda 205**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 72 – paragrafu 5 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

*(25a) Fl-Artikolu 72, jiżdied il-paragrafu li ġej:*

***5. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'mod elettroniku l-elementi li ġejjin, li għandhom jiġu ppubblikati f'format faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent fuq il-Portal:***

***(a) is-sommarju tal-permess f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 5(4) ta' din id-Direttiva;***

***(b) il-link dirett għall-EMS skont l-Artikolu 14a ta' din id-Direttiva;***

***(c) il-link dirett għall-permess skont l-Artikolu 5(4) ta' din id-Direttiva u fejn applikabbli għall-Anness tal-permess għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, it-tieni subparagrafu ta' din id-Direttiva;***

***(d) il-link dirett għall-pjanijiet ta' trasformazzjoni skont l-Artikolu 27d ta' din id-Direttiva;***

***(e) id-data xjentifika disponibbli msemmija fl-Artikolu 27d.***

***(f) lista ta' installazzjonijiet mhux konformi skont l-Artikolu 79 ta' din id-Direttiva insegwitu tad-deċiżjoni finali dwar in-nuqqas ta' konformità mill-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-liġi nazzjonali;***

***(g) il-link dirett għas-sit web tal-avviżi pubbliċi għal kull installazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.***

***Il-Kummissjoni għandha tinkorpora l-informazzjoni rrappurtata mill-Istati Membri fil-Portal fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.***

***Il-Kummissjoni għandha tinkorpora l-informazzjoni li ġejja fil-Portal fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni:***

| | |
|---|---|
| | ***(a) il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(6) ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 206**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sat-30 ta' Ġunju 2028 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis ***id-dinamiċi*** tal-innovazzjoni u r-rieżami msemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/87/KE. | Sat-30 ta' Ġunju 2028 u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Ir-rapport għandu jqis ***id-dinamika*** tal-innovazzjoni***, il-metodi tekniċi emerġenti, il-ħtieġa ta' aktar miżuri ta' prevenzjoni tat-tniġġis filwaqt li jqis il-ħtieġa ta' tranżizzjoni industrijali ġusta u inklużiva*** u r-rieżami msemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/87/KE. |

**Emenda 207**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dak ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa ta' azzjoni tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment jew l-aġġornar tar-rekwiżiti minimi ***madwar l-Unjoni*** għall-valuri limitu tal-emissjonijiet u għar-regoli dwar il-monitoraġġ u l-konformità għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT adottati matul il-perjodu preċedenti ta' ħames snin, abbażi tal-kriterji li ġejjin: | Dak ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa ta' azzjoni tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment jew l-aġġornar tar-rekwiżiti minimi ***fil-livell tal-Unjoni*** għall-valuri limitu tal-emissjonijiet***, inklużi attivitajiet li għalihom ma ġew adottati l-ebda konklużjonijiet tal-BAT skont l-Artikolu 13(7) ta' din id-Direttiva*** u għar-regoli dwar il-monitoraġġ u l-konformità għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-BAT adottati matul il-perjodu preċedenti ta' ħames snin, abbażi tal-kriterji li ġejjin: |

**Emenda 208**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 73 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni ambjentali tal-industrija fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 209**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 74 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu jistgħu jilħqu l-objettivi tagħha li tipprevjeni jew li tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u li tikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 76, biex temenda l-Anness I jew l-Anness Ia billi tinkludi f'dawk l-Annessi attività agroindustrijali li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) għandha jew huwa mistenni li jkollha impatt fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent, b'mod partikolari bħala konsegwenza tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u tal-użu tar-riżorsi;*** | |
| ***(b) il-prestazzjoni ambjentali tagħha tvarja fi ħdan l-Unjoni;*** | |
| ***(c) tippreżenta potenzjal għal titjib f'termini tal-impatt ambjentali tiegħu permezz tal-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli jew metodi tekniċi innovattivi;*** | |
| ***(d) l-inklużjoni tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva hija*** | |

***vvalutata, abbażi tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tagħha, biex ikollha proporzjon favorevoli ta' benefiċċji tas-soċjetà għall-kostijiet ekonomiċi.***

**Emenda 210**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 74 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 76 sabiex jemenda l-punt 3.6. tal-Anness I billi jżid lista eżawrjenti ta' proċessi ta' estrazzjoni u trattament ta' minerali industrijali mhux enerġetiċi għall-barit tal-minerali industrijali mhux tal-enerġija, bħall-barit, il-bentonit, id-diatomit, il-feldspar, il-fluworspar, il-grafit, il-kaolin, il-manjeżit, il-perlite, il-potassa, il-melħ, il-kubrit u t-talc, fejn il-proċessi ta' estrazzjoni u trattament għal tali minerali jkollhom impatt ambjentali sinifikanti fir-rigward tal-emissjonijiet u/jew tal-konsum tal-ilma u l-enerġija bil-limiti rilevanti.*** |

**Emenda 211**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 74 – paragrafu 2b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-Kummissjoni għandha, abbażi ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***valutazzjoni tal-impatt, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 76 sabiex jemenda l-punt 3.6. tal-Anness I billi jżid minerali mhux enerġetiċi reċentement skoperti fl-Unjoni, jekk l-estrazzjoni u t-trattament tagħhom ikollhom impatt ambjentali sinifikanti fir-rigward tal-emissjonijiet u/jew tal-konsum tal-ilma u l-enerġija bil-limiti rilevanti.*** |

**Emenda 212**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 29**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 76 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ETC/ATNI 2020/4, sat-30 ta' Ġunju 2026 tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 76 sabiex tistabbilixxi lista tal-200 installazzjoni li jniġġsu l-aktar, ibbażata fuq spejjeż ta' ħsara marġinali għas-sustanzi li jniġġsu l-arja (PM2.5, PM10, SO2, NH3, NOX, NMVOCs, As, Cd, CrVI, Pb, Hg, Ni, 1,3 butadjen, benżen, formaldeid, benżo(a)piren, diossini u furani) u għal gassijiet serra (CO2, CH4 u N2O) f'konformità mar-rapport. Meta tkun qed tistabbilixxi l-lista, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra t-tniġġis minn sustanzi niġġiesa rispettivi fl-ambjent tal-ilma, fejn applikabbli.*** |

**Emenda 213**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati | 2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati |

| | |
|---|---|
| għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li effettivament iċaħħad lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiżdied gradwalment għal ksur ripetut. Fil-każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-inqas ***8*** % tal-fatturat annwali tal-operatur ***fl-Istat Membru kkonċernat***. | għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li effettivament iċaħħad lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiżdied gradwalment għal ksur ripetut. Fil-każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-inqas ***4*** % tal-fatturat annwali tal-operatur ***fis-sena finanzjarja li tippreċedi s-sena li fiha ġiet imposta l-multa fl-Unjoni***. |

**Emenda 214**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79 – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-popolazzjoni jew l-ambjent affettwat mill-ksur, filwaqt li jitqies l-impatt tal-ksur fuq l-objettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. | (c) il-popolazzjoni jew l-ambjent affettwat mill-ksur, filwaqt li jitqies l-impatt tal-ksur fuq l-objettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent***, l-irriversibbiltà ta' kwalunkwe ħsara kkawżata bħala riżultat tal-ksur u t-tul ta' żmien meħtieġ biex tali ħsara titreġġa' lura***. |

**Emenda 215**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) ksur preċedenti rilevanti mwettaq mill-operatur jew minn din l-installazzjoni;*** |

**Emenda 216**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dħul mill-penali jintuża, bħala kwistjoni ta' prijorità, biex jikkumpensa għall-ħsara kkawżata lill-komunitajiet lokali, anki għall-konsegwenzi soċjali tat-tmiem tal-attivitajiet ekonomiċi, minħabba ksur tal-permessi. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 79a, id-dħul miġbur mill-penali ma għandux jintuża għall-fini tal-Artikolu 79a.*** |

**Emenda 217**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79 – paragrafu 3b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-penali msemmija f'dan il-paragrafu u, fil-każ ta' disparitajiet ovvji bejn ir-reġimi ta' penali tal-Istati Membri, għandha, fejn xieraq, tadotta linji gwida.*** |

**Emenda 218**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali li ġew adottati skont din id-Direttiva, l-individwi affettwati | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali li ġew adottati skont din id-Direttiva, l-individwi affettwati |

| | |
|---|---|
| jkollhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti ***u***, fejn xieraq, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ***responsabbli għall-ksur***. | jkollhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti ***responsabbli għall-ksur, anki***, fejn xieraq, mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ***fejn id-deċiżjoni, l-att jew l-ommissjoni tal-awtorità jkunu kkawżaw jew ikkontribwew għad-dannu***. |

**Emenda 219**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn ikun hemm talba għal kumpens f'konformità mal-paragrafu 1, appoġġata minn evidenza li minnha ***tista' tiġi preżunta rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-ksur***, l-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li r-responsabbiltà tkun fuq il-persuna*** responsabbli għall-ksur ***biex turi*** li ***l-ksur ma kkawżax jew ma kkontribwixxiex għad-dannu***. | 4. Fejn ikun hemm talba għal kumpens f'konformità mal-paragrafu 1, appoġġata minn evidenza***, inkluża data xjentifika rilevanti,*** li minnha ***jista' jiġi preżunt li l-ksur ikkawża jew ikkontribwixxa għad-dannu***, l-Istati Membri għandhom ***jagħtu lill-persuna*** responsabbli għall-ksur ***id-dritt legali*** li ***tirribatti l-preżunzjoni***. |

**Emenda 220**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79a – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ir-rikorrent ikun ipprovda evidenza raġonevolment disponibbli biex isostni talba għal kumpens f'konformità mal-paragrafu 1, u jkun wera b'mod raġonevoli li hemm evidenza addizzjonali fil-kontroll tal-konvenut jew ta' parti terza, jekk mitluba mir-rikorrent, il-qorti jew l-awtorità amministrattiva tkun tista' tordna li tali evidenza tiġi żvelata mill-konvenut jew mill-parti terza f'konformità mal-liġi proċedurali nazzjonali, soġġett*** |

***għar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali applikabbli dwar il-kunfidenzjalità u l-proporzjonalità.***

**Emenda 221**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79a – paragrafu 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, "data xjentifika ċara" tfisser data statistika, dik epidemjoloġika u data oħra li turi rabta ta' kawżalità statistikament soda bejn ċerti tipi ta' tniġġis u ċerti kundizzjonijiet tas-saħħa.*** |

**Emenda 222**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79a – paragrafu 5b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. L-Istati Membri għandhom jissottomettu data xjentifika rilevanti dwar ir-rabtiet ta' kawżalità bejn ċerti tipi ta' tniġġis u ċerti kundizzjonijiet tas-saħħa lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. L-Aġenzija għandha tinkorpora d-data wara skrutinju inizjali tal-affidabbiltà xjentifika tas-sorsi fil-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali stabbilit skont ir-Regolament (UE).../... COM(2022)0157 – C9-0145/2022 – 2022/0105(COD)*** |

**Emenda 223**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – point -a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 1.2a (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) Fl-Anness I, il-paragrafu 3, jiddaħħal il-punt 1.2a (ġdid):*** |
| | ***1.2a L-esplorazzjoni u l-produzzjoni upstream taż-żejt fuq l-art u l-gass naturali, il-ġbir u l-ipproċessar tal-gass naturali*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jikkonformaw bis-sħiħ mal-Wegħda tal-UE b'rabta mal-Metan, l-installazzjonijiet upstream taż-żejt u tal-gass iridu jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*

**Emenda 224**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt -aa (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 1.2b (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a a) Fl-Anness I, il-paragrafu 3, jiddaħħal il-punt 1.2b (ġdid):*** |
| | ***1.2b L-esplorazzjoni u l-produzzjoni upstream taż-żejt fuq l-art u l-gass naturali*** |

**Emenda 225**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt b**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 2.3 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tħaddim ta' ferreriji bl-imrietel li l-enerġija tagħhom taqbeż l-***20*** kilojoule għal kull martell; | (b) it-tħaddim ta' ferreriji bl-imrietel li l-enerġija tagħhom taqbeż l-***50*** kilojoule għal kull martell; |

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda tal-attivitajiet bħat-tħaddim ta' ferreriji bl-imrietel li l-enerġija tagħhom hija inqas minn 50 kilojoule mhijiex neċessarja u mhijiex konformi mar-regoli tal-IED. Is-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-Anness I billi żżid l-attivitajiet agroindustrijali, kif previst fl-Artikolu 71, teħtieġ valutazzjoni bbażata fuq l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-attività li għandu jiżdied biex tintwera relazzjoni favorevoli bejn il-benefiċċji tas-soċjetà u l-kostijiet ekonomiċi. Tali valutazzjoni mhijiex disponibbli għal attiviatjiet bħat-tħaddim ta' ferreriji bl-imrietel li l-enerġija tagħhom hija inqas minn 50 kilojoule. Il-Kummissjoni nfisha kkonkludiet fil-valutazzjoni tagħha tal-emendar tal-Anness I permezz tal-estensjoni tal-attività 2.3 li mhijiex ċerta dwar jekk aktar regolamentazzjoni tal-attivitajiet miżjuda mill-IED hux se twassal għal aktar titjib ambjentali, minkejja l-introduzzjoni ta' piż regolatorju addizzjonali fuq l-operaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Għalkemm dawn l-attivitajiet jipproduċu emissjonijiet fl-arja u fl-ilma, ma ġiex provat li dawn l-emissjonijiet huma niġġiesa ħafna jew relevanti fis-sens tal-Artikolu 74. 1 SWD(2020) 181 final, Evaluation of the Industrial Emissions Directive (IED) 2 (Valutazzjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali) "Gathering of complementary evidence for assessing the impacts of extending the scope of the IED to additional sectors" (Il-ġbir ta' evidenza komplimentari għall-valutazzjoni tal-impatti tal-estensjoni tal-kamp tal-IED għall-setturi addizzjonali), Rapport Finali, 2021*

**Emenda 226**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt b**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 2.3 – punt ba

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ba) it-tħaddim ta' ferreriji bi preses tal-forġa li l-forza tagħhom taqbeż l-10 mega-newtons (MN) għal kull pressa;".*** | ***imħassar*** |

**Emenda 227**
**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt c**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 2.7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2.7. Il-manifattura ta' batteriji tal-joni tal-litju ***(inkluż*** l-assemblaġġ ta' ċelloli ***tal-batteriji*** u ta' ***pakki*** ta' ***batteriji)***, ***b'kapaċità tal-produzzjoni*** ta' ***3,5 GWh*** jew aktar fis-sena.***";*** | 2.7. Il-manifattura ta' batteriji tal-joni tal-litju***, minbarra*** l-assemblaġġ ***esklussiv*** ta' ċelloli ***f'pakketti*** u ***moduli, b'kapaċità*** ta' ***produzzjoni*** ta' ***17***, ***500 tunnellata*** ta' ***ċelloli tal-batteriji (katodu***, ***anodu,*** |

| | |
|---|---|
| | ***elettrolit, separatur u kapsula)*** jew aktar fis-sena. |

**Emenda 228**
**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt d**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 3.5 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) kapaċità tal-produzzjoni li taqbeż il-75 tunnellata kuljum***; jew*** | (a) kapaċità tal-produzzjoni li taqbeż il-75 tunnellata kuljum***, u/***jew***;*** |

**Emenda 229**
**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt e**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 3.6 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3.6. L-estrazzjoni u t-trattament (operazzjonijiet bħat-tifrik, il-kontroll tad-daqs, il-benefiċjazzjoni u t-titjib) tal-minerali mhux tal-enerġija li ġejjin: | 3.6. L-estrazzjoni u t-trattament (operazzjonijiet bħat-tifrik, il-kontroll tad-daqs, il-benefiċjazzjoni u t-titjib) tal-minerali mhux tal-enerġija li ġejjin: ***il-boksajt, il-kromu, il-kobalt, ir-ram, id-deheb, il-ħadid, iċ-ċomb, il-litju, il-manganiż, in-nikil, il-palladju, il-platinu, il-landa, it-tungstenu u ż-żingu."*** |

**Emenda 230**
**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt e**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 3.6 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) minerali industrijali, inkluż il-barit, il-bentonit, id-diatomit, il-feldspar, il-fluworspar, il-grafit, il-ġipsum, il-kawlina, il-manjeżit, il-perlit, il-potassa, il-melħ, il-kubrit u t-talk;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 231**
**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt e**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 3.6 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) minerali mhux maħduma metalliferi, inkluż il-boksajt, il-kromu, il-kobalt, ir-ram, id-deheb, il-ħadid, iċ-ċomb, il-litju, il-manganiż, in-nikil, il-palladju, il-platinu, il-landa, it-tungstenu u ż-żingu.";*** | ***imħassar*** |

**Emenda 232**
**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 4.2 – punt a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(e a) Fl-Anness I, il-punt 4.2, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (a) gassijiet, bħall-ammonja, il-klorin jew klorur ***ta' l-idroġenu***, fluworin jew fluworidu ***ta' l-idroġenu***, ossidi tal-faham, komposti tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, idroġenu, dijossidu tal-kubrit, klorur ***tal-karbonil*** | ***"(a)*** gassijiet, bħall-ammonja, il-klorin jew klorur ***tal-idroġenu***, fluworin jew fluworidu ***tal-idroġenu***, ossidi tal-faham, komposti tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, idroġenu ***għajr l-elettrolisi tal-ilma għall-produzzjoni tal-idroġenu, fejn l-kapaċità tal-produzzjoni tal-idroġenu hija inqas minn 50 MW***, dijossidu tal-kubrit, klorur tal-karbonil" |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 233**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 5.2 – punt b

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness I, il-paragrafu 3, is-subparagrafu 3, il-punt 5.2, il-punt b jinbidel kif ġej:*** |
| Rimi jew irkupru ta' skart f'impjanti għall-inċinerazzjoni tal-iskart jew f'impjanti ta' koinċinerazzjoni tal-iskart: | Rimi jew irkupru ta' skart f'impjanti għall-inċinerazzjoni tal-iskart jew f'impjanti ta' koinċinerazzjoni tal-iskart ***ħlief jekk dak l-iskart ikun kompost esklussivament minn bijomassa kif definit fl-Artikolu 3(31)(b) tad-Direttiva 2010/75/UE***: |

*(Id-Direttiva 2010/75/KE)*

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika sabiex ikun ċar x'jaqa' taħt il-konklużjonijiet tal-BAT għall-inċinerazzjoni tal-iskart u x'jaqa' taħt il-konklużjonijiet tal-BAT għall-impjanti kbar tal-kombustjoni, li jsegwu standards differenti.*

**Emenda 234**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt g**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – punt 5.3 – punt a – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) it-trattament bijoloġiku (bħad-diġestjoni anaerobika); | (i) it-trattament bijoloġiku (bħad-diġestjoni anaerobika ***jew il-kodiġestjoni***); |

**Emenda 235**
**Proposta għal direttiva**
**Anness II**
Direttiva 2010/75/UE
Anness Ia – punt 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. It-trobbija ***tal-baqar,*** tal-ħnieżer u tat-tjur f'installazzjonijiet ta' ***150*** unità ta' bhejjem (LSU) jew aktar. | 1. It-trobbija tal-ħnieżer u tat-tjur f'installazzjonijiet ta' ***200*** unità ta' bhejjem (LSU) jew aktar***, barra mit-trobbija mwettqa fil-kuntest ta' biedja estensiva kif*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***definita f'din id-Direttiva**.* |
| | ***It-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat fir-rziezet jew f'installazzjonijiet ta' 300 unità ta' bhejjem (LSU) jew aktar, barra mit-trobbija mwettqa fil-kuntest ta' biedja estensiva kif definita f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 236**
**Proposta għal direttiva**
**Anness II**
Direttiva 2010/75/UE
Anness Ia – punt 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-trobbija ta' kwalunkwe taħlita tal-annimali li ġejjin: bhejjem tal-ifrat, ħnieżer, tjur, f'installazzjonijiet ta' ***150*** LSU jew aktar. | 2. It-trobbija ta' kwalunkwe taħlita tal-annimali li ġejjin: bhejjem tal-ifrat, ħnieżer, tjur, f'installazzjonijiet ta' ***250*** LSU jew aktar***, barra mit-trobbija mwettqa fil-kuntest ta' biedja estensiva kif definita f'din id-Direttiva**. **Meta t-trobbija ta' waħda mill-kategoriji tal-bhejjem imsemmija hawn fuq tkun inqas minn 25 LSU, dik il-kategorija ma għandhiex tingħadd mal-LSU finali ta' kwalunkwe taħlita ta' trobbija.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tintużax biex jiġu evitati l-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva.*** |
| ***L-ekwivalenti approssimattiv f'LSU huwa bbażat fuq ir-rati ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014*.*** | L-ekwivalenti approssimattiv f'LSU huwa bbażat, b'mod konformi mal-koeffiċjenti ta' unitajiet ta' bhejjem kif definiti fir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a] dwar l-Istatistika Integrata tal-Azjendi Agrikoli fuq ir-rati ta' konverżjoni li ġejjin: |

| | | |
|---|---|---|
| ***Tip ta' annimal*** | ***Karatteristika tal-annimal*** | ***Koeffiċj*** |
| ***Annimali bovini*** | ***Taħt l-età ta' sena*** | ***0.400*** |
| | ***Sena jew aktar iżda inqas minn*** | ***0.700*** |

| | | |
|---|---|---|
| | ***sentejn*** | |
| | ***Barrin, ta' sentejn jew iktar*** | ***1.000*** |
| | ***Erieħ, ta' sentejn jew iktar*** | ***0.800*** |
| | ***Baqar tal-ħalib*** | ***1.000*** |
| | ***Baqar oħra, ta' sentejn jew iktar*** | ***0.800*** |
| ***Ħnieżer*** | ***Qżieqeż li għandhom piż ħaj ta' inqas minn 20 kg*** | ***0.027*** |
| | ***Ħnieżer tal-għalla li jiżnu 50 kg jew aktar*** | ***0.500*** |
| | ***Ħnieżer oħra*** | ***0.300*** |
| ***Tjur*** | ***Tiġieġ tas-simna*** | ***0.007*** |
| | ***Tiġieġ tal-bajd*** | ***0.014*** |
| | ***Tjur ieħor (dundjani, papri, wiżż, ngħam, tjur tar-razzett ieħor mhux ikklassifikat banda oħra.)*** | |
| | ***Dundjani*** | ***0.030*** |
| | ***Papri*** | ***0.010*** |
| | ***Wiżż*** | ***0.020*** |
| | ***Ngħam u tjur tar-razzett ieħor mhux ikklassifikat banda oħra*** | |
| | ***Ngħam*** | ***0.350*** |
| | ***Tjur tar-razzett ieħor mhux ikklassifikat banda oħra*** | ***0.001*** |

______

**** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli***

______

***[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika***

***għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ĠU L 227, 31.07.2014, p. 18).*** ***integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1–29).***

Emenda 237
**Proposta għal direttiva**
**Anness III**
Direttiva 2010/75/UE
Anness II – punt 1.5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1.5. Il-kostijiet evalwati mill-operatur għandhom jiġu vvalutati mill-awtorità kompetenti, abbażi tal-informazzjoni minn sorsi oħra bħal fornituri tat-teknoloġija, ġudizzji esperti jew data minn impjanti oħra fejn ġew installati reċentement l-aħjar metodi tekniċi disponibbli. | 1.5. Il-kostijiet evalwati mill-operatur għandhom jiġu vvalutati mill-awtorità kompetenti, abbażi tal-informazzjoni minn sorsi oħra bħal fornituri tat-teknoloġija, ***riċerka evalwata bejn il-pari,*** ġudizzji esperti jew data minn impjanti oħra fejn ġew installati reċentement l-aħjar metodi tekniċi disponibbli. |

**Emenda 238**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIa (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness III – punt 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***fl-Anness III, il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:*** |
| 2. l-użu ta' sustanzi ***anqas*** perikolużi; | ***"***2. l-użu ta' ***anqas*** sustanzi perikolużi***, u sustanzi oħra ta' tħassib serju ħafna***;***"*** |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 239**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIb (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness III – punt 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness III, il-punt 5 jinbidel b'dan li ġej:*** |
| 5. teknoloġiji avvanzati u tibdil fl-għarfien u fil-fehim xjentifiku; | ***"***5. teknoloġiji avvanzati***, inklużi għodod diġitali,*** u tibdil fl-għarfien u fil-fehim xjentifiku;***"*** |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 240**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIc (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness III – punt 9

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness III, il-punt 9 jinbidel b'dan li ġej:*** |
| 9. il-konsum u n-natura tal-materja prima (inkluż l-ilma) użata fil-proċess u l-effiċjenza ta' enerġija ***tagħhom***; | ***"9.*** Il-konsum***, ir-riċiklaġġ*** u n-natura tal-materja prima (inkluż l-ilma) użata fil-proċess u l-effiċjenza ta' enerġija ***u d-dekarbonizzazzjoni***;***"*** |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 241**

**Proposta għal direttiva**
**Anness IIId (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness III – punt 11

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness III, il-punt 11 jinbidel b'dan li ġej:*** |
| 11. il-ħtieġa ta' prevenzjoni ta' aċċidenti u l-imminimizzar tal-konsegwenzi għall-ambjent; | 11. il-ħtieġa ta' prevenzjoni ta' aċċidenti u l-imminimizzar tal-konsegwenzi għall-ambjent ***u għall-ħaddiema***; |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02010L0075-*

*20110106&qid=1670312326229)*

**Emenda 242**

**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIe (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness III – punt 12b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness III jiġi miżjud il-punt li ġej:*** |
| | ***12b. Il-ħtieġa li jiġi evitat u minimizzat l-impatt negattiv fuq il-bijodiversità.*** |

**Emenda 243**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIf (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness IV – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness IV, il-paragrafu 1, il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:*** |
| 1. Il-pubbliku għandu jiġi mgħarraf (b'avviżi pubbliċi ***jew b'mezzi oħra xierqa bħalma hija l-midja elettronika meta disponibbli***) dwar il-materji li ġejjin kmieni fil-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew, l-iktar tard hekk kif din l-informazzjoni tkun tista' tiġi pprovvduta b'mod raġonevoli: | ***"1.*** Il-pubbliku għandu jiġi mgħarraf (b'avviżi pubbliċi ***u permezz ta' paġna web faċli biex tinstab fis-sit web tal-awtoritajiet pubbliċi li l-aċċess għaliha mhuwiex ristrett***) dwar il-materji li ġejjin kmieni fil-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew, l-iktar tard hekk kif din l-informazzjoni tkun tista' tiġi pprovvduta b'mod raġonevoli: |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 244**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIg (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness IV – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness IV, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. Il-pubbliku kkonċernat għandu jkun intitolat li jesprimi kummenti u opinjonijiet lill-awtorità kompetenti qabel ma tittieħed deċiżjoni. | ***"3.*** Il-pubbliku kkonċernat għandu jkun intitolat li jesprimi kummenti u opinjonijiet lill-awtorità kompetenti ***f'ħin utli*** qabel ma tittieħed deċiżjoni.***"*** |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 245**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIh (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness IV – paragrafu 5

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness IV, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***5. L-arranġamenti ddettaljati sabiex il-pubbliku jiġi mgħarraf (pereżempju, bit-twaħħil tal-kartelluni f'ċertu raġġ jew bil-pubblikazzjoni fil-gazzetti lokali) u sabiex il-pubbliku interessat jiġi kkonsultat (pereżempju, b'sottomissjonijiet bil-miktub jew permezz ta' inkjesta pubblika) għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri***. Għandhom jiġu ***pprovvduti perijodi raġjonevoli*** ta' żmien għall-fażijiet differenti, billi ***jiġi permess*** żmien biżżejjed sabiex il-pubbliku ***u l-pubbliku interessat jiġu mgħarrfa sabiex iħejju ruħhom*** u ***jippartieċipaw*** b'mod effettiv ***fit-tfassil tad-deċiżjonijiet dwar l-ambjent suġġett għal*** dan l-Anness. | ***"5***. Għandhom jiġu ***pprovduti perjodi raġonevoli*** ta' żmien għall-fażijiet differenti, billi ***jitħalla*** żmien biżżejjed sabiex il-pubbliku ***jiġi informat u biex il-pubbliku kkonċernat iħejji ruħu*** u ***jipparteċipa*** b'mod effettiv ***għall-proċess deċiżjonali fil-qasam tal-ambjent fis-sens ta'*** dan l-Anness.***"*** |

*(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32010L0075)*

**Emenda 246**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIi (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE

Anness IV - paragrafu 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness IV, jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***5a. Il-pubbliku kkonċernat li jgħix fi Stat Membru li jikkondividi l-fruntiera mal-Istat Membru li fih qed titwettaq l-attività għandu jkun informat b'mod ugwalment effettiv għall-pubbliku kkonċernat li jgħix fl-istess Stat Membru fejn titwettaq l-attività. Dan għandu jinkludi t-traduzzjoni ta' informazzjoni rilevanti prevista fil-paragrafi 1 u 2.*** |

**Emenda 247**

**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIj (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness V - Parti 3 - paragrafu 8 - subparagrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness V, il-Parti 3, il-paragrafu 8, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| L-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar ir-riżultati tal-verifika tas-sistemi awtomizzati tal-kejl. | L-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar ir-riżultati tal-verifika tas-sistemi awtomizzati tal-kejl ***fi żmien tliet xhur***. |

*(32010L0075)*

**Emenda 248**

**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIk (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness V - Parti 3 - paragrafu 10 - subparagrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness V, il-Parti 3, il-paragrafu 10, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |

| | |
|---|---|
| Kwalunkwe jum li fih ikunu invalidi iktar minn tliet valuri medji kull siegħa minħabba tħaddim ħażin jew minħabba manutenzjoni tas-sistema awtomizzata ta' kejl, għandu jkun invalidat. Jekk ikunu invalidati iktar minn għaxart ijiem matul sena għal dawn is-sitwazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha ***tesiġi*** li l-operatur jieħu miżuri adegwati biex itejjeb l-affidabbiltà tas-sistema awtomizzata ta' kejl. | Kwalunkwe jum li fih ikunu invalidi iktar minn tliet valuri medji kull siegħa minħabba tħaddim ħażin jew minħabba manutenzjoni tas-sistema awtomizzata ta' kejl, għandu jkun invalidat. Jekk ikunu invalidati iktar minn għaxart ijiem matul sena għal dawn is-sitwazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha ***teżiġi*** li l-operatur jieħu miżuri adegwati biex itejjeb l-affidabbiltà tas-sistema awtomizzata ta' kejl ***fi żmien tliet xhur***. |

*(32010L0075)*

**Emenda 249**

**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIl (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness VI – Parti 6 – punt 1.2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness VI, il-Parti 6, il-punt 1.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1.2. Kampjunar u analiżi tas-sustanzi li jniġġsu kollha li jinkludi dijossini u furani kif ukoll il-garanzija ta' kwalità ta' sistemi ta' kejl awtomizzati u l-metodi ta' kejl ta' referenza biex ***tikkalibrahom*** għandhom jitwettqu skont is-CEN-standards. Jekk l-istandards CEN mhumiex disponibbli, għandhom japplikaw l-istandards ISO, standards nazzjonali jew standards internazzjonali oħra li jiżguraw l-għotja ta' data ta' kwalità xjentifika ekwivalenti. Is-sistemi ta' kejl awtomizzati għandhom ikunu suġġetti għal kontroll permezz ta' kejl parallel mal-metodi ta' referenza mill-inqas darba fis-sena. | 1.2. Kampjunar u analiżi tas-sustanzi li jniġġsu kollha li jinkludi dijossini u furani kif ukoll il-garanzija ta' kwalità ***tal-laboratorji u*** ta' sistemi ta' kejl awtomizzati u l-metodi ta' kejl ta' referenza biex ***tikkalibra dan tal-aħħar*** għandhom jitwettqu skont is-CEN-standards. Jekk l-istandards CEN mhumiex disponibbli, għandhom japplikaw l-istandards ISO, standards nazzjonali jew standards internazzjonali oħra li jiżguraw l-għotja ta' data ta' kwalità xjentifika ekwivalenti. Is-sistemi ta' kejl awtomizzati għandhom ikunu suġġetti għal kontroll permezz ta' kejl parallel mal-metodi ta' referenza mill-inqas darba fis-sena. |

*(32010L0075)*

**Emenda 250**

**Proposta għal direttiva**
**Anness IIIm (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness VI – Parti 8 – punt 1.2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Anness VI, il-Parti 8, il-punt 1.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| Il-valuri medji ta' kull nofs siegħa u l-medji ta' għaxar minuti għandhom jiġu ddeterminati matul il-ħin tal-ħidma effettiv (il-perjodi ta' x'ħin ***jinxtgħel*** u ***jintefa'*** huma ***esklużi*** jekk ***m'hemmx*** skart li qiegħed jiġi inċinerat) mill-valuri mkejla wara li jiġi mnaqqas il-valur tal-intervall kunfidenzjali speċifikat fil-punt 1.3 tal-Parti 6. Il-valuri medji ta' kull jum għandhom jiġu ddeterminati minn dawk il-valuri medji validati. | Il-valuri medji ta' kull nofs siegħa u l-medji ta' għaxar minuti għandhom jiġu ddeterminati matul il-ħin tal-ħidma effettiv (il-perjodi ta' x'ħin ***jinxtegħlu u jintfew id-dijossini, il-furani*** u ***l-poliklorobifenili simili għad-dijossini*** huma ***inklużi anke*** jekk ***ma hemmx*** skart li qiegħed jiġi inċinerat) mill-valuri mkejla wara li jiġi mnaqqas il-valur tal-intervall kunfidenzjali speċifikat fil-punt 1.3 tal-Parti 6. Il-valuri medji ta' kull jum għandhom jiġu ddeterminati minn dawk il-valuri medji validati. |

*(Id-Direttiva 2010/75/KE)*

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konklużjonijiet tal-WI BAT jikkonċernaw l-emissjonijiet tal-PCDD/F u jinkludu miżuri dwar kif dawn għandhom jiġu evitati, peress li jidhru li jistgħu jiġu evitati minħabba li s-sistema tat-tindif tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija tkun qed topera meta t-temperatura ma tkunx għolja biżżejjed: "Sabiex tiġi evitata żieda fl-emissjonijiet ta' PCDD/F, is-sistema tat-tindif tal-gass mit-tromba taċ-ċumnija għandha tkun qed taħdem bis-sħiħ, diġà qabel ma jinxtegħel, u l-bypasses iridu jingħalqu." Huwa żgurat li dan huwa rifless fl-Anness u li l-istartjar ma jiġix injorat peress li "t-tagħbijiet tal-emissjonijiet ta' PCDD/F ekwivalenti għal diversi xhur ta' tħaddim normali jistgħu jiġu assoċjati ma' startjar kiesaħ wieħed".*

## NOTA SPJEGATTIVA

Id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali – hija l-istrument ewlieni tal-UE li jirregola l-emissjonijiet li jniġġsu mill-industrija. L-installazzjonijiet agroindustrijali kbar li jwettqu l-attivitajiet industrijali taħt l-ambitu tal-IED jistgħu joperaw biss jekk ikollhom permess, mogħti mill-awtoritajiet nazzjonali. L-IED għandha funzjoni doppja: Filwaqt li timmira li tnaqqas u tipprevjeni, sa fejn hu possibbli, l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija, din tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni industrijali billi tistabbilixxi l-aħjar tekniki disponibbli bħala standard li għandu jintlaħaq għall-installazzjonijiet.
Fil-qalba tal-IED jinsab l-hekk imsejjaħ "Proċess ta' Sevilla" – forum għall-iskambju ta' informazzjoni, li jġib flimkien diversi partijiet ikkonċernati. L-iskambju jappoġġa lill-Kummissjoni meta tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna dokumenti ta' referenza tal-Aħjar tekniki disponibbli (dokumenti ta' referenza tal-BAT) permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni (il-"konklużjonijiet tal-BAT"), li tikkostitwixxi pedament tal-proċeduri nazzjonali tal-awtorizzazzjoni. Għalhekk, il-Proċess ta' Sevilla huwa fost l-aktar għodod ta' politika effettivi minn isfel għal fuq fl-UE.
Ir-rieżami propost tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED) jirriżulta bħala evoluzzjoni naturali tal-leġiżlazzjoni eżistenti, biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku. Dan ir-rieżami għandu l-għan li jippromwovi t-tranżizzjoni doppja - għal ekonomija aktar sostenibbli u diġitalment awtonoma, billi jrawwem proċessi industrijali innovattivi u bbażati fuq it-teknoloġija. Għalhekk, parti sinifikanti tal-proposta tal-Kummissjoni minn April 2022 hija kemm antiċipata kif ukoll milqugħa mis-soċjetà ċivili u aċċettata fil-biċċa l-kbira mill-industriji kkonċernati. Min-naħa l-oħra, partijiet mill-proposta tal-Kummissjoni jqajmu jew oġġezzjonijiet speċifiċi għas-settur jew tħassib orizzontali fost in-negozji u r-rappreżentanti tal-Istati Membri. Fl-istess ħin xi partijiet ikkonċernati jivvalutaw il-proposta tal-Kummissjoni bħala adegwata fil-prinċipju, iżda mhux f'waqtha, minħabba l-pressjoni straordinarja fuq l-industriji tal-UE fi żminijiet ta' kriżi u trasformazzjoni, bħala konsegwenza tal-ambizzjoni għolja tal-pakkett leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %", il-problemi fil-ktajjen tal-provvista globali, il-kriżi tal-enerġija u l-gwerra Russa kontra l-Ukrajna. Dawn il-vuċijiet jeħtieġ li jiġu kkreditati tal-inqas parzjalment, peress li xi drabi jkun hemm kunflitt inerenti bejn il-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni u ta' tindif mit-tniġġis, u barra minn hekk it-tnejn – miżuri ta' dekarbonizzazzjoni u ta' tindif mit-tniġġis – ħafna drabi jeħtieġu konsum ogħla tal-enerġija, filwaqt li liġijiet ġodda bħal EED u RePowerEU u speċjalment il-gwerra aggressiva ta' Putin fl-Ukrajna u l-kriżi tal-enerġija sussegwenti, jagħtu mandat lill-industriji biex jinvestu fl-effiċjenza enerġetika bħala kwistjoni ta' prijorità.
Għadd ta' tħassib huma kondiviżi wkoll mill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni fl-opinjonijiet tagħhom.

Fir-rapport attwali, l-ambizzjoni prinċipali tiegħi bħala Rapporteur hija li nżomm u saħansitra ntejjeb il-loġika u l-ambizzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li nindirizza t-tħassib raġonevoli li tqajjem. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati involuti joġġezzjonaw għal ċerti artikoli jew prinċipji tal-proposta tal-Kummissjoni u jixtiequ jarawhom miċħuda mill-koleġiżlaturi, l-approċċ universali tiegħi huwa li nipproponi kompromess fuq il-partijiet ikkontestati tal-proposta leġiżlattiva u nfittex soluzzjoni għal tħassib leġittimu, filwaqt li nkompli nżid l-ambizzjoni. Din hija, fl-opinjoni tiegħi, l-idea proprja tal-leġiżlazzjoni tal-IED u l-Proċess ta' Sevilla, ibbażata fuq kompromess bir-reqqa bejn diversi partijiet ikkonċernati, tekniki ġodda u sigurtà tal-investituri filwaqt li tevolvi gradwalment lejn il-mira ta' tniġġis żero.

Fost it-tħassib ewlieni, espress mill-partijiet ikkonċernati, f'dan ir-rapport indirizzajt dan li ġej:

1. **Speċifiku għas-settur:**

- Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni rigward **l-attivitajiet agrikoli**

Minkejja l-pożizzjoni b'saħħitha ħafna u l-argumenti kontra l-estensjoni tal-ambitu, espressi mir-rappreżentanti tal-industrija, l-opinjonijiet tal-KESE u tal-AGRI, fir-rapport nikkunsidra d-data rilevanti dwar it-tniġġis, ikkawżat minn attivitajiet ta' trobbija tal-annimali. Għalhekk, fi tfittxija għal kompromess, nipproponi l-esklużjoni tal-biedja estensiva, organika u tal-familja biss taħt ċertu ambitu, definit mill-awtoritajiet nazzjonali, ibbażata fuq ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali speċifiċi, u li jiżdied il-limitu ġenerali minn 150 għal 300 LSU, fejn l-ebda eżenzjoni ma hija applikabbli.

- Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni rigward l-**attivitajiet tal-estrazzjoni**

Billi t-tniġġis, relatat ma' ċerti attivitajiet tal-minjieri huwa inkontestabbli u estremament perikoluż għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, fir-rapport nikkunsidra l-oġġezzjonijiet ta' diversi setturi tal-minjieri, li l-attivitajiet tagħhom jew mhumiex qed jipproduċu emissjonijiet perikolużi jew huma diġà koperti bis-sħiħ mil-leġiżlazzjoni eżistenti. Għalhekk, nipproponi li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva jiġi estiż għal attivitajiet ta' estrazzjoni li jinvolvu proċessar kimiku bbażat fuq lista eżawrjenti ta' proċessi mħejjija mill-Kummissjoni permezz ta' att delegat. Inqis ukoll l-argumenti sodi tal-Kummissjoni, rigward it-trasparenza u l-kuxjenza pubblika bħala prekundizzjonijiet aħħarija għaż-żieda tant meħtieġa tal-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' materja prima kritika fl-UE.

- Estensjoni tal-ambitu għall-produzzjoni tal-**batteriji fuq skala kbira**

Filwaqt li l-produzzjoni u r-riċiklaġġ tal-batteriji jinvolvu għadd ta' proċessi perikolużi, l-installazzjonijiet, involuti biss fl-assemblaġġ ta' komponenti mhumiex, u għalhekk, ma għandhomx ikunu koperti taħt l-ambitu.

2. **Orizzontali:**

- **Id-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni Ewropea rigward elementi leġiżlattivi essenzjali lil hinn mill-aspetti tekniċi**

Fir-rapport tiegħi, ma naċċettax dgħjufija tar-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur. Għalhekk, nipproponi li tiġi miċħuda l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni għal xi mistoqsijiet, li jmorru lil hinn minn sempliċi rfinar tekniku filwaqt li nħeġġeġ lil din tal-aħħar tippreżenta lista eżawrjenti addizzjonali li tinkludi minerali li għandhom impatt ambjentali għoli u jinkludu dawn l-attivitajiet estrattivi fl-ambitu tad-Direttiva.

- Rekwiżit għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jistabbilixxu **valuri limitu ta' emissjonijiet fil-permessi** fl-aktar tarf strett (jiġifieri l-aktar baxx) tal-medda tal-BAT-AEL rilevanti

L-implimentazzjoni wriet li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu

l-valuri limitu tal-emissjonijiet fl-inqas tarf ambizzjuż. Għalhekk, huwa raġonevoli u f'waqtu li tiġi inċentivata r-riflessjoni aktar bir-reqqa dwar liema valuri limitu tal-emissjonijiet huma possibbli. Fid-dawl tas-sigurtà tal-ippjanar u l-prinċipju ġenerali tal-liġi tan-nuqqas ta' retroattività, jeħtieġ li jiġi ċċarat li din id-dispożizzjoni tapplika għal installazzjonijiet ġodda jew fejn il-permessi jiġu aġġornati f'konformità mal-Konklużjoni tal-BAT riveduta wara t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Il-proċess ta' Sevilla huwa attrezzat l-aħjar biex jittratta kwistjonijiet relatati ma' effetti minn mezz għall-ieħor u emissjonijiet eteroġenji. Minħabba l-eteroġeneità tal-installazzjonijiet, id-deċiżjoni finali tibqa' f'idejn l-awtorità kompetenti.

- Inklużjoni fil-Permessi ta' **valuri limitu** obbligatorji **ta' prestazzjoni ambjentali** bbażati fuq livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BAT.

F'konformità mal-valuri limitu tal-Emissjoni, nipproponi li ninkludi l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali għal installazzjonijiet ġodda u Konklużjonijiet emendati tal-BAT wara t-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li nżomm il-kunċett ġenerali minħabba l-ħtieġa tiegħu għat-trasformazzjoni. Ir-riskju ta' effetti minn mezz għall-ieħor fir-rigward tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali huwa konsiderevolment ogħla u speċifiku għall-installazzjoni, u għalhekk il-possibbiltà li jiġu stabbiliti firxiet għandha tinżamm.

- **Introduzzjoni fil-permessi ta' sistema obbligatorja ta' ġestjoni ambjentali (EMS), f'każ li ma tagħmilx diġà parti minn dokument tal-BREF**

Fir-rapport, nikkunsidra l-fatt li l-EMSs diġà jeżistu bħala parti vinkolanti ta' għadd ta' BREFs u nipproponi li tinżamm din ir-rabta bejn il-BREF u l-EMS. Madankollu, filwaqt li nirrispetta l-motivi tal-proposta tal-Kummissjoni, nissuġġerixxi rekwiżit ta' kontenut minimu għall-EMSs fl-Artikolu 14a fejn il-BREFs ma jeħtiġux EMS. F'każ fejn permess wieħed ikopri diversi installazzjonijiet, għandu jkun meħtieġ EMS wieħed biss.

- **Pjanijiet ta' trasformazzjoni obbligatorji fuq livell ta' installazzjoni**

Issa aktar minn qatt qabel, huwa fundamentalment importanti li nagħmlu kull sforz biex nappoġġaw l-industrija tagħna fl-isforzi tagħha biex issir aktar reżiljenti, effiċjenti u kompetittiva. Il-loġika wara dan it-tentattiv għandha tkun l-inkoraġġiment aktar milli piż eċċessiv fuq in-negozju. Għalhekk għandu jkun meħtieġ li kull permess ikun akkumpanjat minn pjan ta' trasformazzjoni wara l-2030.

Nipproponi li l-pjanijiet jibqgħu indikattivi, l-opportunità li jkun hemm pjan wieħed taħt permess wieħed u għażla ġdida għall-iżvilupp ta' pjan ta' trasformazzjoni konsolidat fil-livell tal-kumpanija, peress li trasformazzjoni ambizzjuża, li twassal għal dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali hija possibbli biss permezz ta' pjanijiet ta' investiment ġenerali, possibbli biss fil-livell tal-kumpanija.

- **Duplikazzjonijiet** possibbli **fir-rigward ta' obbligi ta' rapportar** taħt atti leġiżlattivi oħra tal-UE

Fl-Artikolu 27d, nipproponi wkoll, li l-EMS u l-pjanijiet ta' Trasformazzjoni ma għandhomx jinkludu informazzjoni u data diġà meħtieġa taħt leġiżlazzjoni oħra tal-UE, ħlief fil-forma ta' referenza.

Fl-emendi tiegħi, stinkajt biex nippreserva bl-akbar mod l-ekwilibriju u l-loġika organizzattiva tal-**proċess ta' Sevilla**, peress li mill-kontijiet tal-partijiet ikkonċernati kollha din hija formula ta' ħidma fl-isforz biex ma jiġix antagonizzat it-tnaqqis tat-tniġġis mal-effiċjenza u l-prestazzjoni ekonomika.

### 3. Ħruġ ta' permessi mgħaġġla

Nipproponi wkoll Artikolu 27e ġdid dwar installazzjonijiet mgħaġġla li huma essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni sal-2050 u li huma ta' karattru trasformattiv. Il-ħruġ tal-permessi ta' dawn l-installazzjonijiet għandu jsir b'mod aktar mgħaġġel.
Fid-dawl tal-kriżijiet tal-enerġija u tas-saħħa li qed ngħaddu minnhom fl-Ewropa, jeħtieġ li jkollna ħruġ tal-permessi, li jkun lest għal kriżi. Ir-rapport għandu l-għan li jirrifletti dan.

29.3.2023

# OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill
(COM(2022)0156 – C9-0144/2022 – 2022/0104(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Tomas Tobé

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Rapporteur jappoġġa ħafna elementi fil-proposta tal-Kummissjoni speċjalment fir-rigward tal-ambizzjoni ta' Direttiva aktar effettiva u l-introduzzjoni ta' ċentru ġdid għal metodi tekniċi innovattivi. Ir-Rapporteur jemmen li d-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali kienet u hija kruċjali biex jitnaqqsu t-tniġġis u l-emissjonijiet mis-settur industrijali fl-Unjoni Ewropea, u huwa tal-fehma li d-Direttiva ġġib benefiċċji ambjentali, klimatiċi u tas-saħħa għall-Unjoni Ewropea; u jemmen li l-metodu ta' ħidma attwali (il-proċess ta' Sevilla) li qed jintuża biex jintlaħaq qbil dwar l-Aħjar Metodi Tekniċi Disponibbli (BAT) għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, għandu jinżamm.

Madankollu, ir-Rapporteur huwa tal-fehma li l-proposta tal-Kummissjoni tpoġġi piż mhux ġustifikat fuq l-operaturi u tinjora r-riskju ta' subottimizzazzjoni, filwaqt li jemmen li d-Direttiva trid tirrikonoxxi l-aġġustamenti bejn valuri ambjentali opposti sabiex din il-leġiżlazzjoni ssir aħjar għall-klima, għall-ambjent u għan-nies.

Dwar dan il-punt, ir-Rapporteur jopponi t-tħassir tar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika u l-introduzzjoni ta' valuri ta' limitu tal-prestazzjoni ambjentali. L-elettrifikazzjoni tal-industrija se tirrikjedi aktar enerġija, u l-istabbiliment ta' rekwiżiti stretti dwar il-konsum jostakola l-elettrifikazzjoni ta' dawn is-setturi.

It-tieni, ir-Rapporteur huwa mħasseb li l-Kummissjoni tinjora r-rwol tal-proċess ta' Sevilla fl-implimentazzjoni taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni għat-Trasformazzjoni u l-Emissjonijiet Industrijali (INCITE), filwaqt li jemmen li ċ-ċentru se jagħti kontribut kruċjali għall-analiżi ta' metodi tekniċi innovattivi u emerġenti. Madankollu huwa mħasseb li l-proposta tal-Kummissjoni tissuġġerixxi li s-sejbiet taċ-ċentru jistgħu jiġu inklużi direttament fil-BREFs mingħajr valutazzjoni teknika fil-proċess ta' Sevilla.

It-tielet, ir-Rapporteur jemmen li l-iżvilupp u l-innovazzjoni tekniċi huma kruċjali għall-Unjoni Ewropea biex tilħaq l-għanijiet klimatiċi tagħha. Jemmen li l-innovazzjoni u l-iżvilupp

ta' metodi tekniċi ġodda għandhom jingħataw żmien adegwat għall-implimentazzjoni. Huwa għalhekk tal-fehma li metodi tekniċi emerġenti u innovattivi għandhom jingħataw perjodu ta' ttestjar itwal bil-possibbiltà ta' estensjoni mill-awtorità kompetenti biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-operaturi.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) Sabiex titrawwem l-effiċjenza enerġetika tal-installazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE li qed iwettqu attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, huwa xieraq li dawk l-installazzjonijiet jiġu sottomessi għar-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika fir-rigward tal-unitajiet ta' kombustjoni jew ta' unitajiet oħra li jarmu d-diossidu tal-karbonju fuq is-sit.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 2**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) L-għoti ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali jirrikjedi fost l-oħrajn l-istabbiliment fil-permessi tal-valuri limitu tal-emissjonijiet f'livell li jiżgura l-konformità mal-livelli ta' emissjonijiet applikabbli assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) | (15) L-għoti ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali jirrikjedi fost l-oħrajn l-istabbiliment fil-permessi tal-valuri limitu tal-emissjonijiet f'livell li jiżgura l-konformità mal-livelli ta' emissjonijiet applikabbli assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) |

normalment jiġu espressi bħala meded, aktar milli bħala valuri uniċi, biex jirriflettu d-differenzi fi ħdan tip partikolari ta' installazzjonijiet li jirriżultaw f'varjazzjonijiet fil-prestazzjonijiet ambjentali miksuba meta ***tiġi applikata*** l-BAT. Pereżempju, BAT partikolari ma ***tipprovdix*** l-istess prestazzjoni għal installazzjonijiet differenti, xi BATs jistgħu ma jkunux adattati għall-użu f'ċerti installazzjonijiet, jew taħlita ta' BATs tista' tkun aktar effettiva fuq xi sustanzi niġġiesa jew fuq xi setturi ambjentali minn oħrajn. Il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali ġiet ipperikolata mill-prattika li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet fl-aktar tarf baxx tal-firxa ta' livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, mingħajr ma jitqies il-potenzjal ta' installazzjoni partikolari li tikseb livelli ta' emissjonijiet aktar baxxi permezz tal-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Tali prattika tiskoraġġixxi lil dawk li jinsabu quddiem nett milli jimplimentaw metodi tekniċi aktar effettivi, u xxekkel il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi f'livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jistabbilixxu fil-permessi l-aktar valuri limitu baxxi possibbli tal-emissjonijiet li jirriflettu ***l-prestazzjoni tal-BAT*** għall-installazzjonijiet speċifiċi, filwaqt li jqisu l-firxa sħiħa tal-BAT-AELs u jimmiraw lejn l-aħjar prestazzjoni ambjentali possibbli għall-installazzjonijiet; sakemm l-operatur ma jurix li l-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT tippermetti biss lill-installazzjoni kkonċernata li tissodisfa valuri limitu tal-emissjonijiet inqas stretti.

normalment jiġu espressi bħala meded, aktar milli bħala valuri uniċi, biex jirriflettu d-differenzi fi ħdan tip partikolari ta' installazzjonijiet li jirriżultaw f'varjazzjonijiet fil-prestazzjonijiet ambjentali miksuba meta ***jiġu applikati*** l-BAT. Pereżempju, BAT partikolari ma ***jipprovdix*** l-istess prestazzjoni għal installazzjonijiet differenti, xi BATs jistgħu ma jkunux adattati għall-użu f'ċerti installazzjonijiet, jew taħlita ta' BATs tista' tkun aktar effettiva fuq xi sustanzi niġġiesa jew fuq xi setturi ambjentali minn oħrajn. Il-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali ġiet ipperikolata mill-prattika li jiġu stabbiliti valuri limitu tal-emissjonijiet fl-aktar tarf baxx tal-firxa ta' livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, mingħajr ma jitqies il-potenzjal ta' installazzjoni partikolari li tikseb livelli ta' emissjonijiet aktar baxxi permezz tal-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli. Tali prattika tiskoraġġixxi lil dawk li jinsabu quddiem nett milli jimplimentaw metodi tekniċi aktar effettivi, u xxekkel il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi f'livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jistabbilixxu fil-permessi l-aktar valuri limitu baxxi possibbli tal-emissjonijiet li jirriflettu ***l-firxa tal-BAT-AEL*** għall-installazzjonijiet speċifiċi, filwaqt li jqisu l-firxa sħiħa tal-BAT-AELs u jimmiraw lejn l-aħjar prestazzjoni ambjentali possibbli għall-installazzjonijiet; sakemm l-operatur ma jurix li l-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT tippermetti biss lill-installazzjoni kkonċernata li tissodisfa valuri limitu tal-emissjonijiet inqas stretti.

**Emenda 3**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (16) Il-kontribut tad-Direttiva 2010/75/UE għall-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija u għall-ekonomija ċirkolari fl-Unjoni jenħtieġ li jsir aktar effettiv, filwaqt li jitqies il-prinċipju "L-Effiċjenza Enerġetika Tiġi l-Ewwel" bħala prinċipju gwida tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija. Għalhekk, il-permessi jenħtieġ li jistabbilixxu, fejn possibbli, valuri ***limitu obbligatorji*** tal-prestazzjoni ambjentali fuq il-livelli tal-konsum u tal-effiċjenza fir-riżorsi, inkluż dwar ***l-użu*** tal-ilma, tal-enerġija u ***tal-materjali riċiklati***, abbażi tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT AELs) stabbiliti fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT. | (16) Il-kontribut tad-Direttiva 2010/75/UE għall-effiċjenza fir-riżorsi u fl-enerġija u għall-ekonomija ċirkolari fl-Unjoni jenħtieġ li jsir aktar effettiv, filwaqt li jitqies il-prinċipju "L-Effiċjenza Enerġetika Tiġi l-Ewwel" bħala prinċipju gwida tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija. Għalhekk, il-permessi jenħtieġ li jistabbilixxu, fejn possibbli, valuri ***indikattivi tal-livell*** tal-prestazzjoni ambjentali fuq il-livelli tal-konsum u tal-effiċjenza fir-riżorsi, inkluż dwar ***il-konsum*** tal-ilma, tal-enerġija u ***tal-materja prima, u l-użu mill-ġdid tagħhom***, abbażi tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT AELs) stabbiliti fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT***, filwaqt li jitqiesu l-effetti transsettorjali, il-kundizzjonijiet nazzjonali u l-pożizzjoni ġeografika tal-installazzjonijiet***. |

**Emenda 4**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(16a) Meta wieħed iqis in-nixfiet u l-għargħar rikorrenti fl-Ewropa li għandhom impatt dirett fuq id-disponibbiltà tal-ilma għall-industrija Ewropea u li hija l-akbar konsumatur tal-ilma fl-Ewropa, jeħtieġ li l-partijiet ikkonċernati industrijali jikkunsidraw bir-reqqa r-riskji tal-ilma kwantitattivi u kwalitattivi kemm fuq l-attivitajiet tagħhom kif ukoll minnhom. Għalhekk, jeħtieġ li l-industrija Ewropea tiġi mobilizzata biex tinkiseb soċjetà intelliġenti fir-rigward tal-ilma u biex tiġi pprovduta strateġija koerenti dwar l-ilma, li tirrikonoxxi u tirrealizza l-valur tal-ilma bil-għan li jiġu żgurati s-sigurtà, is-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-ilma. Is-*** |

***sorsi kollha disponibbli tal-ilma jeħtieġ li jiġu ġestiti b'tali mod li l-iskarsezza tal-ilma u t-tniġġis jiġu evitati. Iċ-ċirkwiti tal-ilma u tar-riżorsi huma fil-biċċa l-kbira magħluqa biex irawmu ekonomija ċirkolari u effiċjenza fir-riżorsi, filwaqt li jiġi żgurat li s-sistema tal-ilma tkun reżiljenti kontra n-nixfiet, l-għargħar u t-tibdil fil-klima. Jeħtieġ li l-industrija tiżgura li l-ġestjoni ppjanata u diġitalizzata tagħha tippermetti t-tbassir u l-aġilità biex taħdem taħt stress kif ukoll f'inċertezzi, u li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha huma involuti fil-governanza tal-ilma.***

**Emenda 5**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE sabet li, anke jekk jenħtieġ li trawwem it-trasformazzjoni tal-industrija Ewropea, din mhijiex dinamika biżżejjed u ma tappoġġax biżżejjed l-użu ta' proċessi u teknoloġiji innovattivi. Għalhekk huwa xieraq li jiġu ffaċilitati l-ittestjar u l-użu ta' metodi tekniċi emerġenti bi prestazzjoni ambjentali mtejba, biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mar-riċerkaturi u l-industriji fi proġetti ta' riċerka ffinanzjati pubblikament soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti fl-istrumenti ta' finanzjament Ewropej u nazzjonali rilevanti, kif ukoll li jiġi stabbilit ċentru ddedikat biex jappoġġa l-innovazzjoni billi jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi***, inklużi metodi tekniċi*** emerġenti, rilevanti għal attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u biex jiġi kkaratterizzat il-livell ta' żvilupp tagħhom mir-riċerka sal-implimentazzjoni (livell ta' tħejjija teknoloġika jew "TRL") u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Dan ***se jinforma wkoll l-iskambju*** ta' informazzjoni dwar it- | (24) L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE sabet li, anke jekk jenħtieġ li trawwem it-trasformazzjoni tal-industrija Ewropea, din mhijiex dinamika biżżejjed u ma tappoġġax biżżejjed l-użu ta' proċessi u teknoloġiji innovattivi. Għalhekk huwa xieraq li jiġu ffaċilitati l-ittestjar u l-użu ta' metodi tekniċi emerġenti bi prestazzjoni ambjentali mtejba, biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mar-riċerkaturi u l-industriji fi proġetti ta' riċerka ffinanzjati pubblikament soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti fl-istrumenti ta' finanzjament Ewropej u nazzjonali rilevanti, kif ukoll li jiġi stabbilit ċentru ddedikat biex jappoġġa l-innovazzjoni billi jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi ***u*** emerġenti, rilevanti għal attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u biex jiġi kkaratterizzat il-livell ta' żvilupp tagħhom mir-riċerka sal-implimentazzjoni (livell ta' tħejjija teknoloġika jew "TRL") u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Dan ***jenħtieġ li jintuża bħala bażi għall-iskambju*** ta' informazzjoni dwar it-tfassil, |

| | |
|---|---|
| tfassil, ir-rieżami u l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT. Il-metodi tekniċi innovattivi li għandhom jinġabru u jiġu analizzati miċ-ċentru jenħtieġ li tal-anqas ikunu fil-livell tat-teknoloġija muri fl-ambjent rilevanti (ambjent industrijalment rilevanti fil-każ ta' teknoloġiji abilitanti ewlenin) jew dimostrazzjoni tal-prototipi tas-sistema fl-ambjent operattiv (TRL 6-7). | ir-rieżami u l-aġġornament tad-dokumenti ta' referenza tal-BAT. Il-metodi tekniċi innovattivi li għandhom jinġabru u jiġu analizzati miċ-ċentru jenħtieġ li tal-anqas ikunu fil-livell tat-teknoloġija muri fl-ambjent rilevanti (ambjent industrijalment rilevanti fil-każ ta' teknoloġiji abilitanti ewlenin) jew dimostrazzjoni tal-prototipi tas-sistema fl-ambjent operattiv (TRL 6-7). |

**Emenda 6**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) L-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni rigward ekonomija nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050 jitlob trasformazzjoni profonda tal-ekonomija tal-Unjoni. B'mod konsistenti mat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali, l-operaturi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2010/75/UE jenħtieġ li jinkludu pjanijiet ta' trasformazzjoni fis-sistemi ta' ġestjoni ambjentali tagħhom. Tali pjanijiet ta' trasformazzjoni se jikkomplementaw ukoll ir-rekwiżiti ta' Rapportar tas-Sostenibbiltà Korporattiva skont id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[75] billi jipprovdu mezz għall-implimentazzjoni konkreta ta' dawn ir-rekwiżiti fil-livell tal-installazzjoni. L-ewwel prijorità hija t-trasformazzjoni tal-attivitajiet intensivi fl-enerġija elenkati fl-Anness I. Għalhekk, l-operaturi ta' installazzjonijiet intensivi fl-enerġija jenħtieġ li jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2030. L-operaturi tal-installazzjonijiet li jwettqu attivitajiet oħra elenkati fl-Anness I jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni bħala parti mir-rikunsiderazzjoni u l-aġġornament tal-permessi wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT ippubblikati wara l-1 ta' Jannar 2030. | (25) L-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni rigward ekonomija nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050 jitlob trasformazzjoni profonda tal-ekonomija tal-Unjoni. B'mod konsistenti mat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali, l-operaturi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2010/75/UE jenħtieġ li jinkludu pjanijiet ta' trasformazzjoni fis-sistemi ta' ġestjoni ambjentali tagħhom. Tali pjanijiet ta' trasformazzjoni se jikkomplementaw ukoll ir-rekwiżiti ta' Rapportar tas-Sostenibbiltà Korporattiva skont id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[75] billi jipprovdu mezz għall-implimentazzjoni konkreta ta' dawn ir-rekwiżiti fil-livell tal-installazzjoni. L-ewwel prijorità hija t-trasformazzjoni tal-attivitajiet intensivi fl-enerġija elenkati fl-Anness I. Għalhekk, l-operaturi ta' installazzjonijiet intensivi fl-enerġija jenħtieġ li jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni ***fil-livell ta' kumpanija*** sat-30 ta' Ġunju 2030. L-operaturi tal-installazzjonijiet li jwettqu attivitajiet oħra elenkati fl-Anness I jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipproduċu pjanijiet ta' trasformazzjoni bħala parti mir-rikunsiderazzjoni u l-aġġornament tal-permessi wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal- |

| | |
|---|---|
| ***Filwaqt*** li ***l-pjanijiet*** ta' trasformazzjoni jenħtieġ li jibqgħu dokumenti indikattivi mħejjija taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi***, l-organizzazzjoni tal-awditjar ikkuntrattata mill-operaturi bħala parti mis-sistemi*** ta' ***ġestjoni ambjentali tagħhom jenħtieġ li tivverifika li jkun fihom l-informazzjoni minima li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea f'att ta' implimentazzjoni, u*** l-operaturi jenħtieġ li jagħmlu ***l-pjanijiet*** ta' trasformazzjoni pubbliċi. | BAT ippubblikati wara l-1 ta' Jannar 2030. ***Jenħtieġ li l-operatur jivvaluta l-progress li jkun sar lejn l-ilħuq tal-miri intermedji kull tliet snin u jenħtieġ li jaġġorna l-pjan ta' trasformazzjoni tiegħu mhux aktar tard minn kull 10 snin. Il-pjanijiet*** ta' trasformazzjoni ***fil-livell ta' kumpanija*** jenħtieġ li jibqgħu dokumenti indikattivi mħejjija taħt ir-responsabbiltà tal-operaturi**.** L-operaturi jenħtieġ li jagħmlu ***dawk il-pjanijiet*** ta' trasformazzjoni pubbliċi***, filwaqt li jqisu l-kunfidenzjalità tas-sigrieti kummerċjali u tan-negozju***. |
| [75] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE; ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19–76. | [75] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE; ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19–76. |

**Emenda 7**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 9 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(7) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu (2) jitħassar.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 8**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità kompetenti għandha | L-awtorità kompetenti għandha |

| | |
|---|---|
| tistabbilixxi f'anness tal-kundizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu, inkluż ***ir-riżultat*** tal-valutazzjoni mill-operatur tat-twettiq tal-kundizzjonijiet meħtieġa. | tistabbilixxi f'anness tal-kundizzjonijiet għal permess ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu, inkluż ***sommarju tar-riżultat*** tal-valutazzjoni mill-operatur tat-twettiq tal-kundizzjonijiet meħtieġa. |

**Emenda 9**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi ***l-aktar*** valuri limitu tal-emissjonijiet ***stretti possibbli*** li huma konsistenti mal-aktar emissjonijiet baxxi li jistgħu jinkisbu bl-applikazzjoni tal-BAT fl-installazzjoni, u li jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) kif stabbilit ***fid-deċiżjonijiet*** dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5). Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni mill-operatur li tanalizza l-fattibbiltà li ***jiġi ssodisfat it-tarf l-aktar strett tal-medda*** tal-BAT-AEL u li ***tintwera l-aħjar prestazzjoni*** li tista' tikseb l-installazzjoni billi ***tiġi applikata*** l-BAT kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' wieħed minn dawn li ġejjin: | ***Wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar id-dokumenti ta' referenza tal-BAT derivati skont din id-Direttiva,*** l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet li huma konsistenti mal-aktar emissjonijiet baxxi li jistgħu jinkisbu bl-applikazzjoni tal-BAT fl-installazzjoni ***u b'kont meħud tal-effetti transsettorjali***, u li jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, l-emissjonijiet ma jaqbżux il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli (BAT-AELs) kif stabbilit ***f'dawk id-deċiżjonijiet*** dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5). Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni mill-operatur li tanalizza l-fattibbiltà li ***tiġi ssodisfata l-medda sħiħa*** tal-BAT-AEL u li ***turi l-limitu l-aktar baxx ta' emissjonijiet*** li tista' tikseb l-installazzjoni ***f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim*** billi ***jiġu applikati*** l-BAT kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT. Il-valuri limitu tal-emissjonijiet għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' wieħed minn dawn li ġejjin: |

**Emenda 10**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 3a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3a. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi ***valuri*** limitu tal-prestazzjoni ambjentali li jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, tali valuri limitu tal-prestazzjoni ma jaqbżux il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BATs kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5). | 3a. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi ***livelli*** limitu tal-prestazzjoni ambjentali ***indikattivi*** li jiżguraw li, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, tali valuri limitu tal-prestazzjoni ma jaqbżux il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-BATs kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(5). |

**Emenda 11**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) iċ-ċiklu tal-investiment ġdid relatat mat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà tal-grupp tal-operatur.*** |

**Emenda 12**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12**
Direttiva 2012/75/UE
Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***F'każijiet fejn installazzjoni tiffaċċja interruzzjoni mhux prevista fil-provvista ta' materja prima jew fjuwils, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet inqas stretti, għal massimu ta' tliet xhur, bil-possibbiltà li tittawwal dik id-deroga għal tliet xhur addizzjonali f'każijiet eċċezzjonali. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deroga mogħtija skont dan il-paragrafu. Id-deroga għandha tieqaf tapplika hekk kif*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-kundizzjonijiet tal-provvista jkunu biżżejjed.*** |

**Emenda 13**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20**
Direttiva 2012/75/UE
Kapitolu IIa – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***PROMOZZJONI*** TAL-INNOVAZZJONI" | ***TRAWWIM*** TAL-INNOVAZZJONI" |

**Emenda 14**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Iċ-ċentru għandu jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi, inklużi metodi tekniċi emerġenti rilevanti għall-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u jikkaratterizza l-livell ta' żvilupp tagħhom u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tqis is-sejbiet taċ-ċentru meta tħejji l-programm ta' ħidma għall-iskambju ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 13(3), il-punt (b), u meta tfassal, ***tirrevedi*** u taġġorna ***d-dokumenti*** ta' referenza tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(1). | 2. Iċ-ċentru għandu jiġbor u janalizza informazzjoni dwar metodi tekniċi innovattivi, inklużi metodi tekniċi emerġenti rilevanti għall-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, u jikkaratterizza l-livell ta' żvilupp tagħhom u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tqis is-sejbiet taċ-ċentru meta tħejji l-programm ta' ħidma għall-iskambju ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 13(3), il-punt (b), u meta tfassal, ***tirrieżamina*** u taġġorna***, wara valutazzjoni mill-grupp ta' ħidma tekniku rilevanti f'Sevilla, id-dokumenti*** ta' referenza tal-BAT imsemmija fl-Artikolu 13(1). |

**Emenda 15**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27b – titlu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| Ittestjar ta' metodi tekniċi emerġenti | Ittestjar ta' metodi tekniċi emerġenti ***u innovattivi*** |

**Emenda 16**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi temporanji mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2) u (3) u mill-prinċipji stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11, għall-ittestjar ta' metodi tekniċi emerġenti għal perjodu totali ta' żmien li ma jaqbiżx ***l-24*** xahar. | Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi temporanji mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 15(2) u (3) u mill-prinċipji stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 11, għall-ittestjar ta' metodi tekniċi emerġenti ***u innovattivi*** għal perjodu totali ta' żmien li ma jaqbiżx ***it-48*** xahar. |

**Emenda 17**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mill-Artikolu 21(3), l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet li jiżguraw li, fi żmien ***sitt snin mill-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni dwar il-konklużjonijiet tal-BAT f'konformità mal-Artikolu 13(5) relatata mal-attività ewlenija ta' installazzjoni***, l-emissjonijiet ma għandhomx, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, jaqbżu l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-metodi tekniċi emerġenti kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT. | B'deroga mill-Artikolu ***15(3) u (3a) u l-Artikolu*** 21(3), l-awtorità kompetenti tista'***, fuq talba tal-operatur,*** tistabbilixxi valuri limitu tal-emissjonijiet ***indikattivi*** li jiżguraw li, fi żmien ***il-perjodu li fih l-awtorità kompetenti u l-operatur jkunu wettqu valutazzjoni***, l-emissjonijiet ma għandhomx, f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, jaqbżu l-livelli ta' emissjonijiet assoċjati mal-metodi tekniċi emerġenti kif stabbilit fid-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT. |

**Emenda 18**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom ***jirrikjedu*** li sat-30 ta' Ġunju 2030 l-operatur jinkludi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 14a, pjan ta' trasformazzjoni ***għal kull installazzjoni li twettaq kwalunkwe attività elenkata*** fil-punti 1, 2, 3, 4, 6.1a, u 6.1b tal-Anness I. Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif ***l-installazzjoni*** se tittrasforma ruħha matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4. | L-Istati Membri għandhom ***jitolbu*** li sat-30 ta' Ġunju 2030 l-operatur jinkludi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 14a, pjan ta' trasformazzjoni ***indikattiv għall-attivitajiet raggruppati fil-livell ta' kumpanija elenkati*** fil-punti 1, 2, 3, 4, 6.1a, u 6.1b tal-Anness I. Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif ***il-kumpanija*** se tittrasforma ruħha matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4. ***Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jinkludi informazzjoni speċifika dwar kif il-kumpanija tippjana li ssir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, tal-ilma u tar-riżorsi billi tistabbilixxi l-miżuri li se jiġu implimentati biex jitnaqqas il-konsum ġenerali u ttejjeb l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha.*** |

**Emenda 19**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, bħala parti mir-reżami tal-kundizzjonijiet għal permess skont l-Artikolu 21(3) wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT wara l-1 ta' Jannar 2030, l-operatur jinkludi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu msemmija fl-Artikolu 14a, pjan ta' trasformazzjoni ***għal kull installazzjoni li twettaq*** kwalunkwe attività elenkata fl-Anness I li mhijiex imsemmija fil- | L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li, bħala parti mir-reżami tal-kundizzjonijiet għal permess skont l-Artikolu 21(3) wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjonijiet tal-BAT wara l-1 ta' Jannar 2030, l-operatur jinkludi fis-sistema ta' ġestjoni ambjentali tiegħu msemmija fl-Artikolu 14a, pjan ta' trasformazzjoni ***fil-livell ta' kumpanija, għal*** kwalunkwe attività elenkata fl-Anness I li mhijiex imsemmija fil- |

| | |
|---|---|
| paragrafu 1. Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif ***l-installazzjoni*** se tittrasforma ruħha matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4. | paragrafu 1. Il-pjan ta' trasformazzjoni għandu jkun fih informazzjoni dwar kif ***il-kumpanija*** se tittrasforma ruħha ***biex issir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, tal-ilma u tar-riżorsi billi tistabbilixxi l-miżuri li se jiġu implimentati*** matul il-perjodu 2030-2050 sabiex tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli, nadifa, ċirkolari u newtrali għall-klima sal-2050, bl-użu tal-format imsemmi fil-paragrafu 4. |

**Emenda 20**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27d – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***L-operatur għandu jagħmel*** il-pjan ta' trasformazzjoni tiegħu kif ukoll ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 pubbliċi, bħala parti mill-pubblikazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ***tiegħu***. | 3. ***Il-kumpanija għandha tagħmel*** il-pjan ta' trasformazzjoni ***tagħha, l-aġġornamenti*** tiegħu kif ukoll ir-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 pubbliċi, bħala parti mill-pubblikazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali ***tagħha***. |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill |
| **Referenzi** | COM(2022)0156 – C9-0144/2022 – 2022/0104(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>2.5.2022 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>2.5.2022 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 20.10.2022 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Tomas Tobé<br>7.6.2022 |
| **Eżami fil-kumitat** | 29.11.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 28.3.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 50<br>–: 16<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Matteo Adinolfi, Nicola Beer, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Paolo Borchia, Marc Botenga, Markus Buchheit, Martin Buschmann, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Ignazio Corrao, Beatrice Covassi, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Christian Ehler, Valter Flego, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Bart Groothuis, Christophe Grudler, Robert Hajšel, Romana Jerković, Seán Kelly, Izabela-Helena Kloc, Łukasz Kohut, Andrius Kubilius, Marisa Matias, Dan Nica, Angelika Niebler, Niklas Nienaß, Johan Nissinen, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Markus Pieper, Maria Spyraki, Beata Szydło, Riho Terras, Patrizia Toia, Marie Toussaint, Isabella Tovaglieri, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Alex Agius Saliba, Rasmus Andresen, Tiziana Beghin, Franc Bogovič, Jakop G. Dalunde, Pietro Fiocchi, Klemen Grošelj, Martin Hojsík, Marina Kaljurand, Dace Melbārde, Rob Rooken, Bronis Ropė, Ernő Schaller-Baross, Jordi Solé, Susana Solís Pérez |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Pär Holmgren, Sven Simon |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 50 | + |
|---|---|
| ECR | Pietro Fiocchi, Izabela-Helena Kloc, Beata Szydło |
| ID | Matteo Adinolfi, Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri |
| NI | Ernő Schaller-Baross |
| PPE | François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Franc Bogovič, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Christian Ehler, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Dace Melbārde, Angelika Niebler, Markus Pieper, Sven Simon, Maria Spyraki, Riho Terras, Henna Virkkunen, Pernille Weiss |
| Renew | Nicola Beer, Nicola Danti, Martina Dlabajová, Valter Flego, Bart Groothuis, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Susana Solís Pérez |
| S&D | Alex Agius Saliba, Beatrice Covassi, Josianne Cutajar, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Romana Jerković, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Dan Nica, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho |

| 16 | - |
|---|---|
| ECR | Johan Nissinen, Rob Rooken |
| ID | Markus Buchheit |
| NI | Tiziana Beghin, Martin Buschmann |
| The Left | Marc Botenga, Marisa Matias |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Pär Holmgren, Niklas Nienaß, Bronis Ropė, Jordi Solé, Marie Toussaint |

| 1 | 0 |
|---|---|
| Renew | Martin Hojsík |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

28.4.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (COM(2022)0156 – C9-0144/2022 – 2022/0104(COD) (COD))

Rapporteur għal opinjoni: Benoît Lutgen

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Huwa bi tħassib kbir li sirt naf bil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali. Din il-proposta tistabbilixxi l-obbligi li l-Istati Membri jeħtiġilhom jimponu meta jawtorizzaw il-kostruzzjoni jew l-estensjoni ta' installazzjonijiet industrijali. Bħala rapporteur għal opinjoni f'isem il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, għandi dubji serji dwar il-kapitolu agrikolu kif propost mill-Kummissjoni.

- L-ewwel nett, ninsab ferm irrabjat bil-fatt li s-settur agrikolu ddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni ta' direttiva ddedikata għall-emissjonijiet industrijali. Li l-bdiewa jinxteħtu fl-istess keffa bħall-industrijalisti jikkontribwixxi għal perċezzjoni negattiva tal-azjendi agrikoli mmexxija mill-familji. Infakkar li l-mudell agrikolu Ewropew ibbażat fuq l-azjendi agrikoli mmexxija mill-familji jiżgura produzzjoni tal-ikel sikura, sostenibbli, ta' kwalità għolja u strateġika. Fi żmien meta s-sigurtà tal-ikel qed issir kwistjoni ta' importanza ġeostrateġika, l-UE għandha tivvalorizza aktar lill-agrikoltura tagħha, u b'mod partikolari l-azjendi agrikoli mmexxija mill-familji, u m'għandniex tiddemotiva lill-bdiewa tagħna billi tagħmel assoċjazzjonijiet dubjużi bħal dawn. L-impożizzjoni ta' leġiżlazzjoni addizzjonali tal-UE fuq il-bdiewa żgħar mhux se ssaħħaħ l-istrateġija ġeopolitika tal-kontinent tagħna. Għall-kuntrarju, dawn l-obbligi addizzjonali mhumiex akkumpanjati minn żieda fir-reċiproċità tal-istandards, li għandha tikkaratterizza l-iskambji kummerċjali tagħna mas-sħab tagħna.

- Madankollu, jiena naturalment tal-fehma li l-agrikoltura Ewropea għandha ssir aktar sostenibbli u diversifikata. Pereżempju, ma jistax jiġi miċħud li s-settur agrikolu għandu jnaqqas ukoll l-emissjonijiet tiegħu. Madankollu, din ir-reviżjoni mhijiex l-aħjar mod biex jingħata kontribut ottimali għal dan l-objettiv ta' sostenibbiltà, u lanqas ma tikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tal-agrikoltura tagħna. Għall-kuntrarju, it-test propost mill-Kummissjoni huwa kontroproduttiv u jinkoraġġixxi li jkun hemm konċentrazzjoni akbar fis-settur agrikolu. Tabilħaqq, il-kapitolu dwar l-agrikoltura jkopri t-tipi kollha ta' bdiewa li jrabbu l-bhejjem, inklużi l-bdiewa żgħar u ta' daqs medju. Kif propost, il-kamp ta'

applikazzjoni ta' din ir-reviżjoni jimponi piż amministrattiv u ekonomiku kbir fuq il-bdiewa li jrabbu t-tiġieġ, il-ħnieżer u l-baqar, li l-profittabbiltà ekonomika tagħhom hija kompromessa b'mod perpetwu minn ftehimiet ta' kummerċ ħieles u l-akkumulazzjoni bla kunsiderazzjoni ta' standards, filwaqt li ma ġiet proposta l-ebda bidla għall-impriżi agroindustrijali l-kbar. Għalhekk, din il-proposta bla dubju tagħti vantaġġ kompetittiv lill-impriżi l-kbar li se jkunu jistgħu jlaħħqu aktar faċilment mal-piż amministrattiv u ekonomiku addizzjonali.

- Għalhekk nipproponi li l-irziezet tal-ifrat jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. L-obbligi kif proposti mill-Kummissjoni jinvolvu piżijiet individwali kbar għall-bdiewa tal-ifrat li ma jwasslux għal tnaqqis effettiv tal-emissjonijiet. L-irziezet tal-baqar fil-fatt mhumiex faċilitajiet "magħluqa" li għalihom jistgħu jiġu applikati tekniki ta' purifikazzjoni simili għal dawk użati fis-settur tal-ħnieżer u tat-tjur u, inqas u inqas, fis-settur industrijali. Huwa għalhekk li ninsab konvint li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, inklużi l-emissjonijiet tal-metan ($CH_4$), jittaffew permezz ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi li l-effikaċja u l-kosteffettività tagħhom ikunu ġew ippruvati fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-Pjanijiet Strateġiċi Nazzjonali (NSP). Dan jista' jiġi implimentat permezz ta' ekoskemi speċifiċi u inizjattivi agrikoli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju taħt il-PAK, kif stabbilit fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2021 dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan (2021/2006(INI)). Fid-dawl tal-impenji, permezz tal-NSP ta' kull Stat Membru biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom u jtaffu t-tniġġis agrikolu, ikun xieraq ukoll li l-istatus quo attwali għas-settur tal-ħnieżer u tat-tjur jinżamm, kemm fl-interessi tas-simplifikazzjoni tal-politiki pubbliċi kif ukoll tal-effettività tagħhom (implimentazzjoni u kontroll).

- Barra minn hekk, ninnota li l-miri għat-tnaqqis tal-ammonijaka ($NH_3$) huma indirizzati fil-qafas tad-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ("NEC"). Diversi Stati Membri ħadu vantaġġ mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tagħhom b'dan il-mod. Barra dan, diversi Stati Membri diġà marru lil hinn minn dak li tipprevedi l-proposta tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, id-Direttiva "NEC" se tidħol fis-seħħ fl-2023 u se tnaqqas l-emissjonijiet aktar malajr milli permezz tar-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali.

Ir-riskji ta' din ir-reviżjoni proposta għad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali huma għalhekk ċari. Għalhekk, bir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar l-emissjonijiet industrijali, qed nirriskjaw li noħolqu obbligi u piżijiet amministrattivi addizzjonali li jimminaw il-profittabbiltà tal-aktar bdiewa vulnerabbli, li jwasslu għal konċentrazzjoni akbar ta' bhejjem jew saħansitra għal tnaqqis drastiku fl-għadd ta' bhejjem, li taħdem favur il-kompetituri tagħna li jħaddnu sistemi ta' produzzjoni inqas etiċi (eż. deforestazzjoni importata).

Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet kollha, ninsab konvint li l-proposta tal-Kummissjoni jeħtieġ li tiġi riformulata b'mod profond biex twieġeb aħjar għall-isfidi reali li jiffaċċjaw l-azjendi agrikoli.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[55] huwa l-istrateġija tal-Ewropa li tiżgura, sal-2050, ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari, l-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal politiki trasformattivi fil-fond. L-Unjoni hija impenjata wkoll li ssegwi l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[56] u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha. L-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà[58] ta' Ottubru 2020 u l-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero[59] adottati f'Mejju 2021 jindirizzaw speċifikament l-aspetti tat-tniġġis tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. B'mod parallel, l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa[60] tkompli tenfasizza r-rwol potenzjali tat-teknoloġiji trasformattivi. Politiki oħra partikolarment rilevanti għal din l-inizjattiva jinkludu l-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %"[61], l-Istrateġija tal-Metan[62] u l-wegħda ta' Glasgow b'rabta mal-metan[63], l-Istrateġija tal-Adattament għall-Klima[64], l-Istrateġija tal-Bijodiversità[65], l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt[66] u l-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli[67]. Barra minn hekk, bħala parti mir-rispons tal-UE għall-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna tal-2022, ir-REPowerEU[68] tipproponi Azzjoni Ewropea Konġunta biex tappoġġa d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, taċċellera t-tranżizzjoni għall-enerġija rinnovabbli u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika. | (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[55] huwa l-istrateġija tal-Ewropa li tiżgura, sal-2050, ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari, l-ottimizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riżorsi, it-tnaqqis tat-tniġġis filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal politiki trasformattivi fil-fond. L-Unjoni hija impenjata wkoll li ssegwi l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli[56] u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha. L-Istrateġija tal-UE dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà[58] ta' Ottubru 2020 u l-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero[59] adottati f'Mejju 2021 jindirizzaw speċifikament l-aspetti tat-tniġġis tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. B'mod parallel, l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida għall-Ewropa[60] tkompli tenfasizza r-rwol potenzjali tat-teknoloġiji trasformattivi. Politiki oħra partikolarment rilevanti għal din l-inizjattiva jinkludu l-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %"[61], l-Istrateġija tal-Metan[62] u l-wegħda ta' Glasgow b'rabta mal-metan[63], l-Istrateġija tal-Adattament għall-Klima[64], l-Istrateġija tal-Bijodiversità[65], l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt[66]***, il-Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari***[66a] u l-Inizjattiva dwar il-Prodotti Sostenibbli[67]. ***Ta' rilevanza wkoll hija l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040"***[67a]. Barra minn hekk, bħala parti mir-rispons tal-UE għall-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna tal-2022, ir-REPowerEU[68] tipproponi Azzjoni Ewropea Konġunta biex tappoġġa d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, taċċellera t- |

[55] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final.

[56] https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E

[57] https://sdgs.un.org/goals

[58] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità COM(2020) 667 final.

[59] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd, Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final.

[60] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa COM(2020) 102 final.

[61] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika COM/2021/550 final.

[62] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija tal-

tranżizzjoni għall-enerġija rinnovabbli u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika.

[55] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew; COM(2019) 640 final.

[56] https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E

[57] https://sdgs.un.org/goals

[58] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità COM(2020) 667 final.

[59] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd, Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final.

[60] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa COM(2020) 102 final.

[61] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Lesti għall-Mira ta' 55 %": nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika COM/2021/550 final.

[62] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar strateġija tal-

| | |
|---|---|
| UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan COM(2020) 663 final. | UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan COM(2020) 663 final. |
| [63] https://www.globalmethanepledge.org/ | [63] https://www.globalmethanepledge.org/ |
| [64] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM(2021) 82 final. | [64] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM(2021) 82 final. |
| [65] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna COM(2020) 380 final. | [65] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna COM(2020) 380 final. |
| [66] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent COM(2020) 381 final. | [66] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent COM(2020) 381 final. |
| | ***[66a] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar il-Pjan ta' Azzjoni ġdid għall-Ekonomija Ċirkolari (2020/2077(INI))*** |
| [67] COM(2022) 142 | [67] COM(2022) 142 |
| | ***[67a] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE – Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040" (COM(2021)0345).*** |
| [68] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli; COM(2022) 108 final. | [68] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli; COM(2022) 108 final. |

**Emenda 2**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar reviżjoni tal-miżuri tal-Unjoni biex jiġi indirizzat it-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali kbar, inkluż ir-rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni settorjali tal-leġiżlazzjoni u kif dan isir kompletament konsistenti mal-politiki dwar il-klima, l-enerġija u l-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt jitolbu wkoll li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors, inklużi sorsi li bħalissa mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69]. ***Għalhekk, l-indirizzar*** tat-tniġġis ***minn ċerti attivitajiet agroindustrijali jeħtieġ l-inklużjoni tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva***. | (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew ħabbar reviżjoni tal-miżuri tal-Unjoni biex jiġi indirizzat it-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali kbar, inkluż ir-rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni settorjali tal-leġiżlazzjoni u kif dan isir kompletament konsistenti mal-politiki dwar il-klima, l-enerġija u l-ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni għal Tniġġis Żero, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt jitolbu wkoll li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa fis-sors, inklużi sorsi li bħalissa mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69]. ***Il-problema*** tat-tniġġis ***mit-trobbija tal-annimali fuq skala kbira tista' tiġi indirizzata billi jinżamm il-qafas attwali***. |
| [69] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis); ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17-119. | [69] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis); ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17-119. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) L-industrija estrattiva tal-Unjoni hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-istrateġija industrijali tal-UE, inkluż l-aġġornament tagħha. Il-materja prima hija ta' importanza strateġika għat-tranżizzjoni | (3) L-industrija estrattiva tal-Unjoni hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-istrateġija industrijali tal-UE, inkluż l-aġġornament tagħha. Il-materja prima hija ta' importanza strateġika għat-tranżizzjoni |

| | |
|---|---|
| diġitali u ekoloġika, għall-enerġija, għall-materjali u għat-trasformazzjoni tal-ekonomija ċirkolari u għat-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika tal-UE. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-kapaċitajiet domestiċi sostenibbli jeħtieġ li jiġu żviluppati ulterjorment. Dan jeħtieġ miżuri effettivi, adattati u armonizzati biex jiġi żgurat li jiġu stabbiliti u li jintużaw l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, u b'hekk jiġu applikati proċessi li huma kemm l-aktar effiċjenti kif ukoll li għandhom l-inqas impatti possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Il-mekkaniżmi ta' governanza tad-Direttiva 2010/75/UE li jassoċjaw mill-qrib l-esperti tal-industrija mal-iżvilupp ta' rekwiżiti ambjentali konsenswali u mfassla apposta se jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli ta' dawk l-attivitajiet fl-Unjoni. L-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' standards maqbula b'mod komuni se jwasslu għal kundizzjonijiet ekwi tal-Unjoni filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. ***Għalhekk huwa xieraq li dawk l-attivitajiet jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE.*** | diġitali u ekoloġika, għall-enerġija, għall-materjali u għat-trasformazzjoni tal-ekonomija ċirkolari u għat-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika tal-UE. Sabiex jintlaħqu dawn l-objettivi, il-kapaċitajiet domestiċi sostenibbli jeħtieġ li jiġu żviluppati ulterjorment***, skont l-ispeċifiċitajiet nazzjonali***. Dan jeħtieġ miżuri effettivi, adattati u armonizzati biex jiġi żgurat li jiġu stabbiliti u li jintużaw l-aħjar metodi tekniċi disponibbli, u b'hekk jiġu applikati proċessi li huma kemm l-aktar effiċjenti kif ukoll li għandhom l-inqas impatti possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Il-mekkaniżmi ta' governanza tad-Direttiva 2010/75/UE li jassoċjaw mill-qrib l-esperti tal-industrija mal-iżvilupp ta' rekwiżiti ambjentali konsenswali u mfassla apposta se jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli ta' dawk l-attivitajiet fl-Unjoni. L-iżvilupp u d-disponibbiltà ta' standards maqbula b'mod komuni se jwasslu għal kundizzjonijiet ekwi tal-Unjoni filwaqt li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-trobbija tal-majjali, tat-tjur ***u tal-bhejjem tal-ifrat*** tikkawża emissjonijiet ***sinifikanti*** ta' sustanzi niġġiesa fl-arja u fl-ilma. ***Sabiex jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, inklużi l-ammonijaka, il-metan, in-nitrati u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u b'hekk tittejjeb il-kwalità tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, huwa meħtieġ li jitnaqqas il-limitu li 'l fuq minnu l-installazzjonijiet tal-majjali u tat-tjur huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva*** 2010/75/UE ***u li tiġi inkluża wkoll it-trobbija tal-bhejjem*** | (4) It-trobbija ***fuq skala kbira*** tal-majjali u tat-tjur ***tista'*** tikkawża emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa ***li jagħmlu ħsara lill-ambjent, fil-ħamrija*** fl-arja u fl-ilma. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jindirizzaw dak ir-riskju permezz tal-oqfsa legali u l-prattiki tajba eżistenti, inkluż bl-appoġġ tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-PAK. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw li jidħlu fi djalogu mar-rappreżentanti tal-bdiewa permezz tal-PAK u r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva*** 2010/75/UE ***jew*** ir-rekwiżiti |

***tal-ifrat f'dak il-kamp ta' applikazzjoni.*** Ir-rekwiżiti rilevanti tal-BAT ***iqisu n-natura, id-daqs, id-densità u l-kumplessità ta' dawn l-installazzjonijiet, inkluż l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat ibbażati fuq il-mergħat, fejn l-annimali jkunu mrobbija biss skont l-istaġun f'installazzjonijiet fuq ġewwa, u l-firxa ta' impatti ambjentali li jista' jkollhom. Ir-rekwiżiti tal-proporzjonalità fil-BATs għandhom l-għan li jinċentivaw lill-bdiewa jimplimentaw it-tranżizzjoni neċessarja lejn prattiki agrikoli li dejjem aktar ekoloġiċi.***

rilevanti tal-BAT ***biex jiżguraw il-proporzjonalità tar-restrizzjonijiet previsti. Minbarra l-miri stabbiliti skont il-PAK, id-Direttiva (UE) 2016/2284 ("NEC")[1a] stabbiliet miri sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet, inkluża l-ammonijaka mill-agrikoltura. Għalhekk, sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' piż amministrattiv u duplikazzjonijiet bla bżonn fil-qafas leġiżlattiv eżistenti, il-limiti attwali għall-ħnieżer u għat-tjur jenħtieġ li jibqgħu l-istess.***

______________

***[11a] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1)***

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Jenħtieġ li tingħata biżżejjed importanza lill-protezzjoni tal-ambjent tal-madwar, iżda jenħtieġ li jiġi żgurat li ma jinħoloq l-ebda piż amministrattiv jew finanzjarju addizzjonali fuq is-settur tal-bhejjem; għall-kuntrarju, l-attivitajiet ta' dawn l-operaturi jeħtieġu stimolu kostanti sabiex jiġu indirizzati l-isfidi attwali kollha li jiffaċċjaw.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Bil-għan li jkompli jissaħħaħ l-aċċess ***pubbliku*** għall-informazzjoni ambjentali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li ***l-permessi*** għall-installazzjonijiet mogħtija skont id-Direttiva 2010/75/UE ***għandhom ikunu*** disponibbli għall-pubbliku fuq l-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma jiġi ristrett l-aċċess għall-utenti rreġistrati. Sommarju uniformi tal-permessi jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll għall-pubbliku taħt l-istess kundizzjonijiet. | (6) Bil-għan li jkompli jissaħħaħ l-aċċess ***tal-pubbliku kkonċernat*** għall-informazzjoni ambjentali, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li ***l-informazzjoni mhux teknika mill-permessi*** għall-installazzjonijiet mogħtija skont id-Direttiva 2010/75/UE ***għandha tkun*** disponibbli għall-pubbliku ***konċernat*** fuq l-Internet, ***fuq talba,***mingħajr ħlas u mingħajr ma jiġi ristrett l-aċċess għall-utenti rreġistrati. Sommarju uniformi tal-permessi jenħtieġ li jkun disponibbli wkoll għall-pubbliku ***kkonċernat*** taħt l-istess kundizzjonijiet. |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Il-Kummissjoni għandha tispeċifika b'mod ċar u aċċessibbli liema informazzjoni mhux teknika tista' ssir disponibbli għall-pubbliku kkonċernat fuq talba sabiex jissaħħaħ l-interess pubbliku mingħajr ma tiġi affettwata l-attività ekonomika tal-produttur. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika min huwa responsabbli għat-tħejjija tal-informazzjoni mhux teknika u tas-sommarju uniformi. F'każ li l-evalwatur ambjentali jkun meħtieġ jissintetizza dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi kif se jiġu koperti l-ispejjeż tagħha.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni | (12) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni |

| | |
|---|---|
| tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali, huma meħtieġa sinerġiji u koordinazzjoni ma' leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti oħra tal-Unjoni, fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu kkonsultati kif xieraq qabel l-għoti ta' permess skont id-Direttiva 2010/75/UE. | tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent b'mod ġenerali, huma meħtieġa sinerġiji u koordinazzjoni ma' leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti oħra tal-Unjoni, fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tagħha. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha li jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-Unjoni jenħtieġ li jiġu kkonsultati kif xieraq qabel l-għoti ta' permess skont id-Direttiva 2010/75/UE***, iżda mingħajr ma jikkomplikaw jew joħolqu diffikultajiet fil-proċess tal-għoti tal-permessi***. |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Bil-ħsieb li jittejbu kontinwament il-prestazzjoni ambjentali u s-sikurezza tal-installazzjoni, inkluż billi tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi u l-użu mill-ġdid tal-ilma, u l-prevenzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji assoċjati mal-użu ta' sustanzi perikolużi, jenħtieġ li l-operatur jistabbilixxi u jimplimenta sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, u jenħtieġ li jagħmilha disponibbli għall-pubbliku. L-EMS jenħtieġ li tkopri wkoll il-ġestjoni tar-riskji relatati mal-użu tas-sustanzi perikolużi u analiżi tas-sostituzzjoni possibbli ta' sustanzi perikolużi b'alternattivi aktar sikuri. | (13) Bil-ħsieb li jittejbu kontinwament il-prestazzjoni ambjentali u s-sikurezza tal-installazzjoni, inkluż billi tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi u l-użu mill-ġdid tal-ilma, u l-prevenzjoni jew it-tnaqqis tar-riskji assoċjati mal-użu ta' sustanzi perikolużi, jenħtieġ li l-operatur jistabbilixxi u jimplimenta sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) f'konformità mal-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT, u jenħtieġ li jagħmilha disponibbli għall-pubbliku***, fuq talba***. L-EMS jenħtieġ li tkopri wkoll il-ġestjoni tar-riskji relatati mal-użu tas-sustanzi perikolużi u analiżi tas-sostituzzjoni possibbli ta' sustanzi perikolużi b'alternattivi aktar sikuri. ***Madankollu, l-EMS jenħtieġ li żżomm l-integrità tal-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali billi ma tippubblikax informazzjoni kklassifikata bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali jew bħala informazzjoni kummerċjalment sensittiva.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) L-istandards ta’ kwalità ambjentali jirreferu għar-rekwiżiti kollha stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-arja u l-ilma; li jridu jiġu ssodisfati fi żmien partikolari minn ambjent partikolari jew minn parti partikolari tiegħu. Għalhekk huwa xieraq li jiġi ċċarat li meta jagħtu permess lil installazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jistabbilixxux biss kundizzjonijiet biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet tal-installazzjoni mal-konklużjonijiet tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, iżda jenħtieġ ukoll, fejn xieraq ***bil-ħsieb li jitnaqqas il-kontribut*** speċifiku tal-installazzjoni għat-tniġġis li jseħħ fiż-żona rilevanti, ***li jinkludu kundizzjonijiet addizzjonali speċifiċi fil-permess li jkunu aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT,*** sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-installazzjoni mal-istandards ta’ kwalità ambjentali. Tali kundizzjonijiet jistgħu jikkonsistu fl-istabbiliment ta’ valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti jew fil-limitazzjoni tat-tħaddim jew tal-kapaċità tal-installazzjoni. | (19) L-istandards ta’ kwalità ambjentali jirreferu għar-rekwiżiti kollha stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-arja u l-ilma; li jridu jiġu ssodisfati fi żmien partikolari minn ambjent partikolari jew minn parti partikolari tiegħu. Għalhekk huwa xieraq li jiġi ċċarat li meta jagħtu permess lil installazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jistabbilixxux biss kundizzjonijiet biex jiżguraw il-konformità tal-operazzjonijiet tal-installazzjoni mal-konklużjonijiet tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, iżda jenħtieġ ukoll, fejn xieraq***, jippjanaw li jnaqqsu l-kontribut*** speċifiku tal-installazzjoni għat-tniġġis li jseħħ fiż-żona rilevanti, sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-installazzjoni mal-istandards ta’ kwalità ambjentali. Tali kundizzjonijiet jistgħu***, fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri,*** jikkonsistu fl-istabbiliment ta’ valuri limitu tal-emissjonijiet aktar stretti jew fil-limitazzjoni tat-tħaddim jew tal-kapaċità tal-installazzjoni ***skont l-ispeċifiċitajiet nazzjonali***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Il-kundizzjonijiet għall-permessi jenħtieġ li jiġu riveduti regolarment u, fejn meħtieġ, aġġornati mill-awtorità kompetenti biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Tali rieżami jew aġġornament jenħtieġ li jsir ukoll fejn ikun meħtieġ li l-installazzjoni tikkonforma ma’ standard ta’ kwalità ambjentali, inkluż | (20) Il-kundizzjonijiet għall-permessi jenħtieġ li jiġu riveduti regolarment u, fejn meħtieġ, aġġornati mill-awtorità kompetenti biex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti. Tali rieżami jew aġġornament jenħtieġ li jsir ukoll fejn ikun meħtieġ li l-installazzjoni tikkonforma ma’ standard ta’ kwalità ambjentali, inkluż |

| | |
|---|---|
| fil-każ ta' standard ta' kwalità ambjentali ġdid jew rivedut jew fejn l-istatus tal-ambjent riċeventi jeħtieġ reviżjoni tal-permess sabiex tinkiseb konformità mal-pjanijiet u mal-programmi stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħall-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[72]. | fil-każ ta' standard ta' kwalità ambjentali ġdid jew rivedut jew fejn l-istatus tal-ambjent riċeventi jeħtieġ reviżjoni tal-permess sabiex tinkiseb konformità mal-pjanijiet u mal-programmi stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħall-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ***L-installazzjonijiet agrikoli jenħtieġ li jingħataw biżżejjed żmien ta' tranżizzjoni biex jikkonformaw mal-kundizzjonijiet il-ġodda tal-permess sabiex il-produzzjoni, ir-riżorsi umani u l-konsumaturi aħħarin jiġu affettwati mill-inqas possibbli. Il-perjodu ta' tranżizzjoni jenħtieġ li jiġi ddeterminat skont it-tip u l-kapaċità tal-installazzjoni.*** |

[72] ***Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000).***

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[73], l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-*locus standi* għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorità pubblika għal dawk il-membri tal-pubbliku kkonċernat li jkunu ħadu sehem fil-proċedura amministrattiva preċedenti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Kif iċċarat ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[74], l-aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u rimedji effettivi jirrikjedi fost l-oħrajn li l-membri tal-pubbliku kkonċernat jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitolbu lill-qorti jew lil korp indipendenti u imparzjali kompetenti sabiex jordnaw miżuri interim biex | (22) Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[73], l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-*locus standi* għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorità pubblika għal dawk il-membri tal-pubbliku kkonċernat li jkunu ħadu sehem fil-proċedura amministrattiva preċedenti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Kif iċċarat ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[74], l-aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u rimedji effettivi jirrikjedi fost l-oħrajn li l-membri tal-pubbliku kkonċernat jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jitolbu lill-qorti jew lil korp indipendenti u imparzjali kompetenti sabiex jordnaw miżuri interim biex |

jipprevjenu każ partikolari ta' tniġġis, inkluż, fejn meħtieġ, permezz tas-sospensjoni temporanja tal-permess ikkontestat. ***Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li l-pożizzjoni legali jenħtieġ li ma ssirx kondizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva.*** Barra minn hekk, kwalunkwe proċedura ta' rieżami jenħtieġ li tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u tipprevedi mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq.

jipprevjenu każ partikolari ta' tniġġis, inkluż, fejn meħtieġ, permezz tas-sospensjoni temporanja tal-permess ikkontestat. Barra minn hekk, kwalunkwe proċedura ta' rieżami jenħtieġ li tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u tipprevedi mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq.

[73] Kawża C–826/18, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2021; LB et vs College van burgemeester en wethouders van de gemeente Echt-Susteren; il-paragrafi 58 u 59.

[74] Kawża C-416/10 Sentenza tal-Qorti (Awla Manja), 15 ta' Jannar 2013; Jozef Križan et vs Slovenská inšpekcia životného prostredia.Križan, il-paragrafu 109.

[73] Kawża C–826/18, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2021; LB et vs College van burgemeester en wethouders van de gemeente Echt-Susteren; il-paragrafi 58 u 59.

[74] Kawża C-416/10 Sentenza tal-Qorti (Awla Manja), 15 ta' Jannar 2013; Jozef Križan et vs Slovenská inšpekcia životného prostredia.Križan, il-paragrafu 109.

**Emenda 13**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Fid-dawl tal-għadd kbir ta' installazzjonijiet ***tat-trobbija*** li jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, u s-sempliċità relattiva tal-proċessi u x-xejriet tal-emissjonijiet ta' tali installazzjonijiet, huwa xieraq li jiġu stabbiliti proċeduri amministrattivi speċifiċi għall-ħruġ ta' permessi u għall-operat tal-attivitajiet rilevanti li huma adattati għas-settur, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti relatati mal-informazzjoni pubblika u l-parteċipazzjoni, il-monitoraġġ u l-konformità. | (27) Fid-dawl tal-għadd kbir ta' installazzjonijiet ***agrikoli tat-tjur u tal-majjali*** li jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, u s-sempliċità relattiva tal-proċessi u x-xejriet tal-emissjonijiet ta' tali installazzjonijiet ***agrikoli***, huwa xieraq li jiġu stabbiliti proċeduri amministrattivi speċifiċi għall-ħruġ ta' permessi***, proċeduri simplifikati għar-reġistrazzjoni*** u għall-operat tal-attivitajiet rilevanti li huma adattati għas-settur, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti relatati mal-informazzjoni pubblika u l-parteċipazzjoni, il-monitoraġġ |

u l-konformità. ***Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' permess jew għar-reġistrazzjoni tal-azjendi agrikoli jenħtieġ li ma joħolqux piż amministrattiv jew finanzjarju addizzjonali.***

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(27a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bdiewa jkollhom aċċess għal finanzjament suffiċjenti għall-iżvilupp u l-immodernizzar tal-installazzjonijiet kif ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 15**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva 2010/75/UE tkompli tilħaq l-objettivi tagħha li tipprevjeni jew tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u tikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dik id-Direttiva sabiex tistabbilixxi regoli operattivi li jkun fihom rekwiżiti għal attivitajiet relatati mat-trobbija ta' tjur**,** majjali ***u bhejjem tal-ifrat, u li jiġu emendati l-Annessi I u Ia ta' dik id-Direttiva billi tiżdied attività agroindustrijali biex jiġi żgurat li tissodisfa l-objettivi tagħha li tipprevjeni jew tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent***. Huwa partikolarment importanti | (29) Sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva 2010/75/UE tkompli tilħaq l-objettivi tagħha li tipprevjeni jew tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u tikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dik id-Direttiva sabiex tistabbilixxi regoli operattivi li jkun fihom rekwiżiti għal attivitajiet relatati mat-trobbija ta' tjur ***u tal-majjali***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[77]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata |

| | |
|---|---|
| li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[77]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. | parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. ***Ir-regoli operattivi jenħtieġ li ma jipprekludux l-użu ta' tekniki emerġenti u lanqas jiddefinixxu jew jippreskrivu xi teknika jew teknoloġija speċifika. Dawn jenħtieġ li jkunu bbażati fuq valutazzjoni integrali li tqis l-impatt fuq is-sostenibbiltà ekonomika ġenerali, is-sikurezza, b'mod partikolari s-sikurezza min-nirien, u s-saħħa u l-benessri tal-annimali.*** |
| [77] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14. | [77] Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva 2010/75/UE tindirizza d-dritt għal kumpens għad-danni mġarrba minn individwi. Sabiex jiġi żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom kontra d-danni għas-saħħa kkawżati minn ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u b'hekk jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti ta' dik id-Direttiva, organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent, bl-inklużjoni ta' dawk li jippromwovu l-protezzjoni tal-konsumaturi u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali, bħala membri tal-pubbliku kkonċernat, jenħtieġ li | (33) Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva 2010/75/UE tindirizza d-dritt għal kumpens għad-danni mġarrba minn individwi. Sabiex jiġi żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom kontra d-danni għas-saħħa kkawżati minn ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u b'hekk jiġi żgurat infurzar aktar effiċjenti ta' dik id-Direttiva, organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent, bl-inklużjoni ta' dawk li jippromwovu l-protezzjoni tal-konsumaturi u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont id-dritt nazzjonali, bħala membri tal-pubbliku kkonċernat, jenħtieġ li |

| | |
|---|---|
| jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom fi proċedimenti, kif jiddeterminaw l-Istati Membri, jew f'isem jew b'appoġġ għal kwalunkwe vittma, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' proċedura dwar ir-rappreżentanza u d-difiża quddiem il-qrati. L-Istati Membri normalment igawdu minn awtonomija proċedurali biex jiżguraw rimedju effettiv kontra l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, soġġett għar-rispett tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività. Madankollu, l-esperjenza turi li filwaqt li hemm evidenza epidemjoloġika qawwija fuq l-impatti negattivi tat-tniġġis fuq is-saħħa tal-popolazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-arja, huwa diffiċli għall-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE skont ir-regoli proċedurali dwar l-oneru tal-prova ġeneralment applikabbli fl-Istati Membri, li juru rabta ta' kawżalità bejn il-ħsara mġarrba u l-ksur. B'riżultat ta' dan, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE ma għandhomx mod effettiv biex jiksbu kumpens għall-ħsara kkawżata minn tali ksur. Sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-individwi li jiksbu kumpens għal ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u li jikkontribwixxu għal infurzar aktar effiċjenti tar-rekwiżiti tagħha madwar l-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġi ***adattat*** l-oneru tal-prova applikabbli għal sitwazzjonijiet bħal dawn. ***Għalhekk, meta individwu jkun jista' jipprovdi evidenza robusta biżżejjed biex iwassal għal preżunzjoni li l-ksur tad-Direttiva 2010/75/UE jkun l-oriġini tad-dannu kkawżat lis-saħħa ta' individwu, jew ikkontribwixxa b'mod sinifikanti għalih, jenħtieġ li jkun il-konvenut li jirribatti dik il-preżunzjoni sabiex jaħrab mir-responsabbiltà tiegħu.*** | jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom fi proċedimenti, kif jiddeterminaw l-Istati Membri, jew f'isem jew b'appoġġ għal kwalunkwe vittma, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali ta' proċedura dwar ir-rappreżentanza u d-difiża quddiem il-qrati. L-Istati Membri normalment igawdu minn awtonomija proċedurali biex jiżguraw rimedju effettiv kontra l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, soġġett għar-rispett tal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività. Madankollu, l-esperjenza turi li filwaqt li hemm evidenza epidemjoloġika qawwija fuq l-impatti negattivi tat-tniġġis fuq is-saħħa tal-popolazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-arja, huwa diffiċli għall-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE skont ir-regoli proċedurali dwar l-oneru tal-prova ġeneralment applikabbli fl-Istati Membri, li juru rabta ta' kawżalità bejn il-ħsara mġarrba u l-ksur. B'riżultat ta' dan, fil-maġġoranza tal-każijiet, il-vittmi ta' ksur tad-Direttiva 2010/75/UE ma għandhomx mod effettiv biex jiksbu kumpens għall-ħsara kkawżata minn tali ksur. Sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-individwi li jiksbu kumpens għal ksur tad-Direttiva 2010/75/UE u li jikkontribwixxu għal infurzar aktar effiċjenti tar-rekwiżiti tagħha madwar l-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġi ***ffaċilitat*** l-oneru tal-prova applikabbli għal sitwazzjonijiet bħal dawn. |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1 (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Titolu

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) It-titolu tad-Direttiva huwa sostitwit b'li ġej:*** |
| Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) | "Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali ***u agrikoli*** (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)" |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "installazzjoni" tfisser unità teknika stazzjonarja li fiha titwettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I***, fl-Anness Ia*** jew fil-Parti 1 tal-Anness VII, u kull attività oħra direttament assoċjata fuq l-istess sit li jkollha konnessjoni teknika mal-attivitajiet elenkati f'dawk l-Annessi u li jista' jkollha effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis; | (3) "installazzjoni" tfisser unità teknika stazzjonarja li fiha titwettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I jew fil-Parti 1 tal-Anness VII, u kull attività oħra direttament assoċjata fuq l-istess sit li jkollha konnessjoni teknika mal-attivitajiet elenkati f'dawk l-Annessi u li jista' jkollha effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis; |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) "il-pubbliku kkonċernat" tfisser il-pubbliku affettwat ***jew li x'aktarx li jiġi affettwat*** bit-teħid ta' deċiżjoni dwar il-ħruġ jew l-aġġornament ta' permess ***jew ta' kundizzjonijiet ta' permess*** jew li għandu interess fihom; ***għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-*** | (17) "il-pubbliku kkonċernat" tfisser il-pubbliku affettwat bit-teħid ta' deċiżjoni dwar il-ħruġ jew l-aġġornament ta' permess jew li għandu interess fihom; |

| | |
|---|---|
| | ***protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;.*** |

**Emenda 20**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt da (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) jiddaħħal il-punt li ġej:*** |
| | ***"(22a) "azjenda agrikola" jew "installazzjoni agrikola" tfisser unità waħda, kemm teknikament kif ukoll ekonomikament, li jkollha ġestjoni unika, li fiha jitwettqu l-attivitajiet ta' trobbija fuq skala kbira tal-majjali u tat-tjur elenkati fl-Artikolu 70a;";*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt db (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) il-punt (23) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (23) "tjur" tfisser it-tjur kif definit ***fil-punt 1 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 90/539/KEE dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi, u l-importazzjonijiet ta' tjur u bajd tat-tfaqqis minn pajjiżi terzi**** | "(23) "tjur" tfisser it-tjur kif definit ***fl-Artikolu 4, il-punt (9), tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali*;***"; |
| ***__________________*** | ***__________________*** |
| ***** ĠU L 303, 31.10.1990, p. 6.**** | ***** ĠU L 084, 31.3.2016, p. 1.**** |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(23b) "bhejjem tal-ifrat" tfisser annimali domestiċi tal-ispeċi Bos taurus;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 23**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23c) "unità tal-bhejjem" jew "LSU" tfisser ***l-ekwivalenti tar-ragħa ta' baqra tal-ħalib adult waħda li tipproduċi 3 000 kg ta' ħalib kull sena, mingħajr oġġetti tal-ikel ikkonċentrati addizzjonali, li tintuża biex tesprimi d-daqs tal-azjendi agrikoli li jrabbu*** kategoriji ***differenti ta' annimali, bl-użu tar-rati ta' konverżjoni, b'referenza għall-produzzjoni attwali fis-sena kalendarja, stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014**".*** | ***(23c)*** "unità ta' bhejjem" jew "LSU" tfisser ***unità ta' kejl standard li tippermetti l-aggregazzjoni ta'*** kategoriji ***ta' unitajiet ta' bhejjem li jkopru l-majjali u t-tjur li l-koeffiċjenti tagħhom huma elenkati fl-Anness -Ia, sabiex jitqabblu dawk il-kategoriji;*** |
| __________________ | __________________ |
| **** Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali (ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5).*** | |
| ***** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 18).";.*** | |

**Emenda 24**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċedura għar-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet koperti biss mill-Kapitolu V ***jew mill-Kapitolu VIa***.". | "B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċedura għar-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet koperti biss mill-Kapitolu V". |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-Kapitolu VIa.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt a**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 13 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sabiex tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji kkonċernati, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Kummissjoni. | 1. Sabiex tfassal, tirrevedi u, fejn meħtieġ, taġġorna d-dokumenti ta' referenza tal-BAT, il-Kummissjoni għandha torganizza skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-industriji ***u l-bdiewa*** kkonċernati, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li jippromwovu l-protezzjoni tal-ambjent, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Kummissjoni. |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 14a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur iħejji u jimplimenta, għal kull installazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, sistema ***ta' ġestjoni*** ambjentali ("EMS"). L-EMS għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet inklużi fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS. | L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur iħejji u jimplimenta, għal kull installazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, sistema ambjentali ("EMS"). L-EMS għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet inklużi fil-konklużjonijiet rilevanti tal-BAT li jiddeterminaw l-aspetti li għandhom jiġu koperti fl-EMS. ***Il-Kummissjoni għandha tiddetermina liema persuna jew istituzzjoni hija kkwalifikata biex tfassal is-sistema ta' ġestjoni u l-fond li minnu għandhom jiġu koperti l-ispejjeż. L-EMS għandha tiġi rieżaminata perjodikament biex jiġi żgurat li tkompli tkun xierqa, adegwata u effettiva.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11**
Direttiva 2010/75/UE –
Artikolu 14a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-EMS ta' installazzjoni għandha tkun disponibbli fuq l-Internet, mingħajr ħlas ***u*** mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati. | 3. L-EMS ta' installazzjoni għandha tkun disponibbli fuq l-Internet ***fuq talba***, mingħajr ħlas ***għall-pubbliku kkonċernat,*** mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati ***u mingħajr ma taffettwa l-attivitajiet tal-produtturi f'termini ta' protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali***. |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27a – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) rappreżentanti tal-bdiewa kkonċernati;*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 27c – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fil-każ ta' faċilitajiet ta' trobbija koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VIa, għal dispożizzjonijiet assoċjati ma' tekniki emerġenti, il-limiti ta' żmien applikabbli jistgħu jiġu estiżi sa 17-il sena.*** |

**Emenda 31**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24**
Direttiva 2010/75/UE
Kapitolu VIa – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAT-TROBBIJA TA' TJUR**,** MAJJALI ***U BHEJJEM TAL-IFRAT*** | DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAT-TROBBIJA ***FUQ SKALA KBIRA*** TA' TJUR ***U*** MAJJALI |

**Emenda 32**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan il-Kapitolu għandu japplika ***għall-attivitajiet stabbiliti fl-Anness Ia li jilħqu*** | 1. Dan il-Kapitolu għandu japplika ***għal kwalunkwe waħda mill-attivitajiet li*** |

| | |
|---|---|
| ***l-limiti tal-kapaċità stabbiliti f'dak l-Anness.*** | ***ġejjin ta' trobbija tal-ħnieżer u t-tjur li jilħqu l-limitu l-aktar baxx:***<br>***(a) azjenda agrikola jew installazzjoni agrikola:***<br>***(i) b'aktar minn 40 000 post għat-tjur;***<br>***(ii) b'aktar minn 2 000 post għall-majjali ta' produzzjoni (ta' aktar minn 30 kg); jew***<br>***(iii) b'aktar minn 750 post għall-majjali nisa;***<br>***or***<br>***(b) azjenda agrikola jew installazzjoni agrikola b'750 unità ta' bhejjem (LSU) jew aktar. L-ekwivalenti approssimattiv f'LSU għandu jkun ibbażat fuq il-koeffiċjenti stabbiliti fl-Anness -Ia għal din id-Direttiva.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70a – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bdiewa speċjalizzati jkollhom aċċess għal finanzjament suffiċjenti għall-iżvilupp u l-immodernizzar tal-installazzjonijiet kif ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 34**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 70b*** | ***imħassar*** |
| ***Regola ta' aggregazzjoni*** | |
| ***Jekk żewġ installazzjonijiet jew aktar ikunu jinsabu qrib xulxin u jekk l-operatur tagħhom ikun l-istess jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi li jkunu involuti f'relazzjoni ekonomika jew legali, l-installazzjonijiet ikkonċernati għandhom jitqiesu bħala unità waħda għall-fini tal-kalkolu tal-limitu tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 70a.*** | |

**Emenda 35**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Permessi | Permessi ***u proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata*** |

**Emenda 36**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jinkludu rekwiżiti għal ċerti kategoriji ta' ***installazzjonijiet*** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-regoli ġenerali vinkolanti msemmija fl-Artikolu 6. | L-Istati Membri jistgħu jinkludu rekwiżiti għal ċerti kategoriji ta' ***azjendi agrikoli*** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-regoli ġenerali vinkolanti msemmija fl-Artikolu 6. |
| L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-proċedura għall-għoti ta' permess fir-rigward ta' ***installazzjonijiet*** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Dawk il-proċeduri għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2. | L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-proċedura għall-għoti ta' permess fir-rigward ta' ***azjendi agrikoli*** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Dawk il-proċeduri għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2. |

**Emenda 37**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4 u l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċedura simplifikata speċifika għar-reġistrazzjoni tal-installazzjonijiet agrikoli koperti minn dan il-Kapitolu.*** |
| | ***Il-proċedura simplifikata għar-reġistrazzjoni għandha tkun speċifikata f'att vinkolanti u tinkludi tal-inqas notifika mill-bidwi lill-awtorità kompetenti tal-intenzjoni li titħaddem attività.*** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jużaw kwalunkwe proċedura simili li diġà tkun fis-seħħ għar-reġistrazzjoni. Huma għandhom jevitaw li l-bidwi jitgħabba b'piż amministrattiv u b'kostijiet addizzjonali.*** |

**Emenda 38**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikazzjonijiet għall-permessi għandhom jinkludu mill-inqas deskrizzjoni tal-elementi li ġejjin: | 2. L-applikazzjonijiet għall-permessi ***jew reġistrazzjoni simplifikata*** għandhom jinkludu mill-inqas deskrizzjoni tal-elementi li ġejjin: |

**Emenda 39**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***l-installazzjoni*** u l-attivitajiet tagħha | (a) ***l-azjenda agrikola, il-binjiet tagħha*** u l-attivitajiet tagħha |

**Emenda 40**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tip ta' annimal | (b) it-tip ta' annimal |

**Emenda 41**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-kapaċità ***tal-installazzjoni***; | (c) il-kapaċità ***tal-bini fejn isseħħ it-trobbija***; |

**Emenda 42**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) is-sorsi tal-emissjonijiet ***mill-installazzjoni***; | (d) is-sorsi tal-emissjonijiet ***mill-bini fejn isseħħ it-trobbija***; |

**Emenda 43**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 2 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

(e) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli ***mill-installazzjoni f'kull mezz***.

(e) in-natura u l-kwantitajiet ta' emissjonijiet prevedibbli ***mill-bini fejn isseħħ it-trobbija, lejn kull medjum taħt kondizzjonijiet normali ta' tħaddim***.

**Emenda 44**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-applikazzjonijiet ***għandhom*** jinkludu ***wkoll*** sommarju ***mhux tekniku*** tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. | 3. L-applikazzjonijiet ***jistgħu*** jinkludu sommarju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. |

**Emenda 45**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-permessi jew jikkonfermaw ir-reġistrazzjoni fi żmien sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni tal-bidwi.*** |

**Emenda 46**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***l-operatur*** jinforma lill-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe bidla sostanzjali ppjanata ***għall-installazzjonijiet*** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, li jista' jkollha konsegwenzi | 4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***l-bidwi*** jinforma lill-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe bidla sostanzjali ppjanata ***għall-azjenda agrikola jew installazzjoni agrikola fejn isseħħ l-attività tat-trobbija,*** li jaqgħu fil-kamp ta' |

| | |
|---|---|
| għall-ambjent. Meta xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra mill-ġdid u taġġorna l-permess. | applikazzjoni ta’ dan il-Kapitolu, li jista’ jkollha konsegwenzi għall-ambjent. Meta xieraq ***u fi żmien xahrejn min-notifika mill-bidwi,*** l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra mill-ġdid u taġġorna l-permess. |

**Emenda 47**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70c – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Sena wara l-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema ta’ awtorizzazzjoni u reġistrazzjoni fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta l-impatt tas-sistema fuq il-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, filwaqt li tqis il-kostijiet kollha relatati mal-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f’din id-Direttiva, sabiex jiġu adattati kif xieraq ċerti dispożizzjonijiet li ġejjin mid-Direttiva.*** |

**Emenda 48**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70d – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 70d*** | ***imħassar*** |
| ***Obbligi tal-operatur*** | |

**Emenda 49**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70d – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operatur iwettaq monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati f'konformità mar-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i.*** | ***imħassar*** |
| ***L-operatur għandu jżomm rekord ta', u jipproċessa, ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ, għal perjodu ta' mill-inqas sitt snin, b'tali mod li tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i.*** | |

**Emenda 50**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70d – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jerġa' jkun hemm il-konformità fl-iqsar żmien possibbli.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 51**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70d – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-operatur għandu jiżgura li kwalunkwe tixrid fuq l-art ta' skart, prodotti sekondarji tal-annimali jew residwi oħra ġġenerati mill-installazzjoni*** | ***imħassar*** |

***jitwettaq f'konformità mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, kif speċifikat fir-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i, u leġiżlazzjoni rilevanti oħra tal-Unjoni u li ma tikkawżax tniġġis sinifikanti tal-ambjent.***

**Emenda 52**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70e – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***L-operatur*** għandu***, mingħajr dewmien, iqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, id-data u l-informazzjoni elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel talba bħal din sabiex tivverifika l-konformità mar-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i. ***L-awtorità kompetenti għandha tagħmel*** talba ***bħal din, jekk membru tal-pubbliku jitlob aċċess għad-data jew għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 2*** ta' dan l-Artikolu. | 3. ***Fejn xieraq, il-bidwi*** għandu ***jqiegħed*** għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, id-data u l-informazzjoni elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel talba bħal din sabiex tivverifika l-konformità mar-regoli operattivi msemmija fl-Artikolu 70i. ***Madankollu, mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2003/4/KE, fuq*** talba ***tal-bidwi, partijiet minn tali rapporti li jinvolvu informazzjoni kummerċjali jew industrijali sensittiva, jew li jinkludu data personali skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 li ma jkunux strettament meħtieġa għall-fini*** ta' dan l-Artikolu***, ma għandhomx jiġu ppubblikati***. |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70f – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fejn in-nuqqas ta' konformità jikkawża degradazzjoni sinifikanti tal-kundizzjonijiet lokali tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew fejn dan joħloq, jew*** | ***imħassar*** |

***jirriskja li joħloq, periklu sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem, it-tħaddim tal-installazzjoni għandu jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm jerġa' jkun hemm konformità.***

**Emenda 54**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70g – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jingħata opportunitajiet minn kmieni u effettivi sabiex ***jipparteċipa*** fil-proċeduri li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jingħata opportunitajiet minn kmieni u effettivi sabiex ***ikun ikkonsultat*** fil-proċeduri li ġejjin: |

**Emenda 55**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70g – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) it-tħejjija ta' regoli ġenerali vinkolanti kif imsemmi fl-Artikolu 6 dwar permessi għal installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 56**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70g – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-għoti ta' permess għal ***installazzjoni*** ġdida li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; | (b) l-għoti ta' permess għal ***azjenda agrikola*** ġdida li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; |

**Emenda 57**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70g – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-għoti ta' permess aġġornat f'konformità mal-Artikolu 70c.4 għal kwalunkwe bidla sostanzjali ***f'installazzjoni*** eżistenti li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu. | (c) l-għoti ta' permess aġġornat f'konformità mal-Artikolu 70c.4 għal kwalunkwe bidla sostanzjali ***f'azjenda agrikola*** eżistenti li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.***]*** |

**Emenda 58**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70g – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku***, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-Internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati***, id-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin: | 2. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku ***kkonċernat, fuq talba***, id-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin: |

**Emenda 59**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70g – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ir-regoli ġenerali vinkolanti msemmija fl-Artikolu 6 applikabbli għal ***installazzjonijiet*** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; | (c) ir-regoli ġenerali vinkolanti msemmija fl-Artikolu 6 applikabbli għal ***azjendi agrikoli*** li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu; |

**Emenda 60**
**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70g – paragrafu 2 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) ir-rapporti tal-ispezzjonijiet tal-installazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 61**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70h – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ikollhom interess ***sufficjenti***; | (a) ikollhom interess ***dirett u leġittimu***; |

**Emenda 62**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70h – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-proċedura ta' rieżami tista' ma tkunx kondizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva. | *(Ma taffetwax il-verżjoni bil-Malti).* |

**Emenda 63**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70h – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-proċedura ta' rieżami għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u għandha tipprovdi għal mekkaniżmi ta' rimedju adegwati u | Il-proċedura ta' rieżami għandha tkun ġusta, ekwa, ***proporzjonata,*** f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u għandha tipprovdi għal mekkaniżmi ta' rimedju |

| | |
|---|---|
| effettivi*, **inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq***. | adegwati u effettivi; |

**Emenda 64**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli operattivi li jkun fihom rekwiżiti konsistenti mal-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli għall-attivitajiet elenkati ***fl-Anness Ia***, li għandhom jinkludu dan li ġej: | Il-Kummissjoni għandha***, f'kooperazzjoni mal-bdiewa li l-produzzjoni tagħhom taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva,*** tistabbilixxi regoli operattivi li jkun fihom rekwiżiti konsistenti mal-użu tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli għall-attivitajiet elenkati ***fl-Artikolu 70a***, li għandhom jinkludu dan li ġej: |

**Emenda 65**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) prattiki ta' tifrix fir-raba';*** | ***imħassar*** |

**Emenda 66**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) prattiki ta' prevenzjoni u mitigazzjoni tat-tniġġis;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 67**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**

Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) miżuri oħra konsistenti mal-Anness III.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 68**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-regoli operattivi għandhom iqisu, fost l-oħrajn, in-natura, it-tip, id-daqs u d-densità ta' dawn ***l-installazzjonijiet u l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi tat-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat ibbażati fuq il-mergħat, fejn l-annimali jkunu mrobbija biss skont l-istaġun f'installazzjonijiet fuq ġewwa***. | Ir-regoli operattivi għandhom iqisu, fost l-oħrajn, in-natura, it-tip, id-daqs u d-densità ta' dawn ***l-azjendi agrikoli***. |

**Emenda 69**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ir-regoli operattivi għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni integrali u b'kunsiderazzjoni tal-effetti potenzjali fuq, fost l-o]rajn, is-sostenibbiltà ekonomika ġenerali, is-sikurezza, b'mod partikolari s-sikurezza min-nirien, u s-saħħa u l-benessri tal-annimali.*** |

**Emenda 70**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 1 – subparagrafu 2b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ir-regoli operattivi għandhom iqisu t-tekniki emerġenti fit-trobbija tal-annimali, kif imsemmi fl-Artikolu 27(1), u għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li taħthom l-awtorità kompetenti tista' tagħti permess lil azjenda agrikola li tuża tali tekniki.*** |

**Emenda 71**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 2 – subparagrafu 2c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ir-regoli operattivi għandhom joffru firxa wiesgħa ta' għażliet u ma jippreskrivux l-użu ta' teknika jew teknoloġija partikolari.*** |

**Emenda 72**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 25**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 70i – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha għall-permessi ***għall-installazzjonijiet*** ikkonċernati jkunu konformi mar-regoli operattivi msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 42 xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat li jistabbilixxi dawk ir-regoli.". | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet kollha għall-permessi ***għall-azjendi agrikoli*** ikkonċernati jkunu konformi mar-regoli operattivi msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien 42 xahar mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat li jistabbilixxi dawk ir-regoli.". |

**Emenda 73**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 27**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 74 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *2.* Sabiex id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu jistgħu jilħqu l-objettivi tagħha li tipprevjeni jew li tnaqqas l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u li tikseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 76, biex temenda l-Anness I ***jew l-Anness Ia billi tinkludi f'dawk l-Annessi attività agroindustrijali li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) għandha jew huwa mistenni li jkollha impatt fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent, b'mod partikolari bħala konsegwenza tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u tal-użu tar-riżorsi;*** | |
| ***(b) il-prestazzjoni ambjentali tagħha tvarja fi ħdan l-Unjoni;*** | |
| ***(c) tippreżenta potenzjal għal titjib f'termini tal-impatt ambjentali tiegħu permezz tal-applikazzjoni tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli jew metodi tekniċi innovattivi;*** | |
| ***(d) l-inklużjoni tagħha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva hija vvalutata, abbażi tal-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tagħha, biex ikollha proporzjon favorevoli ta' benefiċċji tas-soċjetà għall-kostijiet ekonomiċi.*** | |

**Emenda 74**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, bħala parti mill-pubbliku kkonċernat, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li*** | ***imħassar*** |

***jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali jitħallew jirrappreżentaw lill-individwi affettwati u jressqu azzjonijiet kollettivi għal kumpens. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li talba għal ksur li jwassal għal dannu ma tkunx tista' tiġi segwita darbtejn, mill-individwi affettwati u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi msemmija f'dan il-paragrafu.***

**Emenda 75**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32**
Direttiva 2010/75/UE
Artikolu 79a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn ikun hemm talba għal kumpens f'konformità mal-paragrafu 1, appoġġata minn evidenza li minnha tista' tiġi preżunta rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-ksur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà tkun fuq il-persuna ***responsabbli għall-ksur*** biex turi li l-ksur ***ma kkawżax jew ma kkontribwixxiex*** għad-dannu. | 4. Fejn ikun hemm talba għal kumpens f'konformità mal-paragrafu 1, appoġġata minn evidenza li minnha tista' tiġi preżunta rabta ta' kawżalità bejn id-dannu u l-ksur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà tkun fuq il-persuna ***li tkun għamlet l-allegazzjoni*** biex turi li l-ksur ***kkawża jew ikkontribwixxa*** għad-dannu. |

**Emenda 76**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness -Ia (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(33a) Jiddaħħal l-Anness -Ia stabbilit fl-Anness Ia għal din id-Direttiva.*** |

**Emenda 77**
**Proposta għal direttiva**
**Anness Ia (ġdid)**
Direttiva 2010/75/UE
Anness -Ia (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***ANNESS -Ia*** |
| | ***Ir-rati ta' konverżjoni tal-annimali għal unitajiet ta' bhejjem ("LSU" - livestock units) li hemm referenza għalihom fid-definizzjoni ta' LSU*** |

| | | |
|---|---|---|
| ***Majjali*** | ***ħnieżer tal-għalla > 50 kg*** | ***0,5 LSU*** |
| | ***Ħnieżer oħra > 30 kg*** | ***0,3 LSU*** |
| ***Pollam*** | ***Tiġieġ tas-simna*** | ***0,007 LSU*** |
| | ***Tiġieġ tal-bajd*** | ***0,014 LSU*** |
| | ***Ngħam*** | ***0,35 LSU*** |
| | ***Dundjani*** | ***0,03 LSU*** |
| | ***Papri*** | ***0,01 LSU*** |
| | ***Wiżż*** | ***0,02 LSU*** |
| | ***Tajr ieħor tar-razzett mhux ikklassifikati banda oħra*** | ***0,001 LSU*** |

**Emenda 78**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34**
Direttiva 2010/75/UE
Anness Ia

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(34) Jiddaħħal l-Anness Ia kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Direttiva.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt g**
Direttiva 2010/75/UE
Anness I – paragrafu 3 – subparagrafu 5 – punt 5.3 –punt a – inċiż i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) it-trattament bijoloġiku (bħad-diġestjoni anaerobika); | (i) it-trattament bijoloġiku (bħad-diġestjoni anaerobika***, ħlief għad-demel***); |

**Emenda 80**
**Proposta għal direttiva**
**Anness II**
Direttiva 2010/75/UE
Anness Ia (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***ANNESS Ia*** | ***imħassar*** |
| ***Attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 70a*** | |
| ***1. It-trobbija tal-baqar, tal-ħnieżer u tat-tjur f'installazzjonijiet ta' 150 unità ta' bhejjem (LSU) jew aktar.*** | |
| ***2. It-trobbija ta' kwalunkwe taħlita tal-annimali li ġejjin: baqar, ħnieżer, tjur f'installazzjonijiet ta' 150 unità ta' bhejjem (LSU) jew aktar.*** | |
| ***L-ekwivalenti approssimattiv f'LSU huwa bbażat fuq ir-rati ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014*.*** | |
| ***__________________*** | |
| **** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 808/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 227, 31.07.2014, p. 18).*** | |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill |
| **Referenzi** | COM(2022)0156 – C9-0144/2022 – 2022/0104(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>2.5.2022 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>2.5.2022 |
| **Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 20.10.2022 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Benoît Lutgen<br>3.5.2022 |
| **Eżami fil-kumitat** | 29.9.2022 24.10.2022 20.4.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 25.4.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 36<br>–: 8<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Atidzhe Alieva-Veli, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Paola Ghidoni, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Norbert Lins, Elena Lizzi, Chris MacManus, Colm Markey, Marlene Mortler, Maria Noichl, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli, Bronis Ropė, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Franc Bogovič, Rosanna Conte, Claude Gruffat, Anja Hazekamp, Pär Holmgren, Benoît Lutgen, Irène Tolleret |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Catherine Griset, Achille Variati |

## VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 36 | + |
|---|---|
| ECR | Mazaly Aguilar, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová |
| ID | Rosanna Conte, Paola Ghidoni, Catherine Griset, Elena Lizzi |
| PPE | Álvaro Amaro, Franc Bogovič, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Benoît Lutgen, Colm Markey, Marlene Mortler, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Renew | Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Irène Tolleret, Emma Wiesner |
| S&D | Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli, Achille Variati |

| 8 | - |
|---|---|
| ID | Ivan David |
| S&D | Maria Noichl |
| The Left | Anja Hazekamp |
| Verts/ALE | Benoît Biteau, Claude Gruffat, Martin Häusling, Pär Holmgren, Bronis Ropė |

| 2 | 0 |
|---|---|
| ECR | Krzysztof Jurgiel |
| The Left | Chris MacManus |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar ir-rimi ta' skart f'landfill |
| **Referenzi** | COM(2022)0156 – C9-0144/2022 – 2022/0104(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 6.4.2022 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>2.5.2022 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE 2.5.2022<br>AGRI 2.5.2022<br>JURI 2.5.2022 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | JURI<br>20.6.2022 |
| **Kumitati assoċjati**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI 20.10.2022<br>ITRE 20.10.2022 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Radan Kanev<br>10.5.2022 |
| **Eżami fil-kumitat** | 12.7.2022 30.11.2022 |
| **Data tal-adozzjoni** | 24.5.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 55<br>–: 26<br>0: 6 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mathilde Androuët, Maria Arena, Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Traian Băsescu, Aurélia Beigneux, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Mohammed Chahim, Maria Angela Danzì, Esther de Lange, Christian Doleschal, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Heléne Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Andreas Glueck, Teuvo Hakkarainen, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Marina Mesure, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O'Sullivan, Nikos Papandreou, Jutta Paulus, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Nicola Procaccini, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyraki, Edina Tóth, Achille Variati, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Anna Zalewska |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | João Albuquerque, Catherine Chabaud, Estrella Durá Ferrandis, Martin Häusling, Romana Jerković, Radan Kanev, Ska Keller, Ondřej Knotek, Danilo Oscar Lancini, Norbert Lins, Marisa Matias, Marlene Mortler, Max Orville, Marcos Ros Sempere, Jadwiga Wiśniewska |

| | |
|---|---|
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Attila Ara-Kovács, Ilana Cicurel, Clare Daly, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Virginie Joron, Erik Marquardt, Pedro Marques, Vera Tax, Kosma Złotowski |
| **Data tat-tressiq** | 19.6.2023 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 55 | + |
|---|---|
| NI | Maria Angela Danzì |
| PPE | Agnès Evren, Radan Kanev, Esther de Lange, Peter Liese, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Maria Spyraki, Pernille Weiss |
| Renew | Pascal Canfin, Catherine Chabaud, Ilana Cicurel, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Max Orville, Erik Poulsen, María Soraya Rodríguez Ramos, Michal Wiezik |
| S&D | João Albuquerque, Attila Ara-Kovács, Maria Arena, Delara Burkhardt, Mohammed Chahim, Estrella Durá Ferrandis, Cyrus Engerer, Heléne Fritzon, Romana Jerković, César Luena, Pedro Marques, Alessandra Moretti, Nikos Papandreou, Marcos Ros Sempere, Günther Sidl, Vera Tax, Achille Variati, Petar Vitanov |
| The Left | Malin Björk, Clare Daly, Marisa Matias, Marina Mesure, Silvia Modig, Mick Wallace |
| Verts/ALE | Margrete Auken, Michael Bloss, Malte Gallée, Martin Häusling, Yannick Jadot, Ska Keller, Erik Marquardt, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus |

| 26 | - |
|---|---|
| ECR | Pietro Fiocchi, Teuvo Hakkarainen, Joanna Kopcińska, Nicola Procaccini, Alexandr Vondra, Jadwiga Wiśniewska, Anna Zalewska, Kosma Złotowski |
| ID | Mathilde Androuët, Aurélia Beigneux, Gianna Gancia, Virginie Joron, Danilo Oscar Lancini, Sylvia Limmer, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone |
| NI | Ivan Vilibor Sinčić, Edina Tóth |
| PPE | Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Christian Doleschal, Norbert Lins, Dolors Montserrat, Marlene Mortler |
| Renew | Ondřej Knotek, Emma Wiesner |

| 6 | 0 |
|---|---|
| PPE | Bartosz Arłukowicz, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Christine Schneider |
| Renew | Andreas Glück, Jan Huitema |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni